AWWISSU 2024 ĦARĠA NRU. 079




RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 11 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 14 | L-Intervista \| Paul P. Borg |
| 17 | L-Intervista \| Mark Vella |
| 19 | L-intervista \| Sergio Grech |
| 21 | L-Intervista \| Irene Chias |
| 23 | L-Intervista \| Peter Magro |
| 25 | L-Intervista \| Toni Aquilina |
| 29 | Reċensjoni - *Moffa* ta' Alfred Sant |
| 31 | Reċensjoni - *Faċċati* ta' J. Camilleri |
| 32 | Kitba ta' Victor V. Vella |
| 33 | Kitba ta' Mary Chetcuti |
| 35 | Reċensjoni - *Mill-Ġrajja tal-Ballata* |
| 39 | Kitba dwar Manwel Cassar |
| 42 | Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin |
| 48 | Versi lil Hinn minn Xtutna |
| 51 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Nibda b'kummenti ta' Salman Rushdie dwar is-saħħa tal-kitba u r-rwol tal-kittieba. Dawn huma riflessjonijiet minn *Knife*, il-ktieb li Rushdie kiteb wara l-esperjenza kerha li għadda minnha meta f'Awwissu tal-2022 qala' 15-il daqqa ta' sikkina u salva b'miraklu: "It has been said, I have said it myself, that the powerful may own the present, but writers own the future, for it is through our work, or the best of it at least, the work which endures into the future, that the present misdeeds of the powerful will be judged." Aktar tard jikteb hekk: "Above all, we must understand that stories are at the heart of what's happening, and the dishonest narratives of oppressors have proved attractive to many. So we must work to overturn the false narratives of tyrants, populists, and fools by telling better stories than they do, stories within which people want to live."

Il-kliem ta' Rushdie huwa ċar u dirett: ir-responsabbiltà tal-kittieba hija dik li jiktbu u fejn hemm il-ħtieġa jikxfu dak li hu ħażin u jistiednu lill-qarrejja biex jaħsbu u jifhmu d-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin. Nistaqsi, kemm mill-kittieba kontemporanji Maltin qed jagħmlu dan? Naf li hemm kittieba Maltin impenjati li jiktbu dwar kwistjonijiet politiko-soċjali fil-gazzetti lokali; oħrajn jittrattaw in-nuqqasijiet ta' pajjiżna fil-proża u l-poeżija tagħhom. Imma dawn huma ftit u m'hemmx front wieħed u intatt.

Rushdie jikteb ukoll dwar l-arti: "Without art, our ability to think, ti see freshly, and to renew our world would wither and die. Art is not a luxury. It stands at the essence of our humanity, and it asks for no special protection except the right to exist. It accepts argument, criticism, even rejection. It does not accept violence. And in the end, it outlasts those who oppress it."

F'*Knife* Rushdie jsemmi bosta kittieba ta' livell dinji oħrajn bħall-Eġizzjan Naguib Mahfouz, it-Tork Orhan Pamuk, iċ-Ċek Milan Kundera, l-Irlandiż Samuel Beckett, il-Portugiż José Saramago, il-Ġermaniż Günter Grass u l-Ingliż Graham Greens. Kemm Mahfouz kif ukoll Beckett, bħal Rushdie, kienu vittmi tas-sikkina. Ta' Saramago, Rushdie jsemmi r-rumanz *Blindness* li jittratta epidemija fejn il-poplu kollu jitlef il-vista u jkollu jaffaċċja konsegwenzi koroh tassew. Kollox jindika li l-letteratura, il-kitba u l-arti veri jitkellmu dwar kwistjonijiet politiko-soċjali attwali li hemm bżonn li jiġu indirizzati. Hawn Malta s'issa ma kellniex kittieba li ġew attakkati bis-sikkina, imma kellna ġurnalista li sfat vittma tal-kriminali minħabba li kienet tikteb dwar ħwejjeġ li jħammġu lil pajjiżna.

Dan kollu jfakkarni fil-versi li Oliver Friggieri jikteb fil-poeżija *Il-Poeta u l-Politiku*: Friggieri jimmaġina lill-politiku jsejjaħ lill-poeta "nemusa fitta" anki għax lill-poeta ħadd ma jgħidlu kif għandu jaħseb ladarba ma jistax jinxtara mill-flus ("il-ktieb tal-bank li għandek iġib ħniena"). Hemm min il-VERITÀ jrid jgħakkisha, jagħlqilha ħalqha, jidfinha, għax toqorsu qatigħ, u hemm min din il-VERITÀ jberraħha proprju għax tirrigwarda lil poplu sħiħ, poplu li, jekk verament hu edukat u jaf jaħseb b'moħħu, ma jistħoqqlux ħlief il-VERITÀ.

B'xi mod IL-PONT qed jgħin biex min irid jiftaħ moħħu għall-ħsibijiet u l-kreattività ta' għadd kbir ta' kittieba, kemm lokali kif ukoll barranin, li jħaddmu l-lingwa mhux biex iqarrqu u jisfruttaw lil dawk ta' madwarhom għall-vantaġġ personali, imma biex iġibu ftit iktar dawl f'soċjetà fejn għal bosta d-dlam tal-injoranza huwa komdu tassew. Il-qari jiftaħ l-imħuħ u jgħinek tara lil hinn. Mela matul is-sjaf AQRA u AĦSEB.



# Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

**IL-POETESSA ALI COBBY ECKERMANN REBBIEĦA TAN-NSW PREMIER LITERARY AWARDS**



Ali Cobby Eckermann

F'Mejju li għadda l-poetessa Awstraljana li tikteb bid-djalett ta' Yankunytjatjara, Ali Cobby Eckermann, ingħatat il-premju letterarju New South Wales Premier għas-sena 2024. *She is the Earth* huwa rumanz metafiżiku f'versi li Eckermann ippubblikat wara tmien snin ta' assenza mid-dinja letterarja. Hija rebħet il-kategorija tal-Kittieba indiġeni, premju ta' 40 elf dollaru. Din hija t-tieni darba li Eckermann qed tirbaħ dan il-premju, wara li fl-2013 rebħitu bil-ktieb *Ruby Moonlight*. Eckermann toqgħod f'Koolunga, fin-Nofsinhar tal-Awstralja, u tammetti li *She is the Earth* twieled minn sens qawwi ta' rabta mal-Pajjiż, familja u l-jien, xi ħaġa li hi kisbet billi tgħallmet tpoġġi fil-kwiet u tisma' lil dak li hi ssejjaħ "leħen poetiku".

**ANTHONY HOROWITZ SE JKUN IL-MISTIEDEN SPEĊJALI TAL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2024**

Il-mistieden speċjali għall-edizzjoni tal-2024 tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jkun Anthony Horowitz. Il-Festival se jsir bejn l-Erbgħa 6 u l-Ħadd 10 ta' Novembru fil-Malta Fairs and Convention Centre, Ta' Qali. Il-preżenza ta' awtur tal-kalibru ta' Horowitz timxi id f'id mat-tema ewlenija tal-Festival: #dinjietjirrimaw – li tissimbolizza l-qawwa tal-letteratura li tqarreb lejn xulxin nies minn kull triq tal-ħajja. Horowitz twieled fl-1955, u huwa kittieb Brittaniku magħruf ħafna mat-tfal u ż-żgħażagħ bis-sensiela ta' rumanzi ta' spjunaġġ ta' Alex Rider. Horowitz kien tqabbad ukoll jikteb stejjer ġodda ta' Sherlock Holmes u James Bond mill-eredi detenturi tad-drittijiet ta' Conan Doyle u Ian Fleming, rispettivament. Reċentement, is-serje ta' *Hawthorne u Horowitz* – li l-ħames ktieb tagħha *Close to Death* ħareġ f'April – tieħu laqta metafittizja tal-ġeneru tal-polizjesk għax Horowitz stess jidħol fl-istorja b'karattru jixbah lil John Watson u li jkun ta' spalla għad-ditektiv titulari Hawthorne. Il-parteċipazzjoni ta' Horowitz fil-Festival tkompli ma' storja ta' parteċipazzjonijiet illustri oħra, fosthom Salman Rushdie, Irvine Welsh, John Boyne, Naomi Klein, Joe Sacco u oħrajn li ħadu sehem fih mindu l-avveniment ħa nifs ġdid fl-2013. Horowitz se jipparteċipa f'numru ta' attivitajiet waqt il-Festival, u b'hekk se jolqot udjenzi differenti. Se jtella' masterclass għall-kittieba, imbagħad jieħu sehem f'xow għat-tfal. Horowitz se jkun ukoll intervistat mill-Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università ta' Malta, il-Prof. James Corby, f'intervista li mistennija tkun waħda li se tmiss max-xogħol kollu tiegħu.



Anthony Horowitz

### SIT TA' RIĊERKA MTELLA' MID-DIPARTIMENT TAL-MALTI, UNIVERSITA' TA' MALTA

It-taqsima ARKIVJU, parti mill-inizjattiva malti.mt, hija kkoordinata mill-Prof. Adrian Grima, bil-għajnuna ta' Saviour Sam Agius, Daniel Bezzina, Jean Paul Borg u Mattea Demarco. Tiġbor għadd kbir ta' filmati u recordings ta' konferenzi, taħditiet u intervisti li minn żmien għal żmien jorganizza d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta. ARKIVJU jiġbor fih dawn l-oqsma: Ilħna mill-Imgħoddi; Il-Qagħda tal-Ilsien Malti; Diploma fil-Letteratura Maltija; Kittieba Maltin; De Soldanis; Vassalli; Kantilena; Mistednin Internazzjonali; Konferenzi; Siltiet (fejn wieħed isib qari ta' poeżiji ta' Dun Karm Psaila u Doreen Micallef Chritien); Dizzjunarji; Ilsienna; Kittieba Emigranti Maltin; u Taħditiet | Għaqda tal-Għalliema tal-Malti. Għal min huwa interessat fil-letteratura Maltija u anki fl-Ilsien Malti, dan hu sit interessanti mimli tagħrif u utli qatigħ. Ara: https://malti.mt/arkivju/oqsma/

### KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "DOREEN MICALLEF" 2024

Is-sejħa għall-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija "Doreen Micallef" 2024 kienet miftuħ bejn l-14 ta' Mejju u t-22 ta' Lulju 2024. Infakkru li r-riżultati jitħabbru fit-8 ta' Novembru 2024. Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef huwa l-iktar konkors prestiġjuż ta' poeżija waħda bil-Malti. Kull sena l-konkors jiġi ġġudikat minn ġurija maħtura mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ġurija tevalwa l-poeżiji anonimament skont damma ta' kriterji li jiffukaw fuq l-awtentiċità, is-saħħa immaġinattiva, il-karattru distintiv tal-vuċi poetika, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit. Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru u jirċievu l-premju tagħhom f'ċerimonja ta' premjazzjoni matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024 li din is-sena se jsir bejn l-Erbgħa 6 u l-Ħadd 10 ta' Novembru. Il-ġurija tirriżerva d-dritt li l-premjijiet ma jingħatawx jekk tqis li ma jkunx intlaħaq il-livell mistenni.

### LEJLA LETTERARJA U TNEDIJA TA' KTIEB FI ĠNIEN ROMEO ROMANO



Nhar id-19 ta' Mejju 2024 tnieda l-ktieb *Poġġi* tal-kittieb żagħżugħ Gabriel Lia. Il-post magħżul kien il-Ġnien Romeo Romano f'Santa Venera. *Poġġi* jiġbor fih kitbiet ta' natura varja flimkien ma' ritratti ispirati mid-dinja tal-anzjani. Waqt il-lejla Gabriel Lia fetaħ billi spjega minn fejn twieldet l-idea wara *Poġġi*, u aktar tard wieġeb għal mistoqsijiet li għamlitlu l-Presidenta attwali tal-Għaqda tal-Malti, Università, Ilona Sciberras. Kemm Gabriel kif ukoll Ilona mbagħad qraw siltiet mill-ktieb fejn taw lil dawk preżenti idea tajba dwar il-kontenut ta' *Poġġi*.

### VERŻJONI BIL-MALTI TAĊ-CHAT GPT

Kelliema bil-Malti issa jistgħu jitkellmu b'mod fluwenti ma' AI chatbot direttament bl-ilsien Malti. Dan wara li f'Mejju 2024 tnediet verżjoni ġdida taċ-ChatGPT, bl-isem ta' ChatGPT 4 Omni. Meta ġiet ittestjata nstab li din il-verżjoni hija adattata biex tagħmel konverżazzjonijiet sħaħ fl-ilsien Malti, kontra verżjonijiet preċedenti. Din il-verżjoni aġġornata naqqset ħafna minn dawk li jissejħu "alluċinazzjonijiet" ladarba tipprovdi ħafna inqas tweġibiet ivvintati jew bla sens li tippreżentahom bħala fatti. Dan iċ-chatbot għandu jgħin aħjar f'numru ta' xogħlijiet, fosthom fit-traduzzjoni minn u għall-Malti, riċerka dwar kwistjonijiet Maltin, u fl-għoti ta' tagħrif dwar traduzzjonijiet u drawwiet Maltin.

### LAQGĦA ĠENERALI ORDINARJA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



Il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja tal-Malti saret fil-11 ta' Lulju 2024 f'Dar l-Ewropa, il-Belt u mxiet mal-

aġenda kif jitlob l-istatut. Joseph P. Borg (Segretarju) qara l-minuti tal-LĠO tal-11.07.2023 li fost oħrajn semmew li matul is-snin 2021-2023 b'kollox kienu saru 91 laqgħa u l-ħarġa akkademika *Il-Malti* (XCIV, 2021) għall-ewwel darba peer-reviewed. Issemmew ukoll it-taħditiet li saru minn Dr Mario Cassar, Dr Sergio Grech u Simon Salafia, il-ktejjeb diġitali għall-istudenti aċċessibbli permezz ta' QR code u l-konferenza 'L-Użu tal-Malti Fostna' tas-26 ta' April 2023 bħala parti mill-kampanja li saret mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Il-minuti rreġistraw ukoll il-wirja ma' Heritage Malta 'Il-Malti: il-Mixja sal-Għarfien Uffiċjali' bi ktejjeb jikkumplimenta l-wirja; it-tnedija ta' *Fejjaqtni Int – Rużar Briffa u Jien* ta' Paul P. Borg f'għeluq is-sittin sena mill-mewt tal-Poeta u s-serata f'ġieħ Oliver Friggieri f'Għawdex. Ir-Rapport Amministrattiv intbagħat lill-membri kollha b'email u fil-LĠ ġie ppreżentat permezz ta' powerpoint. Ir-Rapport inkluda l-attivitajiet li ġew organizzati matul l-aħħar sena fosthom is-serati f'ġieħ il-Prof. Ġużè Aquilina fil-Knisja tal-Munxar (20.10.2023) u f'ġieħ Ġorġ Pisani fil-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat, f'Għawdex. Issemmiet ukoll il-Midalja tad-Deheb (14.11.2024) – onorifiċenza li ngħatat lis-Sur Charles Casha għas-sehem imprezzabbli tiegħu fil-qasam letterarju Malti. Ir-rapport inkluda wkoll dettalji dwar il-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* f'ġieħ Oliver Friggieri li tinsab finalizzata biex tmur għall-istampa u r-raba' edizzjoni ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa* li ġie ppubblikat bħala l-ewwel volum fis-Sensiela Letteratura Klassika Maltija. Ir-rapport semma wkoll l-erba' taħditiet li l-Akkademja organizzat matul l-2023-2024: f'Settembru ta' Charles Bezzina bit-taħdita dwar 'L-Ilsien Malti f'Għawdex fis-snin tal-Gwerra'; fi Frar it-taħdita ta' Dr Noel Buttigieg dwar 'L-ikel u lil hinn minnu f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka'; f'April it-taħdita ta' Ivan Said fuq May Butcher, dwar 'L-Ingliża li ħabbet l-ilsien Malti u xprunat it-traduzzjoni', u f'Mejju ta' Leanne Ellul dwar l-onomatopea fil-Malti. Kemm il-Minuti kif ukoll ir-Rapport Amministrattiv ġew approvati unanimament mill-membri preżenti. Phyllis Debono (Teżoriera) qrat ir-Rapport Finanzjarju li ġie approvat unanimament. Ġorġ Borg u Anthea Enriques inħatru bħala awdituri u ffirmaw id-dokumenti. Fid-diskors tiegħu, Dr George Farrugia (President tal-Akkademja) għamel diskors bit-titlu 'Eżami ta' Kuxjenza' li fih fisser it-tħassib tiegħu għall-fatt li minkejja l-attivitajiet li l-Akkademja torganizza u minkejja n-numru ta' msieħba, huma ftit li juru interess u jattendu. Huwa ħa spunt mill-editorjal ta' *Il-Malti* ta' Diċembru 1975 bit-titlu 'Il-futur tal-Akkademja' li qanqal l-istess sentimenti. Il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja għalqet wara diskussjoni bejn il-membri preżenti u fost ħwejjeġ oħra ssemma ċ-Ċekkjatur tal-Malti bħala għodda meħtieġa u li għandu jiġi organizzat seminar li jinvolvi direttament lill-membri dwar il-futur tal-Akkademja.

**IL-KITTIEBA TALJANA ELENA FERRANTA BĦALA L-AQWA FIL-LISTA TAL-ĠURNAL NEW YORK TIMES**

Ir-rumanz *L'Amica Geniale* (2011) ta' Elena Ferrante ħakem ukoll in-New York Times ladarba jinsab fl-ewwel post tal-klassifika tal-aqwa 100 ktieb tas-seklu 21. Dan ir-rumanz, maqlub fl-Ingliż bl-isem ta' *My Brilliant Friend* minn Anne Goldstein, ġie tradott f'40 ilsien differenti u tiegħu nbiegħu miljuni ta' kopji. Din id-deċiżjoni ttieħdet minn 500 espert tal-letteratura li ġew mitluba jagħżlu l-10 kotba ippreferuti minnhom ippubblikati mis-sena 2000 'l hawn. Fost dawk li ħadu sehem f'din l-għażla nsibu lil personalità bħal Stephen King, Bonnie Garmus, Claudia Rankine, James Patterson, Sarah Jessica Parker, Karl Ove Knausgaard, Elin Hilderbrand, Thomas Chatterton Williams, Roxane Gay, Marlon James, Sarah MacLean, Min Jin Lee, Jonathan Lethem u Jenna Bush Hager, uħud fost il-503 rumanżiera, poeti, saġġisti, kritiċi letterarji u persuni oħra li jħobbu l-letteratura. Apparti r-rumanz *L'amica geniale* (fl-ewwel post), ta' Elena Ferrante ġew magħżula wkoll żewġ rumanzi oħra: *Storia della bambina perduta* (2014) li jifforma r-raba' volum tas-serje *L'amica geniale*, u r-rumanz *I giorni dell'abbandono* (2002). Ferrante hija l-unika kittieba li għandha tliet rumanzi tagħha f'din il-klassifika prestiġjuża. Fit-tieni post tal-klassifika nsibu *The Warmth of Other Suns* (2010) ta' Isabel Wilkerson, segwit minn *Wolf Hall* (2009) ta' Hilary Mantel fit-tielet post.




**TRATRA II — SKOLA TAT-TRADUZZJONI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

TraTra huwa programm ta' erbat ijiem li fih iż-żgħażagħ se jitgħallmu dwar is-sengħa tat-traduzzjoni permezz ta' eżerċizzji prattiċi, taħditiet u workshops minn tradutturi mistednin minn oqsma differenti (ġenerali, proża, poeżija u traduzzjoni awdjo-viżiva). Il-parteċipanti se jkollhom ukoll l-opportunità li jagħmlu xogħol individwali bl-għajnuna tat-tuturi tal-kors. TraTra se jsir bejn it-3 u s-6 ta' Settembru 2024, f'Dar l-Ewropa l-Belt Valletta, bejn l-10:00 u t-15:00. Il-parteċipazzjoni hija mingħajr ħlas, iżda jista' jkun li l-parteċipanti jintalbu jagħmlu prova żgħira biex jiġu aċċettati fil-kors. Biex jieħdu sehem, il-parteċipanti jrid ikollhom ħakma nattiva tal-ilsien Malti u ħakma tajba tal-Ingliż. It-traduzzjonijiet isiru għall-Malti. TraTra huwa inizjattiva tal-uffiċċju tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, u huwa parti mill-programm tat-Translating Europe Workshops. Min hu interessat jeħtieġ jirreġistra hawn: https://forms.gle/o5eT4FUsJCixeERQ9

# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

**Email mingħand Mario Griscti, il-31 ta' Mejju 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi mill-qalb ta' IL-PONT ħarġa numru 078 li rċevejt ftit tal-ħin ilu. Ippermettili nkompli nfaħħar il-kontenut li dan il-magażin letterarju mogħni bih, u li jistimula interess dejjem akbar lejn il-letteratura tagħna u l-letteratura ta' pajjiżi viċin u/jew distanti minna. Ħolistikament, IL-PONT hu prinċipju nobbli, ktibizzat f'format elettroniku. Grazzi mill-qalb, ħabib.

B'Imħabba,
Mario

**Email mingħand Joe M. Attard, l-1 ta' Ġunju 2024**

Tislijiet u mill-ġdid Grazzi ta' IL-PONT li nemmen li jeħodlok tant xogħol imma li inti tagħmlu bl-akbar imħabba, żelu, dehwa u dedikazzjoni!

Nixtieqlek saħħa u għomor!
Jma

**Email mingħand Dr Charles Xuereb, l-1 ta' Ġunju 2024**

Bonġu għażiż Patrick,

Ħajr minn qalbi li għalkemm għadu kemm ħareġ ir-rumanz tiegħi xorta sibt ċans iddaħħlu f'IL-PONT. Nifraħlek għal edizzjoni ta' livell għoli.

Jekk tippermettili se ntella' wkoll il-ħolqa għal IL-PONT fuq il-FB tiegħi. Tgħin inxerrdu r-rivista wkoll.

Tislijiet u awguri,
Charles

**Email mingħand Alfred Grech, l-1 ta' Ġunju 2024**

Bonġu Patrick.

L-ewwel nett prosit tal-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Dan huwa organu li kulma jmur dejjem ġej 'il quddiem, u li tassew inħoss li, barra milli qed jimla ċertu vojt fil-letteratura Maltija, qed iservi tassew ta' pont bejn il-kittieba u l-qarrejja tal-Malti u tal-letteratura inġenerali.

Ta' min ifaħħar (mhux għax f'wiċċek) dan l-isforz li żgur li qed jeħodlok ħafna ħin u enerġija *gratis et amore dei*. Talinqas isservi ta' xempju għal min forsi għandu kemm il-mezzi f'dawk li huwa *manpower* u riżorsi (bħalma huwa finanzi) biex jagħmel xi ħaġa fuq il-passi tiegħek u jservi mhux biss ta' ġieħ imma ta' sostenn għal-lingwa u għat-tagħlim tal-Malti.

Nawguralek kull suċċess fil-ħidma tiegħek, nirringrazzjak u mill-ġdid awguri.

Tiegħek,
Alfred.

**Email mingħand Maria Camilleri, it-3 ta' Ġunju 2024**

Hello Patrick,

Għadni kif qed naqra IL-PONT u tgħidx x'sorpriża ħelwa ħadt meta rajt li inkludejt novella minn tiegħi, "L-Orgni". Kemm ħadt gost naraha fuq rivista hekk prestiġjuża, vera nħossni onorata. Grazzi Patrick. Taf li ħadt gost nerġa' naqraha, qisni nsejt li kont ktibtha jien.

Nerġa' nirringrazzjak u nifraħlek tax-xogħol li twettaq b'risq il -lingwa tagħna.

Inselli għalik,
Maria

**Email mingħand Prof. Rena Balzan, 4 ta' Ġunju 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna talli għoġbok iġġib f'IL-PONT (Nru. 078) intervista ma' Antoinette Pace dwar it-traduzzjoni ta' żewġ rumanzi tiegħi. Minbarra li hi brava ħafna, Antoinette hija intiża sew fil-Letteratura Ingliża li issa ilha tistudja u tgħallem f'livell avvanzat għal għexieren ta' snin.

Bħas-soltu prosit tassew għal IL-PONT li fl-opinjoni tiegħi sar Rivista Letterarja Virtwali importanti ħafna għal-Letteratura Maltija.

Nixtieqlek is-Saħħa u s-Sliem,
Rena

**Email mingħand Charles Bezzina, l-4 ta' Ġunju 2024**

Għażiż Patrick,

F'dan IL-PONT li għadni kemm qrajt, għoġbitni ħafna l-kitba dwar "Is-Setaħ". Kif kiteb l-awtur tagħha Victor Vella, is-setaħ huwa parti integrali mid-dar rurali Maltija. Ħassejt ħafna nostalġija waqt li kont qiegħed naqrah l-aktar għax dak li qed jinbena huma torrijiet ta' konkrit u aluminju. L-awtur fisser ħafna tajjeb l-użu tas-setaħ fl-imgħoddi, u waqt li kont nixtarr kitbitu, ħassejt demgħa ħierġa minn għajnejja għal dak iż-żmien li kien u qatt ma jerġa'.

Tislijiet,
Charles Bezzina

**Email mingħand Frank Zammit, l-10 ta' Ġunju 2024**

Għażiż Patrick,

Għadni kif spiċċajt naqra IL-PONT ta' Ġunju li bħas-soltu sibtu ta' interess kbir.

Din id-darba l-aktar li laqatni kien l-editorjal tiegħek, għax fih sibt il-konferma għalli dejjem ħsibt jiena rigward l-immarkar tal-kotba u l-memorji u *Melitensia* li wieħed jista' jsib f'kotba użati minn ħaddiehor qabel ma jiġu f'idejh.

Fil-fatt għadni kif ftaħt wieħed mill-kotba li ħallieli Valentin Barbara qabel ma ħalliena, u fih sibt (1) poeżija miktuba bil-linka b'id Dun Frans Camilleri bl-isem "Lil Dun Karm... F' għeluq it-28 sena minn Mewtu", (2) nota li Valentin kiteb lil ġenitur ta' tifel li kien jgħallem fil-Kulleġġ ta' San Albert, il-Belt, (3) it-timetable tal-lezzjonijiet li kien jagħti fl-istess Kulleġġ, u (4) kard bl-indirizz ta' Karmen Mikallef Buhagar! Rigward l-immarkar, qatt ma naqra ktieb mingħajr lapes f'idi li bih nimmarka kulma jogħġobni u nikkoreġi xi żbalji li ninduna bihom biex inkompli nitgħallem waqt li qiegħed naqra.

Għandek raġun kemm trid ħabib!

Ħajr, saħħa u sliem!
Frank (L-Awstralja)

**Email mingħand Vanessa Fenech, il-11 ta' Ġunju 2024**

Għażiż Dr Sammut,

Niżżikħajr qatigħ tal-edizzjoni l-ġdida ta' IL-PONT. Jien u naqra l-editorjal ħarsit lejn il-librerija mdaqqsa li għandi b'kotba ġodda u kif ukoll użati. Ġeddidt il-memorji tal-paġni sofor u ta' dik ir-riħa partikolari li jkollu kull ktieb - l-imħabba lejn il-ktieb!

Prosit tassew!

Tislijiet,
Vanessa

**Email mingħand Therese Vella, 13 ta' Ġunju 2024**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' ħarġa oħra IL-PONT u ħajr li għoġbok issemmi l-ktieb tiegħi ppubblikat minn Horizons, *Dak Li Tiżra', Taħsad*. Ħadt pjaċir nara li ħarġu ħafna kotba oħra, ilkoll ivarjaw fl-istil u l-kontenut. Nittama li dan hu sinjal li l-Malti, bil-kontra ta' dak li spiss jingħad, MHUX QED IMUT.

Prosit u awguri lill-awturi kollha.

Tislijiet,
Therese

**Email mingħand Alfred Caruana Ruggier, l-24 ta' Ġunju 2024**

Grazzi talli bgħattli IL-PONT Nru, 078 ta' Ġunju li jien napprezza ħafna. IL-PONT dejjem ikun b'kitba interessanti u varjata.

Fl-Editorjal int kkwotajt kitba interessanti ta' Eco dwar ir-relazzjoni tagħna mal-kotba u int, validament, semmejt is-sorpriżi ta' meta tixtri ktieb użat. Jien ġo ktieb tal-1800 sibt bulettin (li kien jinkiteb mill-kappillan waqt it-tqarbin tal-Għid). Dan hu stampat fuq karta ċkejkna rqiqa tal-parroċċa tal-Isla bid-data 1814 u ffirmat b'linka sewda, li hi s-sena ta' meta spiċċat il-Pesta u li fl-Isla ma kien miet ħadd, u aktar tard għamlu l-istatwa tal-Madonna f'nofs dik il-belt bħala ħajr. Naħseb li inti taf bil-pittura ta' Pietru Pawl Caruana li turi qassis li, fi żmien dik il-pesta, qiegħed iqarben bi mqass twil bħala prevenzjoni kontra l-imxija ta' dik il-marda.

Grazzi wkoll talli stampajt il-poezija tiegħi 'Mediterran' mill-ktieb *Malta: Qawsalla ta' Kulturi*. Barra milli bil-Malti (f'antoloġiji u li għadhom manuskritti) għandi wkoll poeżiji bit-Taljan, stampati fl-Italja u bl-Ingliż.

Proset tax-xogħol li tagħmel bi professjonalità u mħabba lejn il-letteratura ta' forom u xejriet differenti u nixtieqlek saħħa u kull ġid.

Tislijiet,
Alfred Caruana Ruggier





# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL PAUL P. BORG DWAR *FEJJAQTNI INT. RUŻAR BRIFFA U JIEN*, 2023

**X'kienet dik ix-xrara li ġagħlitek tibda xogħol bħal dan?**

Meta kelli xi tmienja, disa' snin kont imradt sewwa b'infezzjoni f'ġismi kollu, kien waqagħli ħafna xagħar, irqajja' sħaħ bla xagħar, u nksejt bi msiemer kollni kemm jien. Kien żgur ġej minn ġiri fl-għelieqi li kien hemm madwar id-dar tagħna fejn kienu anki jbattlu l-ħmieġ tal-fosos. Kienet kundizzjoni kerha u tittieħed ħafna. Imma missieri kien ħadna għand l-ispeċjalista tal-mard tal-ġilda, id-dermatologu Rużar Briffa li wara ħafna żmien fejjaqni! Ġara, madankollu li wara għexieren ta' snin id-destin laqqagħni ma' dermatologu ieħor, Dr Dino Vella Briffa; sirna ħbieb sewwa u sirt naf li kien in-neputi ta' Rużar Briffa. Kelma ġġib oħra, u twieled dan il-proġett li sejjaħt *Fejjaqtni int*.

**Kemm ħadlek żmien dan ix-xogħol, u x'kienu l-fażijiet ewlenin tiegħu?**

Ir-riċerka, meta tibdiha, ma tħallikx tieqaf! Imma bdejt billi qrajt darba tnejn tlieta l-lirika tal-Poeta, m'hemmx isbaħ minnha fil-Letteratura tagħna! Tħabbatha mal-lirika tal-ikbar Letteraturi eqdem minn dik tagħna! Qrajt kulma sibt dwar Rużar Briffa, tkellimt ma' ħafna nies, tkellimt ma' qraba u min seta' kien jafu, sifirt nagħmel ir-riċerka, qallibt arkivji, libreriji... Jien ridt insir nafu sewwa, ridtu jkun biex ingħid il-ħin kollu miegħi, fi ħsiebi, biex jgħidli kif jaħsibha, x'inhu jħoss - tinsiex lilu jien kont nafu, niftakru sewwa, kont naf ħarstu, għajnejh ħodor kollha faraġ jixbhu lil ta' missieri. Imma l-ħarsa ta' missieri bir-raġun kollu kienet tkunu kollha għadab għalija talli ġibt tant saram fuq il-familja! Kont




nitfarraġ u nserraħ rasi bit-tbissima kollha mogħdrija li kellu t-Tabib. Kien saħansitra jserraħni fuq irkubbtejh waqt li jgħarrex fija u jqallibli l-flokk u jarali żaqqi u dahri... Jiena u nfittex fuqu ridt inkun ħabib tiegħu sewwa u nitgħallem kif seta' kien jaħsibha fil-kuntest taż-żmien li għex. Proċess li

kien ilu ġej ftit ftit matul snin twal, qabel l-Università... imma ntfajt fuqu dawn l-aħħar tlieta erba' snin... il-qari, it-tiftix, ġiri lil hemm u lil hawn, ma tafx, sigħat sħaħ, tkun bħallikieku magħluq mentalment bħallikieku jrtir miegħu, tistaqsi u tittallab it-tweġibiet, tħossu ħdejk kważi inti u tikteb, tmiss l-istess karti li kiteb hu... l-istess esperjenza li kelli meta ktibt il-bijografija ta' Carmel Attard u tal-Baruni Vella Haber.

**Huwa ktieb li jiffoka qabel xejn fuq Rużar Briffa bħala bniedem. Liema tip ta' riċerka għamilt? Fejn ħaditek? Ma' min laqqagħtek?**

Kif fissirtlek, fittixt aktar lil Rużar Briffa bħala bniedem, u ma ridtx nikteb trattat xjentifiku ta' kritika letterarja. Ma kienx kompitu tiegħi li nagħmel dan. Aktarx kelli f'moħħi dik l-istrateġija li nfittex dejjem lill-bniedem waqt riċerka etnografika oħra li kont ilni snin nagħmel għal pubblikazzjonijiet oħrajn dwar snajja' qodma, tradizzjonijiet, folklor, għajdut... kollu tiftix li bdejt nagħmel xi ħamsin sena ilu meta ntbaħt li l-ambjent u s-soċjetà rurali qed titbiddel mil-lum għal għada ma' kull xiħ u xiħa li jmutu. Dawn iġorru magħhom lejn il-qabar l-ilwien qodma tal-identità u l-ambjent jitbiddel. Qallibt u qrajt kull fejn stajt insib lil Rużar bniedem, tlajt inqalleb l-Ingilterra, nara fejn kien jistudja, nitkellem ma' nies li kienu jafuh... Skoprejt dak kollu li għadda minnu meta kien l-Indja għax kiteb hu stess bħal djarju li ppubblikajt fil-ktieb, Rużar kiteb dwar il-kruha tal-ġdiem, il-miżerja fl-irħula... Fhimt għaliex nixef mill-poeżija meta sema' l-għajta ħadranija kollha wġigħ u mard tal-lebbrużi. Skoprejt lill-ispeċjalisti magħrufin mad-dinja kollha li kien jitgħallem magħhom, fittixt fuqhom, kemm kienu jafu li dan it-Tabib Malti kien ġenju, kemm riduh jibqa' fil-laboratorji f'Londra jew fl-Indja jfittex magħhom il-kura għal-lebbra... *Fejjaqtni int* hu mixja ma' Rużar matul dan is-snin ifejjaq...

**Dan il-vjaġġ ta' fażijiet mill-ħajja ta' Rużar Briffa kien li laqtek l-iktar?**

Iva, il-vjaġġ ta' niket u tiftixa għall-ġmiel tal-fejqan f'ħajtu. Ħadt dil-ġrajja bijografika bħallikieku rumanz jirrakkonta l-vjaġġ sħiħ tal-ħajja ta' Rużar. Jiena tlaqt minn Rużar għadu tifel ta' ftit snin f'dar ommu u missieru, investigajt il-vjaġġ tan-niket u tas-solitudni. Fil-fatt skoprejt li Rużar Briffa qatta' t-tfulija tiegħu sa ma kellu dawk it-tnax-il sena jara lil ħutu jmutu, jitwieldu - u ftit wara jmutu! Ma konniex nafu dawn iċ-ċirkustanzi kiefra qabel. Kienu jmutu ħafna trabi Malta, iżda Rużar l-imwiet ta' ħutu darba darbtejn tlieta ħass - u taħt saqaf wieħed! Fhimt aktar għaliex kien ikkundizzjonat li jħoss il-mard u l-mewt sa minn meta kien tifel u matul ħajtu kollha. Fittixt ħafna fuq dan iż-żmien biex sibt ir-realtajiet li għex Rużar bħala tifel.

Imbagħad kien hemm fażi mill-aktar importanti fil-ħajja ta' Rużar: ta' madwar għoxrin sena kien ħabib kbir ta' Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali. Kitbu poeżiji lil xulxin, sibt stqarrija twila miktuba minn Rużar li tiftaħ beraħ il-karattri li kellhom it-tnejn – parti mill-istess vjaġġ. Rużar jikteb dak li jsejjaħ it-"testment" ta' Dun Karm. Jistqarr ukoll li l-aħħar biċċiet tal-poeżija "Non omnis moriar", kitbuha flimkien, Rużar żagħżugħ u Dun Karm riesaq lejn is-sittin sena! Hawn il-vjaġġ li semmmejtlek jieħu żvolta ġdida: Rużar isib illi mhux kollox imut! *Non omnis moriar*. Ħadt pjaċir niskopri dak li qiegħed jiġri fil-Poeta: kien ferħan li wara kollox mhux kollox imut, ukoll jekk trabba jara tant imwiet id-dar stess! Laħaq tabib biex ifittex l-ikreh mard u jeqirdu. Il-Ġdiem! Imma minkejja kollox, ma setax jeqred in-niket intens li kien għadu jħoss, il-kruhat li ra l-Indja, u aktar tard jikkontempla s-suwiċidju, jaqbeż minn fuq Hastings, jibla' l-pilloli!

Din hi l-isbaħ parti ta' dan il-vjaġġ: min-niket tat-tfulija jistrieħ fuq *non omnir moriar*, ifittex is-suwiċidju, iżda jfittex il-knisja mudlama. U minn hemm ifittex il-kenn ta' ġuf ommu, *tabula rasa*: il-ġuf ifisser bidu ġdid. Jibda jeżisti mill-ġdid. Kenn, faraġ, mistrieħ assolut fil-bidu tal-istess eżistenza mill-imħabba ta' ommu u missieru li bdewlu ħajtu. Dal-vjaġġ akkumpanjah xi ftit l-istess Dun Karm, avolja issa xjaħ, imma waqt li Rużar ifittex ġuf ommu bħala bidu mill-assolut, Dun Karm isolvi l-problemi eiżstenzjali li jgħarbel f' "Il-jien u lil hinn minnu", mhux fil-ħemda u fis-sikta tal-ġuf bħal Rużar, imma billi jġarrab l-imħabba tal-omm imserraħ fuq sidirha. Żewġ poeti kbar li fittxew lil ommhom biex tagħtihom faraġ u kenn.

Imbagħad l-aħħar biċċa tal-vjaġġ: is-sajjetta bla ħsieb li qatlitu ta' 57 sena. Nittama li l-qarrej ikun jista' japprezza dan il-vjaġġ ħalli jifhem aktar il-ġmiel tal-Letteratura tagħna... Kieku Carmel Attard ma kellux vjaġġ ta' ħajja jitqabad ma' soċjetà li sawtitu u sakkritu Monte Carmeli, ma kienx ikollna l-ġmiel tal-poeżija tiegħu. Kieku Rużar Briffa ma kellux f'ħajtu din il-kilba għall-ġmiel u għall-fejqan materjali u spritwali, ma kienx ikollna l-profondità tal-lirika tiegħu.

**Apparti d-daħla, il-biblijografija u l-indiċi ġenerali, inti qsamt dan il-ktieb fi tnax-il kapitlu: Il-Ħżieża; Il-Vjaġġ tan-Niket; Il-Faraġ tal-Familja; Cecilia; Aktar dwar Louisette; Lirika u Umaniżmu; Patrijottiżmu; Karriera u Xogħol; Il-Lebbra u l-Indja; Il-Poeta u xi Kittieba Oħrajn; Riċerkatur; u It-Taqbida mal-Mewt. Liema minn dawn il-kapitli ħadlek l-iktar enerġija? Liema ħadt l-iktar gost taħdem fuqu? Għaliex?**

Jiena inkludejt ukoll time-line kronoloġiku fejn sibt meta kiteb xi poeżiji u x'kienet il-fażi ta' ħajtu. Naħseb din ħadidtli ħafna ħsieb u ħin, dati, ġiri, mistoqsijiet, arkivji... Imma nittama li jinqala' xi ħadd li jkollu aktar żmien jispeċjalizza fuq dan l-aspett u jinvestiga wkoll il-qagħda psikoloġika tal-Poeta f'dak il-waqt. Biċċa riċerka hekk sabiħa għal min jidħol biex jagħmilha! Nixtieq li *Fejjaqtni int* jiswa mqar ta' ftit ġid għal riċerkaturi oħrajn!

**Interessanti l-parti dwar ir-relazzjoni bejn Rużar Briffa u kittieba oħra. Jirnexxilek toħroġ għad-dawl kemm il-ward kif ukoll ix-xewk. Xi tgħid dwar dan?**

Fit-tiftix li għamlit sibt ħafna kittieba kontemporanji li kitbu dwaru, tifkiriet u xi studji. Imma l-aktar li ssorprendieni kien it-"testment" dwar dak li kien isemmilu Dun Karm. Il-kummenti ta' Rużar jitfgħu dawl kbir u dawl ġdid fuq min sewwa sew kien Dun Karm, u min kien Rużar Briffa nnifsu. Dun Karm pereżempju, jistqarru Rużar stess dan, kien jaf bl-amment il-poeżija "Wieħed Biss" għax kienet issaħħru. Sibt tagħrif dwar ir-relazzjoni li kellu ma' għadd ġmielu ta' kittieba u persunaġġi li kienu jafuh sewwa: Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, Wallace Gulia, Ġużè Aquilina, Mons. Anton Gauci, Cassar Pullicino, Prospero Grech, Albert Cassola, Ninu



Paul P. Borg

Cremona, Diacono u tant oħrajn li jiena għarbilt għax kollha kixfu sewwa sew ix-xewk u n-niket li kien hemm fil-Poeta. U l-ġmiel ta' warda lirika mix-xewk ta' ħajtu.

**Xi aspetti oħrajn li huma ġodda.**

Semmejtlek id-dokument tal-qagħda fl-Indja, l-imwiet fuq tfulitu f'dar ommu u missieru, it-"testment" ta' Dun Karm. Imma hemm ħafna aspetti oħrajn: żmienu fl-Università ta' Malta, il-qagħda fl-Ingilterra u dokumenti tal-istudji, komunikazzjonijiet ma' speċjalisti, mal-Gvernatur, mar-rettur. Hemm ukoll aspetti oħrajn ta' ċerta importanza.

**Rużar Briffa Tabib ta' Ruħ Malta:** Rużar Briffa kien Tabib u kien ukoll Poeta. U bħat-tobba ġenerlament jikteb ir-riċetta fuq karta żgħira, imma Rużar kien ukoll tabib tar-ruħ muġugħa u l-poeżija kienet ir-riċetta tal-fejqan ukoll miktuba fuq biċċa karta żgħira! Imma kien ukoll Tabib ta' Malta, tar-ruħ nazzjonali, dan kien parti mill-vjaġġ tiegħu li qatt ma flejna bir-reqqa. Jeħtieġ ukoll issir aktar riċerka dwar dan. Sa mill-ewwel poeżiji tiegħu kitibhom biex ifejjaq lil Malta, imbagħad "L-Għanja tar-Rebħ", kien hemm ukoll il-fejqan tal-Ilsien Malti... ma' sieħbu Ġużè Bonnici ħoloq l-Għaqda tal-Malti fl-Università biex il-Malti jikber u jissaħħaħ... Min jaf għandniex bżonn il-qawwa ta' Rużar Briffa saħansitra llum ħafna u ħafna aktar milli kellna bżonnu meta waqqaf l-Għaqda tal-Malti? Għaliex f'"L-Għanja tal-Emigranti Maltin", l-emigranti ħadu ż-żonqor li kellha Malta u ħallew it-tafal? Twiddiba ta' Rużar? Profezija ta' Rużar?

**Rużar Briffa Riċerkatur:** Aspett ieħor li qatt ma konna nafu dwar Rużar Briffa, hu l-fatt li hu kien Riċerkatur fitt ħafna fl-Istorja ta' Malta. Fittex l-aktar fil-ġrajja medika u soċjali tal-Maltin, qalleb dokumenti u arkivji jfittex dwar trabi abbandunati, faqar, mard, orfni u tfajliet jiġġerrew barra għax bla dar; fittex fuq ħwejjeġ li l-aktar iweġġgħu il-qalb tal-bniedem. Dan jaqbel sewwa mal-karattru li kellu. Il-weġgħat ta' soċjetà mgħakksa. Qiegħed nippubblika għall-ewwel darba studju u riċerka mediko-soċjali li kien fiħsiebu jippubblika xi darba. Kien okkupat wisq bix-xogħol ta' lettur fl-Università, il-klinika tiegħu, u fl-isptarijiet fejn kien responsabbli.

**Għaliex ktieb bħal dan għandu jinxtara minn aktar nies? Lil min għandu jinteressa l-aktar?**

Għandna nitgħallmu kemm nifilħu fuq kittieba Maltin għaliex nuru li qed nagħrfu l-ħtieġa tal-Letteratura, mhux bħala ħela ta' żmien, il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, imma bħala attività li tirrifletti lill-istess soċjetà u turina sewwa sew min aħna.

**Kif torbot xogħol bħal dan ma' kotba li diġà ppubblikajt fl-imgħoddi, fosthom dawk ta' natura etnografika u r-rumanzi u ġabriet ta' novelli? Hemm xi fil komuni li jorbothom flimkien? Liema?**

Fejn jidħlu biografiji dejjem miġbud lejn bniedem b'xi mod muġugħ, jew li jkollu xi impatt soċjali li mhux dejjem jinftiehem jew rikonoxxut. Jew saħansitra xi ħadd li s-soċjetà sawtet! Il-bniedem popolari xejn ma jiġbidni. Kitba etnografika hi oġġettiva, tqalleb fuq Malta ftit ilu biex tara fejn wasalna u fejn sa naslu. U x'qed nitilfu, boloh li aħna! Il-kitba kreattiva hi qasam ieħor: din kitba li ma tistax ma tiktibx għax hi riflessjoni suġġettiva tas-soċjetà.

**Xi jmiss issa?**

Kif għedtlek: il-kitba kreattiva ma tistax ma tiktibhiex, ma tħallikx bi kwietek. U l-etnografija ġġagħlek tfittex u tikteb għax hemm Maltin oħrajn li għadhom lanqas twieldu u mhux sa nilħqu naraw wiċċhom għax inkunu mitna qabel ma jiġu, imma rridu nerfgħulhom il-ħsieb "Malta": il-katina tal-identità jeħtieġ nibqgħu indommuha.

## DUN KARM

Għarwiena l-Belt
mill-iswed, mill-bandieri,
il-Belt tal-Kavalieri
u Dun Karm miet,
il-kbir poeta tagħna
issa mhux magħna.
Ġens Malti mgħannaq
mat-tlellix tal-flus.

## FL-INDJA

... u jiena smajt id-daħka,
id-daħka ħadranija
ta' mitt lebbruż u wieħed
fil-waħx ta' filgħaxija;

u demmi kesaħ fija,
għall-ewwel darba mitt:
għal żmien indfint ħaj mejjet,
għal żmien mill-għana skitt.

**RUŻAR BRIFFA**
(Minn *Rużar Briffa. Il-Poeżiji Miġbura*, ed. Oliver Friggieri, KKM, 1983)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' MARK VELLA DWAR *FJURA TAS-SABBARA, FJURA TAX-XADINA*, KKM, 2023




**Dan hu t-tieni xogħol li qed tittraduċi għall-Malti tal-awtriċi Irene Chias. Kif ivarja dan ix-xogħol minn dak preċedenti?**

Naħseb li jvarja żgur fl-istil, it-teknika letterarja u r-reġistri użati. Filwaqt li *Mur Ġibek...* kien mgħaddas fil-kontemporanjetà, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-problematika femminista, *Fjura...* huwa deliberatament miktub biex anki jironizza dwar dak li l-industrija editorjali Taljana tifhem bħala 'rumanz femminili' kif ukoll 'rumanz Sqalli'.

**X'kienu l-isfidi li ltqajt magħhom din id-darba waqt il-proċess tat-traduzzjoni?**

Din id-differenza li għadni kemm semmejt forniet l-isfidi għat-traduzzjoni, fosthom l-ekwilibriju bejn il-lingwaġġi, speċjalment bejn l-istejjer paralleli u mbagħad is-sorpriża ta' *Jien u x-Xadina* li titbandal bejn il-folk horror u l-fantaxjentifiku. Iżda mhux biss: għaliex dan ir-rumanz narah bħala x'aktarx l-aħjar wieħed ta' Chias, speċjalment fil-kontroll tal-lingwaġġ, l-aktar fil-biċċiet emottivi, intimi jew filosofiċi, imma anki f'waqtiet oħrajn, fejn għalhekk it-traduttur għandu jirrispetta l-istess kontroll u preċiżjoni tal-awtriċi.

**Taħseb li hemm differenza tal-ġeneru fejn tidħol il-kitba tal-letteratura? F'Kap. 16 naqraw hekk: "... il-kitba femminili ma teżistix. Teżisti però l-esperjenza femminili, li mara nimmaġinaw li tafha, imma mhux bilfors, aħjar minn raġel." X'taħseb dwar dan?**

Din qed insir nemminha dejjem iżjed, speċjalment mindu bdejt nittraduċi lil Irene, u jkolli ngħid li dan il-kapitlu kont



Mark Vella
[Ritratt minn ktieb.org.mt]

qed nittraduċih fl-istess żmien fejn kelli nirreċensixxi *Marta Marta* ta' Loranne Vella. Hija fil-fatt il-parti li biha ppruvajt infiehem kif anki ċertu kitba ġdida f'Malta min-nisa ma tridx tiġi analizzata għax sempliċiment miktuba minn mara, għax jista' jkun li mara (f'sens ta' identità sesswali bażika) xorta tikteb skont ideoloġija maskilista jew patrijarkali, wara kollox kif jixtieq il-pubblikatur ta' Adelaide meta jinsistilha dwar rumanz 'għan-nisa'.

**Bħala qarrej jiena ħassejt li dan hu rumanz frammentat u ibridu ladarba jmiss bosta truf ta' ġeneri letterarji differenti. Bħala traduttur x'inhuma l-ħsibijiet tiegħek?**

Hekk hu. Minbarra iż-żewġ stejjer paralleli ta' Adelaide u Adelasia li kontinwament jintisġu f'xulxin, it-taqsima tat-tmiem *Jien u x-Xadina* hija s-sorpriża li tagħti sens lid-diskors ta' Chias u anki tgħaqqad b'xi mod il-preokkupazzjonijiet għaddejjin tul ir-rumanz. It-traduttur għalhekk jiġi mistieden jilgħab kontinwament, bħall-blalen f'idejn ġuklar, bi stili u reġistri għalkollox differenti minn xulxin, li kollha jeħtieġu trattament speċifiku, imma li wkoll iħares lejn li jżomm, minbarra l-fedeltà għall-orġinali, ċerta unità testwali.

**Ħassejt ukoll li hemm żewġ forzi jiġġieldu bejniethom: it-tradizzjoni u l-provokattiv; il-bigottiżmu u t-tfittxija għal-libertà t'espressjoni. X'taħseb dwar dan?**

Hija dikotomija kostanti fir-rumanz li teffettwa wkoll it-traduzzjoni. Bejn l-istorja ta' Adelaide u ta' Adelasia hemm iż-żmien, il-bidliet soċjali, id-drawwiet antiki, u dan wkoll rifless strateġikament fil-lingwa li tuża Chias. Adelasia hija l-protagonista ta' storja ironikament romantika u 'roża' b'lingwaġġ sikwit iffjurit jew para-poetiku, li ħadt gost nittraduċih għaliex mort lura għad-deskrizzjonijiet floridi tar-rumanz romantiku Malti. Min-naħa l-oħra, Adelaide qed tgħix relazzjoni diffiċli fil-kontemporanjetà kumplessa tagħna, u qed iżżur raħal tradizzjonali maqtul mill-qgħad u l-istaġnar soċjali, filwaqt li tagħmel riflessjonijiet ta' natura globali fejn jidħlu elementi ekoloġiċi u politiċi sikwit ta' nisġa anarkika.

**Chias f'Kap. 23 tikteb dwar il-kelma u s-skiet matul l-att tas-sess. Kemm tgħodd din it-tfittxija għall-ekwilibriju bejn il-kelma u s-skiet matul il-proċess tat-traduzzjoni?**

Hija xi ħaġa li qatt ma ħsibt dwarha, iżda mistoqsija li tassew tagħmel sens. Bħalma fil-kitba nitgħallmu li trid turi aktar milli tgħid, l-istess fit-traduzzjoni fejn iseħħu bosta għażliet ta' x'm'għandekx tittraduċi, inkella ta' x'għandek jew m'għandekx tħalli. Bosta drabi, għalhekk, l-għażliet strateġiċi tas-'skiet', jiġifieri tal-mod kif jagħżel it-traduttur, isiru fundamentali għas-suċċess tat-traduzzjoni.

**Mill-esperjenza tiegħek bħala traduttur x'inhuwa l-ħsieb tiegħek dwar l-ilsien Malti meta użat biex iwasslilna xogħlijiet letterarji minn ilsna barranin?**

Sempliċi: li bil-Malti tista' tagħmel kollox. Fl-aħħar mill-aħħar, dik sengħet it-traduttur: li bl-għodda lingwistika li għandek f'idejk, taħdem biex tittraduċi, aktar milli s-sinjali lingwistiċi fuq il-karta, id-dinja espressa minn dawk is-sinjali.

## LIS-SIGAR

Inħobbkom, ja siġar sabiħa,
li żżejnu bi ġmielkom din l-art,
b'xuxitkom li tħaddar mifruxa
b'fwiħitkom ta' żahar u ward.

U xxerrdu tbissima ta' hena
fit-toroq, fl-għoljiet u l-widien,
tbissima ferrieħa li tgħaxxaq
kull ħlieqa fuq wiċċ il-ħolqien;

u l-ajru timlew b'tħaxwix ħelu,
li jidwi bħal għanja fis-skiet
x'ħin magħkom, mal-weraq imriegħed
ifewġu u jitbewsu ż-żiffiet.

O x'seħer fil-ftuħ tar-rebbiegħa,
x'ħin tidhru tal-weraq bil-lbies.
Mifruxa bħal twapet ta' ħdura
fil-ġonna u fl-imsaġar bla qies!

Fid-dell illi tixħtu madwarkom
isibu l-mistrieħ il-bnedmin,
u fikom jistkennu l-għasafar
fi ħdankom bil-lejl miġburin.

Għax intom ħanina u fi ħnientkom
ma ċċaħdu l-għajnuna lil ħadd,
u tridu mill-ġid li jagħnikom
li jieħu u li jifraħ kulħadd.

Għalhekk il-Mulej ried jaħlaqkom,
biex fihom nagħ'rfuh u nħobbuh,
biex nagħ'rfu l-ġmiel tiegħu fi ġmielkom
u 'l għajrna nitgħallmu nħobbuh.

Ja sigar ħanina, mela ikbru
u xterrdu fir-rħula, fil-bliet
għax magħkom iġġibu kull barka
u l-ġmiel ta' gżiritna jiżdied.

**ĠUŻÈ DELIA S.J.**
(Minn *Meta Toħlom il-Qalb*, Giov. Muscat, 1962)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' SERGIO GRECH DWAR IL-KTIEB *ANTON BUTTIGIEG. BEJN STORJA U MITI*, Horizons, 2023




**Kif u meta beda l-proġett *Bejn Storja u Miti*?**

*Bejn Storja u Miti* beda fis-sena 2012. Kien ħareġ il-famuż volum dwar Duminku Mintoff. Ngħid famuż għax kien ktieb li biegħ bl-eluf. Rekord assolut għal pajjiżna! Il-pubblikaturi kienu għamlu strateġija ta' riklamar u marketing li ħadmet. Biss biss intbagħtu flyers fid-djar. Dak iż-żmien ftit kont tara ktieb irriklamat hekk.

Wara l-kapitlu ta' Mintoff, is-Sur David Bezzina kien ħareġ bl-idea li nagħmlu sensiela. Jien kont xettiku. Imma l-lum *Bejn Storja u Miti* hija sensiela li daħlet f'ħafna djar tal-Maltin li jħobbu l-ktieb Malti. Il-volumi qed jinħatfu. Uħud iktar minn oħrajn. Dan ma ngħidux bi ftaħir imma b'sodisfazzjon. Għax wara kollox kif jgħid il-qawl jekk ma tafx ħrafet pajjiżek, ta' min għandek tkun taf?

Bosta drabi, *Bejn Storja u Miti* tinkiteb fi kliem in-nies minkejja l-istatura akkademika u dak hu l-qofol tas-suċċess.

**Kif tasal għall-għażla tal-personalità li fl-aħħar mill-aħħar tagħti isem lill-volumi individwali?**

Bosta drabi, nagħmlu proċess twil ta' brainstorming li fih jieħdu sehem il-pubblikatur u n-nies tiegħu kif ukoll il-qarrej tal-provi billi għandu interess fil-ġurnaliżmu kif ukoll l-Istorja.

Mhux dejjem naqblu, imma hu eżerċizzju li nkunu qed nistennewh. Illum donnu qed infittxu protagonisti li nkiteb ftit dwarhom jew għax ta' madwarhom ħadu l-palju huma. Il-każ ta' Anton Buttigieg pereżempju. Il-kritiċi kitbu dwaru imma kien baqa' ħafna lakuni.

**X'jirrikjedi xogħol bħal dan u x'inhu f'dal-każ xogħol l-editur, f'dan il-każ inti stess?**

Il-proċess huwa twil u xi drabi tedjanti. Wara li jintagħżel is-suġġett, nagħżel il-kittieba. Il-kittieba jkollhom jew espejenza diretta tas-suġġett inkella għandhom interess akkademiku fis-suġġett.

Il-kitba hija dejjem bil-Malti għalkemm jintuża l-Ingliż jekk ikollna xi awtur barrani inkella xi kitba li taf tkun dehret imma li nħossu li toqgħod kexxun mal-proġett.

Biss biss hemm l-istennija li jaslu l-kitbiet li dik tifnik. Wara nibdew il-qari tal-artikli u d-diskussjonijiet mal-kittieba rispettivi. Sadanittant jibda l-qari tal-provi u nkunu diġà fittixna għar-ritratti. Proċess li ġieli dam sal-aħħar minuta. Għax ma tkunx taf fejn sejjer u x'se ssib jew ma' xiex se tiltaqa'. U ġieli jaslulna stejjer ukoll fl-aħħar minuta.

**Liema huma l-volumi li ġew ippubblikati s'issa? Ma' liema oqsma huma marbutin il-personaġġi ttrattati s'issa?**

Bdejna bil-Prim Ministru Mintoff u komplejna b'Monsinjur Victor Grech, figura importanti biex xterdet il-Caritas f'Malta li bdiet programmi għal dawk li riedu jitnaddfu mid-droga.

Volum ieħor hu dwar Herbert Ganado li kiteb *Rajt Malta Tinbidel* u li kien attiv fil-politika meta ġġieled ma' Borg Olivier u waqqaf il-PDN. Il-President Emeritus Eddie Fenech Adami hu suġġett ta' volum ieħor u fih ma jonqsux li jiktbu fih persuni li kienu kontra l-politika tiegħu.

Ktieb ieħor huwa dwar il-President Emeritus Marie-Louise Colerio Preca. Il-kumplament huma dwar Fr Hilary, l-Imħallef Giovanni Bonello, il-kittieb Trevor Żahra u l-aħħar wieħed, Anton Buttigieg.

Inżid li dawn il-kotba mhux ħeġira. Aħna m'aħniex infittxu t-tifħir. Ikun hemm kitbiet li mhux bilfors se jfaħħru lill-protagonist. Imma hemm dibattitu għaddej. Pereżempju ta' Ganado, tqum il-mistoqsija kif Ganado li l-Ingliżi eżiljawh, b'riskju għal ħajtu, seta' ma jaqbilx mal-Indipendenza. Dan huwa l-ispritu tas-sensiela.

**Kif intlaqgħu mill-pubbliku dawn il-volumi? Kien hemm xi wieħed minnhom li mar aħjar mill-oħrajn?**

Ir-reazzjoni kienet ta' success. Illum hemm kotba li mhux se ssibhom. Fosthom il-volumi dwar Herbert Ganado, Monsinjur Victor Grech u Giovanni Bonello. Uħud minn dawn il-kotba anki jġibu prezz tajjeb fl-irkanijiet għax huma mfittxija.

**Min huma l-kollaboraturi/kontributuri u kif tasal għall-għażla tagħhom?**

Kull volum storja għalih. L-ewwel pass li nagħmel hu eżami dettaljat ta' x'inkiteb dwar il-protagonist. Dak anki jgħini għall-kitba tiegħi u biex nifhem x'vojt se nimlew. Jien infittex l-ewwel l-akkademiċi u wara nipprova nsib nies li għexu mal-protagonist. Jekk ikun possibbli. Ġieli kellna nies li ma kinux ta' skola imma kienu jafu ħafna. F'dak il-każ, nintervistahom u noħloq kitba jien. Bosta drabi nikkonfermaha magħhom. U dan is-sabiħ tal-eżerċizzju. Ovvja m'iniex mazzun u noqgħod ferm attent minn dawn ir-rakkonti. Imma indirettament inkun qed nipprova nifhem il-miti tal-individwu. Hemm nies li llum ħallewna. Oħrajn huma ewlenin fir-riċerka. Hemm dawk li tgħożżhom iktar minn oħrajn. Hemm oħrajn li baqgħu ma dehrux għax kien hemm xi qraba li ma kkoperawx u ma fehmux l-ispirtu tas-sensiela kollha.

**Inti għalliem imma anki riċerkatur fil-qasam tal-Istorja. Kif jintrabat proġett bħal dan ma' dak li tagħmel fil-ħajja ta' kuljum?**

Għalija l-Istorja hi parti kbira minn ħajti. Kultant naqbadni nimmaġina persuna fil-Medju Evu jew fil-Perjodu Barokk kif kien iġib ruħu!

L-Istorja toffrilna mudell għall-eżistenza tagħna fraġli kemm hi fraġli. Ilkoll kemm aħna finalment nikkontribwixxu fl-istorja irrispettivament mill-partijiet żgħar li nilagħbu.

Għalija dan il-proġett hu wkoll l-ewwel nett, opportunità biex nitgħallem jien u nimla l-kurżità storika tiegħi.

**Kemm temmen li l-Istorja aktar minn qabel għandha importanza ewlenija llum? X'qed isir fl-iskejjel f'rabta ma' suġġett bħal dan? Għaliex hu bżonn li l-poplu Malti jsir jaf aħjar il-ħajja ta' Maltin li ħadmu għal pajjiżhom?**

Jien fl-iskejjel ma nistax nikkummenta x'inhu għaddej għax jien naħdem fl-amministrazzjoni ta' skola primarja, imma naf li hemm ħafna entużjasmu f'das-settur u l-programm tal-Istorja jitlob anki lill-istudenti biex kontinwament ifittxu l-verità u ma jieħdu xejn vanġelu. Għax dak valur ewlieni tal-Istorja. L-istudent jekk irid jingħata l-għodda biex jitgħallem jagħraf il-fake news. Hemm il-kunċett ta' evidenza u kif se timpjegaha.

Poplu bla Storja hu barbaru. Aħfirli l-lingwaġġ goff. Imma ma tantx hemm mod eleganti kif tpoġġiha. Mingħajr l-Istorja inkunu qisna burattini kulħadd imexxina minn imneħirna jew widnejna. U forsi ġa qegħdin f'dak l-istat. Biżżejjed tħares lejn il-midja soċjali u l-prodotti li jbigħu. Biżżejjed tara l-ġurnalisti jinterpretaw l-istess avveniment. Biżżejjed tara lill-politiċi tagħna nassaba għall-voti u moħħhom biss jikkontrollawlna moħħna.

**Kemm seħħew żviluppi fl-organizzazzjoni ta' proġett bħal *Bejn Storja u Miti* mill-bidu sal-aħħar volum dwar Anton Buttigieg? Liema?**

Kif għedt *Bejn Storja u Miti* kiber bħala proġett. Kiber biex sar parti mill-Melitensia. Ħdimna biex nagħtu l-kwalità. Urejna li l-istorja hi dibattitu. Baqa' konsistenti l-impenn. Dak fatt. Ovvjament għaddejjin min sfidi kbar, fosthom il-prezzijiet oxxeni tal-karta. Qabel konna ninkwetaw li t-teknoloġija se toqtol il-ktieb. Dak ma seħħx. Imma l-prezzijiet tal-karta jaf ikunu daqqa mortali speċjalment f'pajjiż bħalna fejn il-burger biċ-ċips hi important iktar mill-ktieb.

**Xi jmiss issa?**

Il-volum li jmiss se jkun dwar artist importanti Malti li ddomina gidma sew mis-seklu 20 f'dik li hi arti u esperimentazzjoni. Se jkun volum ieħor bla dubju li ħafna se jfittxuh. Anki għax se jkun l-ewwel test bil-Malti sħiħ u komplet dwaru.

# Il-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT INTERVISTA IRENE CHIAS, AUTRICE DEL ROMANZO *FIORE D'AGAVE, FIORE DI SCIMMIA*, Laurana Editore, 2020.




**Perché la scelta di questo titolo particolare?**

Mi pare che la suggestione quasi romantica resa dall'anafora e dalla parola "fiore" venga sovvertita dall'apparizione della scimmia, con effetto quasi comico. Mi piace questa capriola di emozioni.

**A un certo punto nel romanzo si legge che la scrittura femminile non esiste, ma esiste l'esperienza femminile, un'esperienza che la donna conosce, ma non sempre meglio dell'uomo. (Cap. 16) Qual è il suo pensiero riguardo la differenza di genere riguardo la scrittura della letteratura?**

Non esiste una differenza se non in quella socialmente costruita, per questo parlo di "esperienza". Nel romanzo Adelaide dice che esiste l'esperienza femminile, che una donna conosce presumibilmente, ma non necessariamente, meglio di un uomo. Questo dipende da classe sociale, sensibilità personale, formazione culturale, caso. È chiaro che il figlio di una prostituta povera ha contezza di un'esperienza femminile che invece una donna borghese agiata magari sconosce. È questa esperienza che può fare la differenza nella narrazione, non l'essere donna o uomo.

**Nel Cap. 7 si menziona il "mobile dei segreti" fatto da tanti cassetti, alcuni anche segreti, che si aprono e fanno luce su aspetti diversi. Questo romanzo è molto simile: è molto frammentato e ha dell'opera ibrida: il romanzo fantascientifico, ambientalistico, rosa, saggio-trattato, investigativo, ecc. Ha a che fare con il suo lavoro come giornalista? Le sue reazioni?**



Irene Chias

Credo che lo si possa ascrivere nell'ambito della speculative fiction. Certamente il mio romanzo *Non cercare l'uomo capra* risentiva maggiormente della mia esperienza di giornalista. Questo probabilmente meno, anche se c'è un'attenzione a fatti reali che riguardano la Sicilia con intento di denuncia.

**Quant'è importante la parodia in questa sua opera?**

Molto.

**Nel Cap. 9 Adelaide scrive così riguardo la propria madre: "Mia madre era complessa. Riusciva a essere critica, ironica, tenera, sferzante, spietata, indulgente, sarcastica. Tutto attraverso il registro linguistico che decideva di adottare in relazione alle circostanze..." Come lettore sento che questo è quello che Irene Chias ha fatto in questo suo romanzo 'complesso'. Quant'è vero questo?**

Non ci avevo pensato, ma sì, è possibile.

**È anche un romanzo di esplorazione (famiglia, paese natio, genere letterario), e di auto-conoscenza, anche tramite la conoscenza dei propri avi. È d'accordo?**

Sì, esplora le dinamiche familiari come chiave della narrazione.

**Il sesso appartiene agli dei o agli animali? La parola e il silenzio in relazione al sesso?**

Il sesso pertiene alla vita, la parola alla relazione umana.

**Cosa c'è di realmente comune tra Adelaide Dattilo e Irene Chias? E tra Irene Chias e Adelasia?**

Tra me e Adelaide qualcosa c'è, le sue considerazioni sulle fisime dell'editoria sono in buona parte le mie, come è mio il suo rapporto ambivalente con la terra d'origine. Tra me e Adelasia direi che non c'è niente, sebbene nella sua evoluzione sia un personaggio che mi sta simpatico.

**Perché ha sentito la necessità di includere nella 'Nota dell'autrice' i primi due paragrafi?**

Mi piaceva l'idea di una lettura modulare. Messo dopo il suggerimento non vale molto, ma ho voluto comunque rendere l'idea della possibilità per chi legge di costruire un suo proprio romanzo a partire dai pezzi del mio.

## NEL CLAMORE DI SETTEMBRE

Nel clamore di settembre
echeggia d'improvviso
l'inferno in terra d'Ossezia
in un infame solco di morte.
Laceranti boati
straziano l'aria,
ovunque sangue e orrore,
un acre sentore
di carni bruciate
e corpi strappati alla vita.

La cieca furia omicida
ha falciato senza pietà
inermi vite innocenti
(quanta tristezza!).
Sotto il cielo di Beslan,
una madre impazzita
solleva senza posa
l'esanime fagotto
e grida al vento
"Figlio mio, tu sei vivo,
io, sola, sono morta!..."
(Colmo è il calice
della disperazione).

**MARINO SPINI**
(Minn *Il soffio del silenzio*, Albatros, 2010)

## UNA NUBE NAVIGA...

Una nube
naviga
solitaria
nel terribile azzurro
del cielo.

In ogni ufficio
finestre su finestre.

Si spalma sui vetri l'angoscia.

***

Da qualche parte
un ostaggio piange.

**ALBERTO FIGLIOLIA**
(Minn *140 compresi gli spazi*, Albalibri, 2014)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## PETER MAGRO JITKELLEM MA' ANDREW SAMMUT DWAR IS-SENSIELA TAL-KOMIKS *ENERGY QUEST*

*F'din is-sensiela tal-komik lokali* **Energy Quest** *teddy bear robotiku jismu Zero, oriġinarjament iddisinjat bħala ġugarell għat-tfal, għandu intelliġenza artifiċjali akbar u endoskeletru robotiku b'saħħtu li jippermettilu jitgħallem u jipprepara għal kull sitwazzjoni billi juża kull ħaġa għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissopravvivi. Il-karattru ta' Zero jirrappreżenta kif il-bnedmin minn tfal jikbru f'adulti, u jiġbru ċikatriċi ta' kull tip fi triqthom lejn il-maturità sabiex b'hekk isiru aktar b'saħħithom.*

***Peter Magro*** *ħadem bħala illustratur għall-komiks u rumanzi grafiċi għal 10 snin. Dan l-aħħar ħoloq is-serje* Energy Quest *u jgħallem fil-livelli sekondarju u undergraduate. Huwa jmexxi wkoll l-NGO lokali, Graphic Novels Library Malta (GNLM).*

**Kemm ilek titgħallem kif tpinġi?**

Huwa proċess kontinwu - għadni qed nitgħallem! Madankollu dejjem kont inpinġi sa minn età żgħira, imma dak li f'żgħożiti beda bħala żvog jew bħala passatemp, meta sirt adult sar bħal ritwal ta' kuljum biex nistinka għall-esperimentazzjoni u l-iskoperta personali.

**Taħseb li l-istil tal-arti tagħna huwa uniku jew ispirat minn forza ikbar?**

L-istil attwali tiegħi huwa twaħħid ta' dak li ġieni b'mod naturali matul iż-żmien flimkien mat-tagħlim minn artisti ispirati. Ma nixtieqx nimraħ f'territorju li huwa diġà maħdum sewwa u għalhekk nipprova minn kollox biex inkun ispirat



Pater Magro

iżda kemm jista' jkun ma nikkupjax. Ovvjament, għandi l-favoriti tiegħi, bħal Alex Vede, Ashley Wood u Mike Mignola, li huma kollha artisti eċċezzjonali.

L-istil b'mod ġenerali għandu t-tendenza li jkun fluwidu u jinbidel skont il-midja differenti. Pereżempju, l-arti diġitali tvarja mill-arti pittorika jew linka, u xi drabi jaħdmu tajjeb ħafna flimkien ukoll!

**Kemm-il darba taħseb dwar l-estinzjoni tal-ispeċi tagħna?**

Naħseb li qed ngħixu fi żmien ta' inċertezza kbira, (madankollu ċert li n-nies dejjem jaraw żmienhom bħala l-agħar wieħed). Flimkien ma' dan irridu ngħidu li f'dawn l-aħħar ftit snin id-dinja, jew aħjar l-ispeċi umana, qalgħet erba' daqqiet ta' ħarta sew bħal pandemiji, gwerer u kriżi klimatika. Hija ħasra kbira li minkejja dan kollu, xorta għandna t-tendenza li niffukaw fuq affarijiet żgħar. Biex inwieġeb il-mistoqsija tiegħek, nammetti li naħseb wisq dwar




l-aħħar tad-dinja minkejja li mhux gost tiegħi.

**Għaliex għażilt *teddy bear* fost il-ġugarelli kollha? Għandu x'jaqsam mal-popolarità li qed tiżdied tal-FNaF?**

Dejjem rajt it-*teddy bear* bħala innoċenti, huwa wkoll parti mill-innoċenza li nħallu warajna meta nkunu żgħar. L-idea tat-*teddy bear* tikkuntrasta r-realtajiet ħorox tal-ħajja, u dan il-kuntrast huwa l-aktar ħaġa li tintrigani. Nammetti wkoll li qatt ma lgħabt jew rajt *Five Nights at Freddie's* - mhuwiex it-tip ta' orrur li nħobb, għalhekk ma nistax ngħid li ispirajt ruħi minn dil-*franchise*, iżda l-idea togħġobni xorta waħda.

**Apparti l-*post apocalyptic fiction*, kieku liema ġeneru ieħor tpinġi?**

Probabbilment nagħżel *sleuth* jew *detective noir* - imma forsi fuq sfond fittizju.

**Taħseb li tista' tpinġi storja b'mod tant tajjeb li l-kliem ma jkunx meħtieġ?**

Dan sar qabel, u huwa possibbli. Nipprova minn kollox biex nevita ħafna kliem peress li nħoss li l-immaġni għandha toħloq ċertu fluss fin-narrattiva, kemm jekk tkun azzjoni mgħaġġla, kemm jekk mument ta' kwiet u riflessjoni. Jiena tassew ġejt influwenzat mill-films Western ta' Sergio Leone u l-films ta' Kurusawa li jippermettulna ħafna ħin biex nomogħdu xeni partikulari mingħajr ebda djalogu. Kemm xeni tat-tip *stand off* kif ukoll xeni ta' azzjoni għandhom tendenza li jitkellmu waħedhom, u peress li dan tiegħi huwa komik, inħoss li għandi nħalli lill-qarrej jifhem viżwalment l-istorja.

**Meta taħseb f'antagonist, qatt jgħaddilek minn moħħok li fl-isfond tagħtih storja traġika li ġġiegħel lill-udjenza tissimpatizza miegħu?**

L-antagonist jeħtieġ li jkun imlaħħam sewwa biex nifhmu l-motivi li jmexxuh, naqblu magħhom jew le. Naħseb li huwa aktar importanti li l-antagonist ikun il-*yin* għall-*yang* tal-protagonist, u sabiex jikkuntrasta l-persunaġġi, Zero huwa karattru li jaħseb għalih innifsu u li jippreferi jispikka milli jingħaqad mal-merħla. Il-Qolla (*The Hive*) hija entità, dejjem tikber, tikkorrompi u taħkem kull ħaġa li hija differenti minnha. Madankollu, it-tnejn huma solitarji, u hu għalhekk li kull laqgħa hija wkoll konversazzjoni. Madankollu, it-tnejn ibatu mis-solitudni u għalhekk kull laqgħa bejniethom hija wkoll djalogu. Zero u l-Qolla għandhom l-istess għan: li jissopravvivu. Zero jgħix fuq affarijiet mormija bħal batteriji, fliwaqt li l-Qolla tagħmel minn kollox, iżda jidher li xejn qatt mhu biżżejjed għaliha.

L-istorja fl-isfond hija integrali għall-istorja ewlenija nnifisha, u tista' titqies bħala traġika. Madankollu huwa importanti li jiġu stabbiliti r-rwoli. Ma rridx nidħol fit-territorju tal-anti-eroj f'dan il-każ. Inħoss li għal storja bħal *Energy Quest*, jeħtieġ li jinqatgħu linji ċari biex il-qarrej ikollu pożizzjoni assertiva waqt il-qari.

Għalkemm l-antagonist huwa A.I., anke l-bnedmin huma kapaċi jagħmlu affarijiet ħżiena ħafna, u dan huwa dak li dwaru hu *Energy Quest*. Zero it-teddybear u l-Qolla huma avatars tal-umanità nnifisha, u li jirrappreżentaw żewġ aspetti polarizzanti tat-tajjeb u l-ħażin minn perspettiva filosofika. Fir-realtà, l-A.I. huma 'umani' bil-mod tagħhom.

**Xi jmiss?**

Jeħtieġ li l-istorja tkompli, u għad hemm lok għal ħarġiet oħra sakemm il-fil tar-rakkont attwali jasal għal tmiemu. S'issa, volumi 1 u 2 ta' *Energy Quest* iservu ta' introduzzjoni għall-istorja li jeħtieġ li tiżvolġi - u forsi dan huwa għaliex nieħu gost bil-format tal-komiks, peress li b'kull ħarġa, in-narrattiva żżid fis-saħħa tagħha. Wara *Energy Quest* min jaf, għad fadal aktar stejjer x'jiġu rrakkuntati u aktar karattri x'inpinġi.



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' TONI AQUILINA DWAR IR-RUMANZ *JUGOSLAV* TA' ANA VUČKOVIĆ

**Għaliex l-għażla tiegħek waqgħet fuq l-awtriċi Serbjana Ana Vučković? X'għandha partikolari?**

Is-Sinjura Joanne Micallef tal-Pubblikazzjonijiet Faraxa li issa ilni mal-erbatax-il sena nidderieġi l-Kullana Traduzzjonijiet Letterarji li xtaqitni nieħu taħt il-kura tiegħi, ipproponietli lista ta' sitt kittieba Serbjani biex nagħżel xogħol ta' awtur jew awtriċi minnhom u naqilbu għall-Malti. Kien il-Ministeru tal-Kultura tar-Repubblika tas-Serbja li ried jisponsorja dan ix-xogħol, xi ftit jew wisq bħalma jagħmel il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fir-rigward ta' xogħlijiet Maltin li jkun jixtieq jara tradotti f'ilsna oħra.

Minn dawn is-sitt awturi, jiena kont midħla biss tal-isem Ana Vučković, minħabba li kont qrajt dwarha u għalhekk kont naf li tittratta t-tema tal-mewt li tant tinteressa lili wkoll. Meta kitbet *Jugoslav*, hi kellha ħamsa u tletin sena u l-ktieb kien fost il-finalisti għall-premju prestiġjuż NIN Award u ma damx biex ġie maqlub għall-Ingliż. Kien hawn li skoprejt il-kapaċitajiet tagħha fl-użu tat-teknika magħrufa bħala dik tan-nixxiegħa tal-ħsieb jew tal-kuxjenza.

Biex niftiehmu aħjar, din hija t-teknika li permezz tagħha kittieb jesponi l-esperjenzi u t-tiġrib li jgħaddi minnhom huwa stess (jew il-personaġġi li joħloq), kif jolqtu l-immaġinazzjoni tiegħu mingħajr organizzazzjoni tal-ħsieb partikolari, u jirreaġixxi prattikament kif ġie ġie permezz ta' monologu hekk imsejjaħ ġewwieni bejn il-livell tal-konxju u dak tal-inkonxju. Wieħed mill-awturi barranin l-aktar li spikkaw fiha din it-teknika kien James Joyce. Fil-Malti kellna xi tentattivi żgħar ħafna bħal f'*Samuraj* ta' Frans Sammut u reċentement f'*Ħallejtna Bħall-Erbgħa Fost il-Ġimgħa* ta'



Toni Aquilina

Sergio Grech.

Għaldaqstant, ġietni x-xoqqa f'moxtha biex nidħol għal sfida li fil-kamp tat-traduzzjoni titqies bħala waħda iebsa ferm u hekk inżid ir-repertorju ta' kitbiet b'din it-teknika fl-ilsien Malti permezz ta' ktieb meqjus kapulavur. Għal dan il-għan użajt il-verżjoni Ingliża tal-ktieb maqlub minn Nataša Srdrić bħala pont, jew bridge language.

**Apparti *Jugoslav*, jeżistu xogħlijiet oħra ta' Vučković maqlubin għall-Ingliż jew xi lingwa oħra li nifhmu u li inti qrajt?**

Li naf fiż-żgur hu li hemm erba' rumanzi oħra ta' Vučković: *An Epoch Croaked Yesterday* (2003), *Lust'n'Dust* (2004), *A Plush Tower Block* (2007), u *Surfing Serbia* (2012). *Jugoslav* ħareġ fl-2019. Jien qrajt u analizzajt biss dan tal-aħħar u ġbart kemm stajt informazzjoni fuq ħajjet l-awtriċi minħabba li fl-istil li nkiteb il-ktieb wieħed irid ikun attent ferm fejn jaqta' l-linja bejn dak li fih bijografiku u li mhux. Naturalment, għandi kurżità kbira naqra, meta jiġu f'idejja, ir-rumanzi l-oħra tagħha. Żgur li mhux minn Ana Vučković jonqos għax ir-rebħ tal-premju Elle Style Award for Literature għas-sena 2020, jagħmel minnha awtriċi ta' livell mondjali li min iħobb jaqra ma jistax jinjoraha.

**Aħna u naqraw dan ir-rumanz nibdew nistaqsu jekk dan hux xogħol awtobijografiku, introspettiv jew xi ħaġa oħra. Kif tiddiskrivih inti?**

Hu bla dubju ta' xejn awtobijografiku, introspettiv u ferm u ferm aktar. L-awtriċi ssibha diffiċli tirrassenja ruħha għall-mewt ta' missierha. U għalhekk narawha tgħaddi mill-emozzjonijiet prattikament kollha fir-rigward ta' dak kollu li kien imiss miegħu, inkluża mibegħda għax-xjuħ għax missierha qatt seta' jasal sal-età tagħhom. Mela Jugoslav jesprimi n-nostaġija kollha ta' Vučković għall-Missier b'emme kbira mwaħħad magħha għal dejjem u mbagħad in-nostalġija għall-missier b'emme żgħira (jew forsi kbira daqs tal-ewwel) li hi l-Jugoslavja ta' qabel il-gwerra 'ċivili' li rat il-bidu tad-dissoluzzjoni tagħha lejn tmiem is-seklu għoxrin. Din in-nostalġija twassal għal trawma li l-awtriċi tipprova tissupera permezz tal-kitba letterarja fl-istil febrili li tippermettilha t-teknika tan-nixxiegħa tal-ħsieb.

Albert Camus b'mod enigmatiku darba kien qal li hu taha għall-kitba biex ma jkollux għalfejn joqtol. Freud ferm qabel Camus kien għamel użu minn terminu, *Durcharbeiten*, b'referenza għall-mod li bih wieħed jegħleb xi forma ta' trawma jew oħra. Dan ifisser bejn wieħed u ieħor 'ħidma sat-tmiem' minn dak li jkun sabiex tingħeleb trawma li tidher impossibbli wara xi telfa qalila jew oħra f'ħajtu. *Jugoslav* jagħti xhieda ta' "ħidma serja sat-tmiem" min-narratriċi biex terġa' ssib tarf ta' ħajjitha wara vistu li ma setgħetx tasal f'kompromess miegħu mod ieħor. Jekk irnexxielha toħroġ tabilħaqq mill-vistu doppju dan żgur bis-saħħa tal-pinna letterarja tagħha li hi ta' kwalità verament għolja.

**Minkejja li hu xogħol miktub fil-proża, jinħass spiss lingwaġġ li għandu mill-poetiku. Xi tgħid dwar dan?**

Nesprimi s-sodisfazzjoni tiegħi bħala traduttur li minn kliemek stess fil-mistoqsija li qed tagħmilli jidher biċ-ċar li rnexxieli naqleb il-poeproża li miżgħud bih ir-rumanz mill-bidu sat-tmiem. Kif jgħid tant tajjeb il-kritiku Srdan Srdić: "... *Jugoslav* hu l-ewwel u qabel kollox poema eleġijaka li tittratta ż-żmien li l-protagonista qattgħet ma' missierha, b'enfasi speċjali fuq iż-żmien li fih ġiet assassinata l-Jugoslavja."

Inħoss li għandi nżid li l-poeproża hi effettiva aktar fil-kitba ta' Vučković għax, aktar iva milli le, is-sublimi jitqiegħed għas-servizz tal-konvenzjonali. Ara ngħidu aħna x'jidhirlek minn dis-silta meħuda mill-aħħar kapitlu fejn niltaqgħu mal-omm (naturalment l-awtriċi nnifisha) għaddejja minn bejn il-purtieri b'binha fuq ġenbha biex toħroġ ġol-gallarija:




"Ngħaddu mgħaġġlin, ibni u jien ... nitħabtu biex noħorġu fil-gallarija, għal mument nitgeżwru, ninqabdu ġo fihom... tfakkarni fil-ħlas. La tista' tmur lura u lanqas 'il quddiem. Raġġ tax-xemx jinfed id-drapp... ix-xemx qawwija u ibni jkemmex moħħu, ħuġbejh jinbarmu bħal għasafar fil-bogħod."

U tispiċċa tgħidilna l-awtriċi li meta binha jkemmex ġbinu hekk, ikun jixbah lil missierha. Biċċa poeżija first class!

**Liema kienu l-akbar sfidi li ltqajt magħhom inti u taqleb għall-Malti xogħol bħal dan?**

Kif tista' timmaġina kienu bosta. Insemmi biss uħud u neskludi għal kollox dawk li jmissu ma' kull eżerċizzju ta' traduzzjoni. Dan mhux għax irrid b'xi mod inċekkinhom iżda inkella jkolli bżonn nikteb teżi.

Nikkonċentra għalhekk fuq il-problemi li jkollu traduttur meta jaqleb minn bridge language, fil-każ tagħna l-Ingliż – tajba kemm tkun tajba t-traduzzjoni. Id-decoding mill-Ingliż u l-encoding fil-Malti li kelli nagħmel kien qed isir minn decoding tal-oriġinal u encoding fl-Ingliż li għamel qabli xi ħaddieħor. Fi kliem sempliċi t-traduzzjoni bil-Malti mhix tgħaddi direttament minn L.1, iżda minn L.2. Meta tiżdied ma' din id-diffikultà, it-teknika użata mill-awtriċi (dik tan-nixxiegħa tal-ħsieb), jekk mhux għal raġunijiet oħra, it-traduttriċi mill-oriġinal innifisha bilfors kellha tagħmel kompromessi, jekk mhux inkwantu għas-sens tad-diskors, inkwantu għall-użu tal-lingwa. Iżda hawn ukoll, mill-analiżi lingwistika waħedha li għamilt tal-istess traduzzjoni skoprejt



Ana Vučković

xi ftit tal-mistranslations, anki jekk ma nitkellimx kelma li hi kelma bis-Serbjan. Hawn kien jinħtieġli nikkonferma dawk l-inkonsistenzi li sibt. It-tentattivi tiegħi li nidħol f'kuntatt mal-awtriċi għal xi raġuni fallew u kelli bilfors noqgħod fuq l-għajnuna ta' konoxxenza mis-Serbja li tgħix f'pajjiżna, u ta' dan irrid niżżiha ħajr minn hawn.

F'kitba bl-użu tan-nixxiegħa tal-ħsieb bħal din ta' Vučković, kull kapitlu, sew jekk b'żewġ sentenzi qosra (bħal Kafé) jew twal xi tlettax-il faċċata (Il-Platt), jikkonsistu f'paragrafu wieħed kull darba. Fejn il-każ hu dan tal-aħħar, is-sentenzi huma twal bi ħsibijiet ta' kull xorta maqtugħin minn xulxin biss bil-virgoli. Mela l-ewwel li ried isir kien li jiġu identifikati l-ideat u l-avvenimenti (biżibilju), sabiex wara nara kif ninfilzahom bis-saħħa tal-għodod metamorfoloġiċi u sintattiċi għad-dispożizzjoni f'ilsienna b'tali mod li l-qarrej ma jitgerfixx u l-lingwa tinżamm fluwida kemm jista' jkun. Sadanittant, l-element tal-jigsaw puzzle ried jibqa' kif ħolqitu l-awtriċi mill-bidu sal-aħħar. Hawn fejn jidħlu l-aspetti varji tal-kultura Serbjana fuq tista' tgħid il-livelli kollha, inkluża l-kultura kulinari li tant swietli ħin biex nirriċerkaha.

**Naqraw ukoll fuq ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadin u l-art fejn twieled. Hu dan rumanz politiku-patrijottiku?**

Kif ġa weġibt aktar 'il fuq Vučković, bil-vistu għal żewġ missirijiet, missierha tad-demm u l-laħam u l-eks Jugoslavja, diffiċli tagħżel bejniethom, liema minnhom l-aktar li ħallieha orfni. Il-personaġġ fit-titlu tal-ktieb jirreferi sew għal missierha proprja kif ukoll għall-elementi soċjo-politiċi, ekonomiċi u kulturali li jintrabtu mal-isem. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li d-dinja nqalbet ta' taħt fuq – min kien in-naħa ta' fuq tas-sellum soċjali qala' daqqa ta' ħarta kbira; min kien isfel ra li kienu nfetħu bibien ġodda għalih u għal familtu. Vučković tinqeda bil-kitba b'mod katartiku: missierha u l-Jugoslavja, tixxennaq kemm tixxennaq għalihom, ma jerġgħux jiġu imma jinżammu ħajjin fuq il-livell politiku-patrijottiku.

**Niltaqgħu matul il-qari tar-rumanz mal-kunċett ta' "l-assassinju ta' nazzjon". Mela tidħol anki l-kwestjoni ta' identità. Jista' b'xi mod *Jugoslav* jintrabat ma' dak li qed iseħħ illum f'pajjiżna stess?**

Mistoqsija mitqla deheb li l-ewwel parti tagħha jidhirli tmiss ma' mistoqsijiet oħra li diġà weġibt għaliha. Inkwantu għal rabta jew rabtiet ma' pajjiżna, il-ħaġa mhix daqshekk ovvja imma ma jistax jonqos li teżisti għal min għandu moħħ biex jaħseb. Nispjega ruħi l-ewwel nett mil-lat personali. Fiż-żmien li jien kont qed naqleb u norqom dan ix-xogħol, kont għaddej minn manifestazzjoni kbira tal-assurd għal darba tnejn, l-ewwel permezz ta' mewt fil-familja kif ukoll tradiment li ma ssewwiex minn min kien fid-dover jagħmel dan. Mewt u tradiment kif diġà wrejt jinsabu f'*Jugoslav* fuq livell personali tal-awtriċi nnifisha, imma minn lenti differenti. Fuq livell nazzjonali, imbagħad, Malta tal-lum għadha qed tgħaddi mill-assurd ta' politika li ġabet magħha mewt u tradiment ta' prinċipji li faqqru moralmnent lill-pajjiż. Biex nuża xbieha, anki jekk hawn Malta ma mmutux bil-maltempati u l-ksieħ taħt iż-żero tal-pajjiżi tan-Nord, il-mewt għandha ħabta timmanifesta ruħha fostna bil-ġebla li nwaqqgħu fuq saqajna stess.

**F'paġna 97 naqraw hekk: "Fl-ispirtu ta' lingwa, int għadek ħaj xi mkien f'lingwa ..." Hu dan marbut mal-kunċett tan-*non omnis moriar*?**

L-awtriċi tistqarr li dal-kliem li kkwotajtli int minn paġna 97 tal-ktieb qishom "il-bidu ta' poeżija li messha tinkiteb, imma tibqa' ma ssirx ..." Iżda *non omnis moriar*, kif nafu, inkitbu bis-sinifikat 'mhux kollox fija jmut' mill-poeta Latin Orazju – qal li mhux ser imut għal kollox għax parti minnu tibqa' għal dejjem fil-poeżija li kiteb. Mela ma ngħidx li huwa l-każ f'*Jugoslav* li l-kliem *non omnis moriar* jiġu interpretati preċiżament hekk. Vučković naraha li qed tkun xi ftit ċinika. Aktar 'il fuq fl-istess paġna ssemmi ċ-ċiniżmu tal-fkieren għax se jaraw lilna lkoll immutu. Anki jekk aktar 'l isfel torbot il-kliem fil-kwotazzjoni tiegħek mal-logħob bl-użu tal-preżent u l-passat tal-istess verbi: Jimtedd – imtedd / joqogħdu – kienu joqogħdu, eżatt wara hi 'tiddieħek' għax flok poeżija dak li jkun "jikkontempla l-mewġ, jiċċassa" u jaħseb f'żaqqu (it-titlu tal-kapitlu hu preċiżament Iż-Żaqq).

Sakemm b'*non omnis moriar* ma nifhmux konfrontazzjoni mal-mewt aktar milli t-tiċħid tagħha, kif hawn min jinterpretahom. F'dak il-każ naqbel miegħek.

**Il-kitba bħala terapija kontra t-trawma. Xi tgħid dwar dan b'rabta ma' Jugoslav?**

Jidhirli diġà ttrattajt biżżejjed dan l-aspett mil-lat letterarju fi tweġibiet għal mistoqsijiet oħra. Mhux il-każ hawnhekk li wieħed jaċċentwa l-aspett kliniku anki jekk il-ħames sintomi tal-PTSD prattikament jitfaċċaw b'xi mod jew ieħor kollha f'*Jugoslav* ta' Ana Vučković.

## Reċenzjonijiet




## Rakkonti

## Kitbiet oħra




## *MOFFA* ta' Alfred Sant

**Ħsibijiet ta' Patrick Sammut**

Din hija ġabra ta' għaxar rakkonti li tifrex fuq 200 paġna, bejn wieħed u ieħor. Sant jeħodna fi vjaġġ spazjali u temporali varjat matul il-kitbiet tiegħu. Imiss ukoll bosta ġeneri letterarji bħalma huma l-polizjesk, il-fantaxjentifiku, is-soċjo-politiku, u l-avventuruż.

F'*Il-Verdett*, l-ispazju li jambjenta fih l-azzjoni hija Malta. Sant jurina li hu konxju ta' ċerti karatteristiċi lokali attwali u b'hekk jitfa' bħal botti sottili: dwar Buġibba jikteb "Kienet aktar attraenti milli hi llum, aktar kajmana..."; jikteb dwar ir-rabta li tirrendi bejn ministri u kanvasers li jsiru imprendituri; dwar is-saħħa tal-midja meta joħolqu stejjer sensazzjonali; dwar il-Qrati li jtawlu kemm jistgħu l-każijiet, u dokumenti li jisparixxu minn ċerti fajls; dwar l-importanza li jingħalaq il-każ u mhux li tinkixef il-verità.

Minn Malta joħodna f'Ruma f'*Roma stupida*, f'xi żmien meta l-pandemija tal-Covid-19 kienet battiet xi ftit. Hawn Sant jimmaġina familja Maltija estiża - waqt vaganza ta' ftit jiem fil-belt kapitali Taljana – iddur bla direzzjoni jew għan partikolari ħlief biex tgħaddi l-ħin u bil-ħsieb tax-xopping. L-awtur jeħodna f'bosta rkejjen turistiċi tal-belt, isemmi isimhom, imma xi drabi jsemmi wkoll ħwejjeġ iktar għoljin fil-ħsieb bħal reġisti ċinematografiċi u atturi Taljani (Bertolucci, Mastroianni, Lollobrigida), drabi oħra xi kittieb bħal Hemmingway, jew xi skultura monumentali bħal dik ta' Bernini. Sant jagħti nifs lin-narrazzjoni permezz ta' laqgħa mhix mistennija bejn żewġ Maltin f'Ruma. Hekk, bil-mod tinħoloq kurżità fil-qarrej li jistaqsi x'kien seħħ eżatt bejn dawn iż-żewġ karattri fl-imgħoddi. B'xi mod il-passat għandu r-rwol tiegħu fir-rakkont, imma anki dak li jista' jseħħ fil-ġejjieni. It-tmiem jitħalla miftuħ.

*Anfora* toħodna fuq ramla matul l-istaġun sajfi. Bħal f'*Il-Verdett*, anki hawn hemm l-għarfien li dan il-post sabiħ qed jinbidel f'post turistiku li biż-żmien jinħakem mill-iżvilupp. Hemm misteru doppju: x'kienu eżattament l-anfori u l-ġifen, u fejn instabu u ttellgħu minn qiegħ il-baħar? Għaliex it-Tifel, minkejja li għaddas prim, jibqa' jinsisti li m'għadux jogħdos?

*Ultima Thule* hu rakkont tal-esploraturi li joħodna lura għas-seklu 16. Sant joħodna qalb baħħara u vjaġġi marini lejn artijiet imbiegħda u inesplorati fit-Tramuntana. Hemm il-laqgħa ma' tribù fuq art misterjuża, il-kilba għad-deheb u anki l-fissazzjoni tal-bniedem tal-Punent li jsir sinjur minn fuq dahar ħaddieħor. Ir-rakkont hawn jinqasam fi tliet partijiet, b'dik tan-nofs *flashback* li tmur lura sena. Għall-kittieba jew poeti *Ultima Thule* hija art ta' fantasija u ispirazzjoni, filwaqt li għan-negozjant hi art ta' opportunitajiet biex isir iktar sinjur. Huma żewġ dinjiet opposti, minkejja li simili ħafna. *Ultima Thule* hija dinja li tiċċaqlaq, forsi simbolu ta' dinja li qed tinbidel, bħalma hija dik tagħna wara kollox.

*Moffa* hu rakkont li jtul 50 paġna. Sant joħodna ħafna millennji 'l quddiem fil-futur, meta jkunu ilhom iseħħu vjaġġi u relazzjonijiet interplanetarji. Jesperimenta bin-neoloġiżmi f'rabta mal-fantaxjentifiku: hekk insibu kliem bħal "umanti", "umojdi", "umeni", "xrompki", "bhejmli" , "astroabitanti", "fotismos trideo" (mezz ta' komunikazzjoni), u "trasponditturi". Il-moffa hawn hija tip ta' tmermir. Anki jekk ambjentat f'futur imbiegħed, Sant jitla' u jinżel matul it-*timeline* li jifrex fuq millennji twal permezz ta' *flashbacks* u *flashforwards*. Joħodna wkoll nimirħu fi spazji fantastiċi wesgħin u oħrajn fiżiċi illimitati. Hemm l-idea li fejn hemm il-bniedem hemm il-ġlied u għalhekk f'ċerti pjaneti żdiedu r-"roboti" u naqsu l-bnedmin biex jaħkem is-sliem. Sant iġagħalna nifhmu li hemm rabta bejn dan ir-rakkont u rakkont ieħor li deher fil-ġabra ta' novelli tiegħu *Pupu fil-Baħar*, u hekk bħal jistieden jew jimbotta lill-qarrejja jmorru jfittxu dan il-ktieb b'dan ir-rakkont partikolari.



Alfred Sant

Dan f'*Moffa*, hu eżempju tajjeb tal-fatt li l-ilsien Malti hu kapaċi biex tinkiteb bih il-proża tal-fantaxjenza. Il-pjaneta ŻeroWieħed mhi xejn ħlief id-Dinja bosta millennji wara li seħħ xi event apokalittiku fuqha, bil-parti l-kbira tal-bnedmin jaħarbu minnha. Hemm ukoll preżenti fil ambjentalistiku ladarba jissemma t-tniġġis iġġenerat minn sorsi ta' enerġija fossili u gwerer nukleari li mbagħad ikkawżaw il-bidla għal klima estrema.

F'*Vot* Sant joħodna lura għall-preżent permezz ta' ġrupp ta' ħbieb li m'għadhomx żgħażagħ, kollha b'passat impenjat f'karigi pubbliċi għolja. Naqraw dwar ċuċati min-naħa tal-Gvern, il-pjaga tal-korruzzjoni, l-oppożizzjoni mitruħa, skandli dipartimentali, il-fatt li jekk tkun korrett u tal-prinċipju fil-politika tiġbed l-antipatija u l-mibegħda ta' bosta kollegi, u ħwejjeġ oħra. Il-lingwa mħaddma hawn hija tat-tip Malti Taljanizzat, inklużi anki xi frażijiet bil-Latin. Kollox ma' kollox dan hu rakkont li jikxef x'jgħaddi minn taħt meta joħorġu t-*tenders* għal xi kuntratt multimiljunarju, fejn bosta jispiċċaw rebbieħa, anki jekk fid-dieher telliefa. Interessanti n-nota u riferiment għall-kittieb John Buchan fi tmiem ir-rakkont.

Qatt ħsibt li fuq il-bjut tagħna hemm għaddejja bħal ħajja parallela? *Nemmiesa* hu rakkont li jingħad mill-perspettiva ta' nanna. Hu rakkont dwar it-traffiku u s-siti ta' kostruzzjoni dejjem jiżdiedu, it-tniġġis fl-arja, ir-realtà tal-bażużli, iż-żieda fil-mard respiratorju, id-dinamika tal-familja li nbidlet, il-partiġġjaniżmu politiku, u l-medjokrità fuq il-mezzi tax-xandir. Imma mbagħad hemm ir-rakkont ewlieni li jżommok fuq ix-xwiek sal-aħħar, li jiżviluppa fi qtil, apparti kwistjoni ta' tradiment u tpattija. Il-mistoqsija li tibqa' hija: min kiteb l-ittra anonima ta' theddid u min kien il-veru nemmies?

L-ispazju limitat u magħluq tar-raħal jispikka f'*It-Tielet Każin*. Hemm l-idea tad-duwaliżmu fil-mentalità lokali, fejn it-tielet partit ftit jintlaqa' tajjeb, anki fejn jidħlu l-każini tal-banda. Anki hawn Sant joħroġ għad-dawl bosta manuvri u taħwid, fosthom il-manipolazzjoni egoistika min-naħa tal-politikant biex jakkwista dejjem iktar poter. Naqraw il-kumment – minn xi ħadd li għex u għadu jgħix fl-ewwel persuna l-qasam tal-politika -, "Daż-żmien il-politika taħraq lin-nies malajr wisq, għalhekk dawn il-ġodda jaħsbu f'buthom aktar milli kienu jagħmlu ta' qabilhom." (170) Hu rakkont dwar il-piki u konfoffi preżenti bejn każini diversi fl-istess raħal, fejn ħwejjeġ żgħar jitkabbru tant daqslikieku d-dinja ddur magħhom. Hemm sarkażmu - u parodija - meta Sant isemmi l-kariga fittizzja tal-Ministru għall-Ambjent Sotterranju u l-Ħlewwa Soċjo-Kulturali u jfakkar li fuq dan l-iskoll jinħolqu bosta karigi inutli jekk mhux biss għall-ħbieb tal-partit. Sant jgħaddi bi żmien anki l-mezzi tax-xandir li jiddelettaw fl-aħbarijiet li ma jiswewx ħabba. Tolqot il-parti fejn b'dettall u b'sens ta' osservazzjoni kbar Sant jiddeskrivi lil min attenda għall-funzjoni fejn twaqqaf iċ-'ċentru soċjali' l-ġdid meta fil-verità ġie mwaqqaf it-tielet każin fl-istess raħal. Jispikkaw id-diskorsi minn għadd kbir ta' personalitajiet – anki hawn il-parodija - filwaqt li dawk preżenti jtaptpu fuq il-mowbajls, u fuq wara r-riħa tal-pastizzi.

*Storja ta' Mħabba* hi dwar laqgħa każwali bejn raġel u mara. Il-qarrej bħal jistenna l-ħin kollu li tista' tfaqqa' xi ħaġa mhix mistennija, imma dan ma jseħħx ladarba r-rakkont hu wieħed sempliċi li jirrakkonta storja ta' mħabba kif tiżviluppa bil-mod il-mod. Hu ambjentat f'Malta, b'laqta barranija ladarba jissemma ġażżista magħruf, Tony Herbert.

L-aħħar rakkont hu *Fantasmagorija* li ritmikament ipatti għar-rakkont ta' qablu. Ir-ritmu jgħaġġel tant li jaqtagħlek nifsek, bit-tensjoni tiżdied il-ħin kollu, u dan kollu waqt vjaġġ f'karozza tard bil-lejl f'toroq mudlamin li ma tafx fejn jeħduk. Is-sitwazzjoni għandha mis-surreali u mill-gotiku. Bħala qarrejja nibqgħu inċerti dwar x'seħħ eżattament mill-protagonist sewwieq.

Interessanti huwa l-fatt li għalkemm ir-rakkonti f'din il-ġabra jistgħu jinqraw bħala xogħlijiet individwali, huma wkoll parti minn sensiliet ta' rakkonti preżenti f'ġabriet ta' novelli oħrajn ta' Sant, fosthom *Kwart ta' Mija*, *Pupu fil-Baħar*, *Ċpar* u *Western*. Hemm ftit minn kollox f'*Moffa*, mela hija ġabra ta' novelli li kapaċi tappella għal firxa wiesgħa ta' qarrejja. Bħal dejjem, Sant ma jiddejjaqx jesperimenta kemm bil-lingwa, kif ukoll bil-ġeneri letterarji sabiex jagħmel minn dan il-ktieb wieħed interessanti u ta' min jinqara minn qarrejja ta' gosti u etajiet differenti. Huma rakkonti li jistgħu jogħġbu lil min kulma qed ifittex hu li jgħaddi ftit ħin ta' qari pjaċevoli, imma fuq in-naħa l-oħra jistgħu jappellaw ukoll għall-qarrejja li jafu jfittxu tifsiriet mhux daqstant evidenti mistura bejn il-linji.






## *FAĊĊATI*, ta' Joe Camilleri, Horizons, 2023

**Jikteb Michael Cini**

Kull darba li nisma' li Joe Camilleri jkun ħareġ ġabra oħra ta' novelli ġodda, dejjem inkun eċitat u ħerqan ferm biex naqrahom. U bħall-ġabriet ta' qabel, anki meta qrajt il-ktieb *FAĊĊATI*, nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem illi l-aspettattiva tiegħi ntlaħqet u ħadt pjaċir ħafna naqra dawn in-novelli wkoll.

Bħas-soltu, laqtitni ferm il-versatilità ta' dan l-awtur. Id-diversità li kapaċi joħloq bejn novella u oħra hija xi ħaġa li lili, minkejja n-numru sabiħ ta' novelli li jżejnu l-kullana twila ta' Joe, tibqa' taffaxxinani.

Barra minn hekk, nibqa' dejjem immeraviljat ukoll bl-oriġinalità u l-ġmiel ta' metafori li jżejnu l-kitba tiegħu. Ma nistax ma nsemmix ukoll l-aġġettivi li juża, li permezz tagħhom, tista' tgħid li kapaċi jpitter kull sitwazzjoni u karattru f'moħħ il-qarrej. Deskrizzjonijiet u tixbihat li lili jġegħluni proprju nidħol nieħu sehem fir-rakkont, kemm jekk ikun b'tema serja u intriganti, kif ukoll jekk ikollu laqta ħelwa u kemxejn umoristika.

U xi ngħidu għall-vokabolarju vast li dan l-awtur kapaċi jferra' fin-novelli tiegħu! Kliem li x'aktarx li rari jew qatt ma nkun smajtu, imma li fil-kuntest tal-ġrajja mill-ewwel jinftiehem u jsuq l-istorja b'iżjed apprezzament lejn il-lingwa. Hekk hu, il-lingwa Maltija li bħal kull min jagħraf ir-rikkezza tagħha, Joe Camilleri jaf iħaddimha b'kapaċità u b'sengħa impekkabbli. U dan nista' ngħidu għax jien u naqra l-kitbiet tiegħu, insib dejjem sors abbundanti ta' tagħlim bħal xehda li minnha, l-għasel ma jonqos li jfawwar qatt.

Int u taqra dawn in-novelli ma tistax ma tapprezzax bosta aspetti differenti tal-ħajja li dan l-awtur ilaqqagħna magħhom u jimxi id f'id magħna biex nesploraw flimkien. Pereżempju, ma tistax ma tesperjenzax l-imħabba u r-rispett kbir li għandu lejn in-natura, f'kull forma tagħha, kemm jekk hi lejn l-annimali, imma speċjalment lejn il-ġmiel tal-ambjent naturali. Fir-rakkonti tiegħu tispikka l-biża' u l-preokkupazzjoni lejn l-isfreġju sfrenat u l-qerda mgħaġġla tal-għelieqi u l-ħajja paċifika u iżjed trankwilla li konna ngħixu meta konna napprezzaw iżjed dak li ttina l-art. U dan minflok ir-rgħiba, il-kilba, l-ingann u l-egoiżmu li qed iġib miegħu l-iżvilupp bla rażan mill-ispekulaturi f'isem il-progress. Novelli li jesponu kif l-iżvilupp qed jaħsad il-kuntentizza u l-paċi f'qalb ħafna nies li jaħsbu li jistgħu jakkwistawhom biss permezz tal-flus, flus, u iżjed flus. Nadurawk Santa Lira u nberkuk. Idħol għalina u ħarisna int, San Ewro, għinna fit-tbatijiet tagħna u biex nikkumbattu d-diffikultajiet kollha. Żvilupp li qed iġiegħel lil ħafna nies ibatu konsegwenzi kbar intortament, fosthom li jkollhom jabbandunaw djarhom biex ma jispiċċawx mirdumin taħt it-terrapien tas-soqfa tagħhom stess, biex ħaddieħor jibqa' jħaxxen bwietu. L-istess żvilupp li qed joħloq problemi kemm lill-infrastruttura ġenerali nfisha tal-pajjiż imma wisq aktar, lis-saħħa mentali ta' bosta nies li qed jgħaddu minn martirji sħaħ. U dan kollu minħabba li sfortunatament, il-ħuta minn rasha tinten! M'hemmx għalfejn ngħidu iżjed għax din is-sitwazzjoni tal-mistħija jaf biha kulħadd ... għalkemm għal xi raġuni jew oħra, mhux kulħadd jammettiha.

Imbagħad hemm suġġetti oħrajn fejn Joe Camilleri jinqeda bin-novelli tiegħu biex permezz tagħhom joħroġ il-messaġġ billi jesponi faċċati differenti li jkun jixtieq jesebixxi lill-qarrej. Ngħidu aħna d-diversità fejn jidħlu aspetti mżewqa tal-imħabba, kif ukoll l-orjentazzjonijiet sesswali differenti. Is-sitwazzjoni delikata meta l-moħħ jiżbilanċja u jibda jilgħab. Il-konsegwenzi li jġibu magħhom l-emozzjonijiet li xi drabi ma jkollniex kontroll fuqhom, bħal ngħidu aħna l-biża', il-ferħ, id-disperazzjoni, u s-sens ta' vendetta. Kif ukoll il-mod ta' kif iħares lejn il-fidi u l-imħabba li għandu jkollna lejn Alla.

Dawn huma novelli friski li, għal darb'oħra, ipoġġu li dan l-awtur f'niċċa speċjali. Awtur ta' stoffa li ma jiddiżappuntax. Surmast tal-kitba kreattiva li ġġiegħlek mhux biss tieħu pjaċir bir-rakkont li qed taqra, imma wkoll tapprezza u tieħu gost ittiegħem palat letterarju bnin li jixhed kalibru għoli u mill-aqwa tat-tħaddim bil-għaqal tal-ilsien Malti.




## SAJF U XITWA

**Kitba ta' Victor V. Vella M.A. (Syd. Univ )**

Kif stenbaħt dalgħodu rajt l-ajru imsaħħab u mgħabbar bi sħab iswed u bil-weraq tal-*liquid amber* kollha kuluri jillarjaw u jiżfnu mas-sirda ħelwa ta' filgħodu u lmaħt il-laringa tħammar bil-frott qalb il-weraq aħdar bin-nida ta' filgħodu u malajr rajt li qeghdin fil-Ħarifa u wasalna għax-xitwa. U ta' Malta għaddejjin ukoll għall-bidla tal-istaġun u wasaltu jew qegħdin fix-xifer tas-sajf. Dak iż-żmien li jeħodni għal meta konna nibdew narmaw għas-sajf. Wara li konna neħilsu mill-eżamijiet u nħarsu lejn il-libertà tas-sajf, sħana, baħar u bnazzi u ħin liberu. Għadni narani tiela' min-Knights Hall ta' ħdejn il-baħar ma' Strada Merkanti u nillitikaw fuq l-esej li konna ktibna għall-eżami tas-senior Oxford ta' dak iż-żmien. Niftakar kienet l-Imnarja fl-eqqel tas-sajf. Kien l-agħar żmien biex tagħmel eżami imma dak iż-żmien konna għadna nimxu fuq l-arloġġ u klima Ingliża.

Is-Sajf kien għalina għors avolja bla televixin u iktar jew inqas u inqas *mobiles* u l-imbrazz modern l-ieħor... Kien l-istaġun ta' ġiri u ġenn u ta' għum u ta' sajd u ta' bajtar u għeneb u ġiri għad-dell. Mixjiet twal filgħodu kmieni biex tilħaq il-bajtar tax-xewk bix-xewk għajjien għax ix-xemx tkun għadha ma waqqfitux fuq tiegħu... Jew ġirja sal-Għadira fil-każ tiegħi jew qadfa fuq il-kenura max-xatt tad-daħla tal-Mellieħa u tasal qadfa qadfa sa taht l-Imgiebaħ u tibqa' sejjer sal-Gżira ta' San Pawl. Jew tmur in-naħa l-oħra u taqbeż qabża għall-baħar iħajrek fid-daħla tax-Xilep fejn kien hemm it-tunnara, b'dawk l-erba dgħajjes suwed u bix-xieru mimli sajjieda u forsi tisma' r-rajjes jgħajjat 'lieva' għax it-tonn daħal fil-kamra jew fix-xibka l-kbira u s-sajjieda imxarrbin għasra lesti bil-ganċijiet ħalli jattakkaw it-tonn. Jew ittella' nassa mimlija vopi jissieltu biex joħorgu min-nassa li telgħet friska u mxarrba għasra mill-qiegħ. Jew iddur mal-kosta, trampal u taqbeż mill-iskoll għall-ieħor u tara issibx xi qarnita jew brimba tkun għadha fis-sakra mil-lejl li għadda u forsi titħajjar taqbad il-ħjiel abjad u ttellagħha fil-wiċċ u taqlibilha rasha ħalli ma taħrabx mill-ħofra li poġġejtha fiha.

Is-sajf kien staġun ta' attività u ta' serħ wara sena ta' skola, studju u homework u laqgħat u ġiri 'l hawn u 'l hinn. U tmur tara n-nanna kif inhi u n-nannu bil-bastun jippassiġġa bejn is-sodda u s-siġġu u mill-bitha sat-triq u jdur għad-dell u jgħid kelma mal-ġar ixjeħ minnu. U tisma' l-qanpiena tat-tmienja u tgħid *regjem eterna*.... għal dawk li kienu ħdejk fiċ-ċimiterju.

B'dak il-baħar cass li taħsbu bla ħajja, jonfoħ bil-mod kemm kemm ixarrab il-ħaxix imwaħħal mal-blat tad-dħul tal-bajjiet u tal-iskolli. Kwiet kwiet, manswet u jistrieħ u jserrħek minn dak il-brim ta' mewġ u t-taħbit u t-tisbit mal-blat fix-xitwa u mal-iskolli jew jibqa' tiela' ttraxnat fuq ir-ramel lixx u jimla u jnaddaf ir-ramla kollha. Issa kkwieta u strieħ u kemm kemm jitħajjar jobrom mewġa żgħira li titla' bil-lajma fuq ix-xatt u tinżel malajr tingħaqad mal-baħar bħal tarbija tfittex lil ommha.

Kien għadu jinstema' l-ilma ġieri jċarċar fil-għajn tad-Duluruż mimlija bil-ħut ta' kull kulur waqt li jkun taħt il-ħarruba jdaħħan daqs vapur u jperreċ id-duħħan b'idu ix-xellugija qabel ma jittendi bih id-dubbien.

L-għelieqi mimlijin biż-żbul tad-deheb u l-bidwi jibda jwitti u jimla' l-ħofor ilesti l-qiegħa. U aħna konna llestu fejn nistaħbew ħalli nilagħbu noli qalb il-ħuxlief u taħt id-dawl ta' qamar bin-nanna tfittex il-gidja bil-fanal inemnem u bit-tubu mdaħħan għax ħarbitilha tfittex xi werqa ħadra.

U mal-għaxra ta' filgħodu kulħadd jerġa' jfittex id-dell tas-siġar jew tad-dar u minn ipaċpaċ u min jilgħab u min jaqra u jfittex qalb il-kotba u l-gazzetti qodma. L-ieħor jilgħab mal-fenek u jipprova jilgħabha ta' saħħar u jittrenjah biex jaqbeż lasta ta' xkupa. U l-omm tnaddaf it-twieqi u ġġerri l-purtieri ħalli toħloq id-dlam biex tara kollox nadif u f'postu. U ttella' barmil ilma mill-bir frisk daqs żiffa Tramuntana. Bħall-erba' xjuħ tal-pjazza li jduru għad-dell biex iħossu ż-żiffa mill-grigal u jisħnu u jillitikaw fuq l-antik u fuq il-politika u jixxottaw l-għaraq minn fuq ġbinhom.

Fir-raħal jaqa' baħħ u n-nhar isir lejl fil-kwiet u fid-dellijiet misturin u mkennijin mit-tisriġ tax-xemx tas-sajf aħrax Malti....



**Il-kamra tat-tonn**



Sir Gerald Bernard Kaufman

## IL-LHUDI LI ĦADHA KONTRA IŻRAEL

**Kitba ta' Mary Chetcuti**

Sir Gerald Bernard Kaufman kien politiku Ingliż ta' nisel Lhudi li serva fil-House of Commons (il-Parlament Ingliż) mill-1970 sa mewtu fl-2017. Taħt leġislatura Laburista ta' bejn l-1974 u l-1979 huwa serva dejjem bħala ministru, l-ewwel għall-Ambjent u wara għall-Industrija. Fl-opposizzjoni kien membru tax-Shadow Cabinet u mdaħħal f'għadd ta' kumitati parlamentari.

Ma naqsux il-kontroversji dwaru fil-karriera politika twila tiegħu. Intqalu ħafna affarijiet fuqu. Li hu żgur hu li kien raġel żbukkat u skjett meta jopponi u jikkritika; raġel li l-abjad kien jgħidlu abjad u l-iswed għalih jibqa' iswed. Ma kinux jeżistu żoni griżi meta jagħti l-opinjoni tiegħu.

Prova waħda minn ħafna kienet interpellanza parlamentari li għamel bħala backbencher, nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2009, waqt dibattitu, liema diskors għadu jidwi u jibqa' validu dment li tibqa' mhux solvuta kif xieraq il-kawża Palestinjana. Fl-interpellanza tiegħu Sir Gerald Kaufman qal hekk:

"Jiena trabbejt bħala Lhudi Ortodoss u Żionist. Fuq xkaffa fil-kċina tagħna konna nżommu kaxxa tal-landa żgħira għall-Fond Nazzjonali Lhudi. Fiha konna nixħtu l-muniti biex ngħinu lill-pijunieri jibnu preżenza Lhudija fil-Palestina.

Mort l-ewwel darba Iżrael fl-1961 u minn dakinhar lanqas ngħoddhom kemm drabi oħra mort. Kelli qraba f'Iżrael u għandi l-ħbieb f'Iżrael. Wieħed minnhom iġġieled fil-gwerer tal-1956, l-1967 u tal-1973 u ġie ferut fi tnejn minnhom. Il-labra li għandi mal-ingravata li liebes għamiltha minn midalja għas-servizz li kien ippremjat biha dal-ħabib, li wara taha lili.

Kont naf ħafna mill-prim ministri ta' Iżrael, ibda mill-Prim Ministru fundatur tal-istat ta' Iżrael David Ben-Gurion. Golda Meir (prim ministru) kienet ħabiba tiegħi bħalma kien Yigal Allon, Deputat Prim Ministru, li meta kien ġeneral rebaħ in-Negev (żona enormi ta' deżert) għal Iżrael fil-gwerra għall-Indipendenza tal-1948.

Il-ġenituri tiegħi ġew l-Ingilterra bħala refuġjati mill-Polonja. Il-parti l-kbira ta' familti nqatlet min-Nażisti fl-Olokawst. In-nanna tiegħi kienet f'qiegħ ta' sodda marida meta ġew in-Nażisti f'raħalha Staszow. Suldat Ġermaniż sparalha u qatilha fis-sodda tagħha.

In-nanna tiegħi ma mititx biex isservi ta' skuża għas-suldati Iżraeljani li qed joqtlu nanniet Palestinjani f'Gaża. Il-Gvern Iżraeljan qiegħed jisfrutta bla skruplu ta' xejn il-ħtija li teżisti fost il-popli mhux Lhud li kienu kompliċi fil-qtil tal-Lhud fl-Olokawst sabiex jiġġustifika l-qtil li qed iseħħ ta' Palestinjani. Jagħtu x'jifhem li l-ħajja tal-Lhud hija prezzjuża, imma l-ħajja tal-Palestinjani ma tiswa xejn.

Ftit tal-ġranet ilu fuq Sky News, kelliema f'isem l-armata Iżraeljana, il-Maġġur Liebovich, ġiet mitluba twieġeb dwar il-qtil ta' 800 Palestinjan mill-Iżraeljani – għalkemm it-total issa tela' għal elf. Hi wieġbet bla tlaqliq li 500 minnhom kienu militanti .

Dik kienet it-tweġiba ta' Nażista. Mela qed nassumi li l-Lhud li ġġieldu għal ħajjithom fil-Ghetto ta' Varsavja ġew ittrattati ta' militanti.

Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Tzipi Livni ssostni li l-gvern tagħha ma jrid ikollu xejn x'jaqsam mal-Ħamas, għax dawn huma terroristi. Missier Tzipi Livni kien Eitan Livni, kap operattiv tal-grupp terroristiku Irgun Zvai Leumi, kien il-moħħ wara l-isplużjoni tal-King David Hotel f'Ġerusalemm li ħalliet 91 vittma fosthom erba' Lhud.

Iżrael inħolqot mit-terroriżmu Lhudi. Terroristi Lhud qatlu żewġ surgenti Brittaniċi u dawru l-katavri tagħhom bl-esplussiv. Irgun Zvai Leumi, flimkien ma' grupp terroristiku ieħor Stern, immassakraw 254 Palestinjan fl-1948 fil-villaġġ ta' Deir Yassin. Illum, il-Gvern Iżraeljan ta indikazzjoni li lest jinnegozja, f'ċirkostanzi li jiffavorixxu lilu, mal-President Palestinjan Abbas tal-Partit Fatah. Huwa tard wisq għal dan. Setgħu nnegozjaw mal-mexxej preċedenti tal-Fatah, Yasser Arafat, li kien ħabib tiegħi. Minflok, assedjawh u kellu joqgħod moħbi ġo xelter f'Ramallah, fejn mort inżuru. Kien minħabba l-fallimenti tal-Fatah wara l-mewt ta' Arafat li Ħamas rebħu l-elezzjoni Palestinjana fl-2006. Ħamas hija organizzazzjoni diżgustanti għall-aħħar, b'danakollu ġew eletti demokratikament u qed jilagħbu partita weħidhom. Il-bojkott fuq Ħamas, inkluż mill-gvern tagħna, kien żball kbir li wassal għal konsegwenzi koroh.

Il-kbir Abba Eban, Ministru tal-Affarijiet Barranin Iżraeljan, li miegħu jiena kkampanjajt għall-paċi f'għadd t' okkażjonijiet, kien qal: "Inti tagħmel il-paċi billi titħaddet mal-għadu tiegħek."



B'danakollu, joqtlu kemm joqtlu Palestinjani f'Gaża, l-Iżraeljani ma jistgħux isolvu l-problema eżistenzjali militarment. Meta u kemm-il darba l-ġlied jieqaf, xorta waħda jibqgħu 1.5 miljuni Palestinjani f'Gaża u 2.5 miljuni oħra fix-Xatt tal-Punent. Dawn il-bnedmin huma ttrattati ta' żibel mill-Iżraeljani, b'mijiet ta' roadblocks u b'imġiba diżgustanti u fastidju mill-abitanti tal-kolonji illegali Lhud. Għad jasal iż-żmien, li mhux fil-bogħod mil-lum, meta l-Palestinjani jissuperaw fin-numru lill-poplu Lhudi f'Iżrael.

Wasal iż-żmien li l-gvern tagħna jagħmilha ċara mal-gvern Iżraeljan li mġibtu u l-politika tiegħu huma inaċċettabbli, u jimponi embargo totali ta' armi fuq Iżrael. Wasal iż-żmien għall-paċi, imma paċi ta' veru, mhux soluzzjonijiet ta' ħakkiema li huwa l-għan reali tal-Iżraeljani għalkemm dan huwa impossibbli li jilħquh. L-Iżraeljani mhumiex biss kriminali tal-gwerra iżda saħansitra boloh."

Qala' kritika ħarxa għad-diskors tiegħu dakinhar. Iżda jibqa' l-fatt li l-mewt biss waqqfitu lil Sir Gerald Kaufman milli jagħmel diskorsi kontra Iżrael u l-politika estremista Iżraeljana fil-konfront tal-poplu Palestinjan.

## GENOCIDIO A GAZA

Le onde del mare di Gaza cullano spazzatura.

Poco, a poco, macchiando la sabbia biancheggiante
inquinata dal Popolo di Dio entusiasta,
aspettando che il virus li stermini;
*ballas jalla bye.*

Mosè gioca coi serpenti
annusando oggi l'incenso
con gli occhi chiusi
fingendo neutralità.

E arriva un'altra e-mail:
Fermate il genocidio a Gaza!

**JOHN P. PORTELLI**
(Minn *Questo mare. Poetica*, Albatros, 2023)

## LEJLIET IL-FESTA

Mort għall-marċ, lejliet il-festa,
briju kbir,
xi pjaċir,
daqq u għana,
nies ferħana,
kollox f'ġieħ il-patrun tagħna.

Ġuvintur, xebbiet, ferħana,
mitlufin,
qbiż u żfin,
għalenija,
geġwiġija,
kollox f'salt, kakofonija.

Ħin bla waqt, bla xejn mistenni,
qam l-inkwiet,
beda l-ġlied,
ħġieġ jinkiser,
in-nies tixher,
għax Patist fettillu siker.

Mort għall-marċ, lejliet il-festa,
b'dak li rajt,
issummajt,
nies bla ħtija,
kollha dmija,
kollox f'ġieħ l-ipokrisija.

**CHARLES MIFSUD**
(Minn *Ghanjiet il-Qalb*, 2013)

## PALESTINJAN TAĦT IL-ĦDURA TAL-LENBUBI

**lil Munal**

Nara l-krozzi f'għajnejh
dan il-ġuvni sabiħ
u t-tgħawwiġ ta' ġismu mfarrak bil-lenbubi.
Riġlejh immażżrati
u x-xedaq mifqugħ u s-snien ingannati
u spallejh skuntrati u jitkaxkru...
B'għajnejh jismagħni u jweġibni
u forsi naqra jitbissimli.
Irrid inwaqqaf 'il kulħadd u nlaqqgħu miegħu
u ngħid l-istorja kollha ta' Ħal Safi
u kif farrkulu ġismu.
Imma din mhix l-istorja tiegħi,
ma nafx iridx jgħidha,
u jien m'iniex se nkun
ħdejh
wara.

X'ħin jitbissimli naqra jaf
li m'jien se nagħmel xejn għalih
u wara l-ħdura bil-lenbubi ta' Ħal Safi
u x-xedaq sfrakassat
u riġlejh mifqugħa
u ġismu skuntrat
se jibqa' jitkaxkar bil-krozzi
u ħajjitna se tkompli.

**ADRIAN GRIMA**
(Minn *Rakkmu*, KKM, 2005)



Charles Bezzina

## *MILL-ĠRAJJA TAL-BALLATA* (2023) ta' Charles Bezzina

**Xi riflessjonijiet kritiċi u analitiċi ta' Patrick Sammut**

**DAĦLA:**

Charles Bezzina ilu jikteb il-poeija sa mis-snin '80, bl-ewwel ġabra tiegħu ġġib l-isem ta' *Triqat Bla Tarf* (1987) u l-iktar waħda reċenti *Mal-Aħħar Mewġiet* (2023). Huwa jista' jingħata t-titlu tal-'Poeta tal-Baħar' ladarba dan huwa element dominanti fil-poeżija kollha tiegħu, imma tajjeb li niftakru li Bezzina kiteb ukoll kotba ta' natura storiko-antropoloġiko-kulturali, fosthom dwar Għawdex matul it-Tieni Gwerra Dinjija u pubblikazzjonijiet dwar personaġġi magħrufin fil-gżira ta' Għawdex.

It-titlu ta' din il-ġabra, *Mill-Ġrajja għall-Ballati*, għalhekk, bħal jorbot flimkien dawn iż-żewġ oqsma għal qalb ħafna ta' Charles Bezzina. Dak li jirrakkonta Bezzina permezz ta' dawn l-erbatax-il ballata letterarja huma ġrajjiet ta' niket u biki li seħħew fir-realtà, ġrajjiet li jħalluk b'ħalqek miftuħ, mistagħġeb, tirrifletti u thewden fis-skiet. Huma wkoll ġrajjiet li bħal jiġu ssussurrati – mela rrakkuntati minn taħt l-ilsien -, xi drabi mgħajta mill-istess elementi naturali bħall-art, il-baħar u r-riħ.

Permezz ta' dawn il-ballati li qed jippreżentalna Charles Bezzina qed nassistu għal proċess partikolari: il-kelma mismugħa (oralment, jew anki moqrija fuq gazzetta) li nbidlet f'kelma miktuba (minn Bezzina stess) u li wara tinbidel f'kelma moqrija (mill-qarrej ta' dan il-ktieb). Tgħaqqad dawn it-tliet waqtiet hemm dik li jiena sejjaħt 'elettriċità' jew emozzjoni partikolari li tgħaddi mir-rakkontatur ewlieni għall-poeta li kiteb il-ballata, għall-qarrej li jaqra dan ix-xogħol.

Fuq kollox dawn huma ġrajjiet-narrattivi li xi darba, 'il bogħod fiż-żmien jew eqreb, seħħew fir-realtà, imma ġew iffiltrati mis-sensibilità tal-kittieb u poeta Charles Bezzina. Mela fihom żgur tinħass ċerta elettriċità, ċerti patos u sens ta' stagħġib li ħass l-awtur meta semagħhom għall-ewwel darba.

**L-AMBJENTAZZJONI:**

Charles Bezzina jikteb fuq kollox dwar ġrajjiet li seħħew f'Għawdex, il-gżira fejn twieled u għadu jgħix. Infatti, il-gżira ta' Għawdex tissemma direttament jew indirettament f'disgħa mill-erbatax-il ballata li għandna f'din il-ġabra. Permezz ta' dawn il-ballati Bezzina jistieden lill-qarrej interessat u intelliġenti jirrevedi ċerti episodji storiċi ewlenin fl-istorja tal-gżira t'Għawdex. Hekk *Il-Ballata ta' Bernardo De Opuo* hija dwar traġedja li seħħet f'Lulju tal-1551. Bernardo De Opuo kien suldat Sqalli li rreżista lit-Torok hekk kif daħlu fiċ-Ċittadella, ir-Rabat, Għawdex, u bdew jisirqu dak kollu li setgħu mill-knejjes u bini ieħor, filwaqt li jeqirdu l-bqija. Bernardo ġġieled bi qlubija kbira, imma qabel ma għamel hekk qatel lil martu u liż-żewġ uliedu bniet biex ma jħallihomx ibatu taħt idejn il-ħjiena Torok. Paradossalment il-qtil iseħħ bħala att ta' mħabba.

Allura, din hija ballata rrakkuntata u mifhuma biss minn min hu konxju tal-istorja ta' art twelidu, min hu ħaġa waħda ma' dak li jissejjaħ *genius loci* jew l-ispirtu tal-post li fih jgħix u jpassi kuljum. Bezzina bħal ifakkarna li kull art għandha rkejjen speċifiċi bi ġrajjiet moħbija x'tirrakkonta. *Il-Ballata ta' Bernardo De Opuo* hija xogħol li bħal iwaqqaf il-ġirja-tellieqa taż-żmien u tistedinna nirriflettu dwar ġrajja li seħħet fl-imgħoddi u nsellmu lill-antenati tagħna li tilfu ħajjithom traġikament. L-art u l-ġebel għandhom storja x'jirrakkontaw għax kienu parteċipi f'dak li seħħ: "d-demm li fl-art xtered" u s-"swar kollha niket". Ir-Rabat, Għawdex, jerġa' f'*Misteru ta' Tifla (F'għeluq il-mitt sena – 27 ta' Awwissu 1911)*, ballata dwar tifla li għebet u li hemm min jaħseb li tinsab "imkaħħla/ f'xi post waħxi ta' xi triq."

Ballata oħra fejn Għawdex jissemma direttament hija *Tifkira (B'tislima lil dawk l-Għawdxin li għebu mis-sisien)*. Din id-darba Bezzina joħodna ħdejn is-sisien u l-baħar – il-post eżatt mhux imsemmi - fejn seħħet it-traġedja deskritta. Anki hawn jitwaħħdu żewġ forzi kuntrastanti: fuq naħa l-imħabba

(l-*eros*) u fuq l-oħra l-mewt (it-*thanatos*). Eżattament x'seħħ miż-żewġ maħbubin ħadd ma jaf ladarba l-mewt tissemma biss metonimikament permezz tal-kelma "Novembru". L-insistenza fuq il-lessiku naturali donnha trid tgħidilna li n-natura biss taf b'dak li seħħ verament miż-żewġ maħbubin.

L-ispazju tal-baħar jispikka wkoll f'*Il-Ballata tal-Għarqa ta' Ħdejn Ħondoq ir-Rummien*. Hawn il-post fejn isseħħ it-traġedja ma jibqax ġeneriku, imma hu speċifikat. Il-ġrajja hawn toħodna lura għall-1948 meta għadd ta' Għawdxin li nqabdu Malta riedu bilfors jirritornaw Għawdex minkejja l-maltemp. Bezzina jimraħ fil-fond tal-baħar u taż-żmien, iwasslilna xena mimlija moviment u azzjoni tant li taqta' nifs il-qarrej-semmiegħ, u dan permezz tal-kelma mħaddma b'sengħa – fejn insibu għaġna tajba ferm tal-kelma Maltija ta' nisel Semitiku, flimkien ma' kliem ta' nisel Romanz fejn jinħass il-bżonn - li toħloq f'moħħ il-qarrej xbihat, ilwien, movimenti, azzjonijiet u sens ta' drammatiċità daqs l-aqwa logħba virtwali jew film drammatiku jew serje televiżiva. Bezzina poeta huwa l-*medium*, il-persuna tan-nofs li toħloq dan il-kuntatt bejn il-post - jew spirtu tal-post - li jgħid il-ġrajja u l-qarrej-semmiegħ tal-ballata.

Għawdex u l-baħar jerġgħu f'*Destin ta' Sajjied (B'tislima għas-sajjieda Għawdxin li ħarġu bil-luzzu jistadu u lura ma ġewx iżjed)*. Il-kliem użat, il-versi ritmiċi, il-poeżija – bħall-ballati kollha f'din il-ġabra – jerġgħu jagħtu l-ħajja, leħen, in-nifs, laħam u dgħif, lil dawk li xi darba kienu imma għebu b'mod traġiku u misterjuż. Is-sajjied li ma jerġax lura nerġgħu naqraw dwaru f'*Is-Sajjied ta' Wied il-Mielaħ*. Ta' min niftakru li Bezzina hawn jikteb dwar persuni sempliċi u umli, f'dan il-każ sajjied xwejjaħ, f'każi oħra żgħażagħ namrati, jew xi tifla li għebet.

Għawdex jerġa' jissemma f'*Il-Ballata tal-Bosk (B'tislima għal dawk l-Għawdxin li nstabu fil-bjar maqtula)*. Anki hawn l-ispazju eżatt jibqa' ġeneriku – "bosk mudlam mingħajr isem". Din il-ballata tfakkar fil-ġrajja ta' żewġ maħbubin li għebu. Tibqa' l-mistoqsija jekk dawn iż-żewġ maħbubin inqatlux jew kinux huma li volontarjament għażlu li jaħarbu mill-"ġenn kollu, l-imrar tal-bliet... bogħ'd mill-ħamba, mill-hemm ta' kulħadd." L-imħabba terġa' f'xogħol simili bl-isem ta' *Il-Ballata ta' Żewġ Maħbubin (B'dedika għal dawk l-Għawdxin li sparixxew u ma nstabu qatt)*. Hawn naqraw b'waqtiet ta' ferħ u hena bejn iż-żewġ maħbubin, segwiti minn aħbar ta' diqa: l-għajbien misterjuż tagħhom. Id-diqa fit-tieni parti tiġi preannunzjata fl-ewwel strofa ("waħx kiebi"), "waħx" li mbagħad bħal terġa' tissemma lejn l-għeluq, "waħx id-dlam".

Għarqa oħra hija rrakkontata f'*Il-Ballata tal-Gwerra (B'dedika lill-vittmi Għawdxin li għerqu 'l bogħod minn artna)*. Għalkemm hawn jissemmew fis-sottotitlu l-Għawdxin, l-ambjentazzjoni hija ġenerika, minkejja li nafu li l-ġrajja seħħet 'il bogħod mill-gżira ta' Għawdex, imma dejjem fuq il-baħar li hawn jinftiehem bħala ċimiterju ("baħar iswed bla lġiem"). Għalkemm hija ballata, mela frott l-istħajjil, bħal ballati oħra hija bbażata fuq fatti li seħħew aktar minn darba fir-realtà lil bosta Għawdxin u Maltin li mal-baħar minn dejjem kellhom relazzjoni ambivalenti: minnu qalgħu l-ħobża ta' kuljum, imma fih bosta tilfu ħajjithom ukoll. Lejn tmiem din il-ballata l-baħar jakkwista tifsira figurattiva ladarba jirrappreżenta l-eternità, fejn il-maħbubin mifrudin għal snin twal jerġgħu jingħaqdu flimkien.

Kif qed naraw, l-ispazji li fihom huma ambjentati dawn il-ballati huma postijiet imdallma bħal sqaqien jew għerien, il-wied jew il-bosk, xi torri mwarrab, spiss qrib jew fuq il-baħar. *Il-Ballata tal-Wied* tiftaħ bil-kliem "Kienu rawhom...", biex b'hekk il-ġrajja titqiegħed fi żmien mhux determinat, filwaqt li tirrakkonta storja ta' mħabba li tinbidel fi traġedja. X'seħħ miż-żgħażagħ u għaliex it-tfajla sfat waħedha jibqa' misteru. L-ispazju magħżul f'*It-Tfajla tax-Xtajta* hu msemmi fit-titlu stess. Anki hawn ningħataw l-idea li l-laqgħa bejn iż-żewġ namrati seħħet bosta żmien ilu: "Għadda ż-żmien..." tiftaħ tlieta mill-għaxar kwartini li jikkomponu din il-ballata. L-idea tal-inċertezza, tad-dubju jekk seħħx jew le dak li qed jiġi rrakkuntat, tidher ukoll f'*Il-Ballata tal-Mitlufa* – ġrajja li sseħħ qrib torri "f'tarf ix-xifer li jagħti għall-baħar" - li tiftaħ bil-kliem, "Jgħidu ħarġu xi darba fix-xita...".




Interessanti u għaliha hija il-ballata li Bezzina jintitola *It-Tfal tal-Irdum (B'tislima tat-tfal li mietu fuq il-Muntanja Krippenstein, Dachstein, l-Awstrija – 1954)*. Il-ġrajja traġika rrakkontata hawn isseħħ 'il bogħod mill-gżira ta' Għawdex, eżattament fl-Awstrija, anki hawn ġrajja li seħħet fir-realtà. Bezzina jitlaq mir-reali biex imbagħad fl-istħajjil tiegħu jibdlu f'leġġenda jew fi storja li tmur lil hinn mil-limiti temporali. Permezz tal-kelma versifikata Bezzina jirnexxilu jibdel fi preżenza dawk li għal snin twal ilhom assenti minħabba raġunijiet traġiċi u misterjużi varji.

**ELEMENTI STILISTIĊI:**

Il-ballata hija xogħol li jintrabat mat-tradizzjoni, mela l-forom li minnhom hija magħmula huma tradizzjonali. Il-ballata folkloristika twieldet oralment u kienet kantata minn nies ta' bla skola, imma dan ma jfissirx li kienu persuni bla fantasija jew kreattività. Prova ta' dan huwa l-fatt li l-ballata kantata kienet magħmula mill-vers mużikali tat-tmien

sillabi (l-ottonarju), filwaqt li kienet titħaddem anki r-rima, mela bi kliem li jitqabbel fl-aħħar parti tal-versi, u dan biex tiġi memorizzata b'inqas diffikultà minn min ma kienx jaf jaqra u jikteb. Dan kollu kien jeħtieġ ċerta dixxiplina u rażan fejn jidħol l-istil. Il-ballata letterarja u miktuba minn persuna ta' skola mbagħad imitat lill-ballata folkloristika.

F'dawn l-erbatax-il ballata li jagħtina f'din il-ġabra, Bezzina juża fuq kollox il-kwartini bir-rima mqabbża (strofi ta' erba' versi bir-rima ABĊB), filwaqt li f'*Il-Ballata ta' Bernerdo De Opuo* juża l-ottavi, mela strofi ta' tmien versi (bir-raba' vers jaqbel mat-tmien vers). Ma ninsewx li kollha jirrakkontaw għajbien jew ġrajjiet ta' qtil jew mewt, mela huma wkoll eleġiji. Prosodikament Bezzina jħaddem ukoll il-versi regolari bħas-senarji, l-ottonarji, in-novenarji, u d-dekasillabi (il-vers favurit tal-poeta f'din il-ġabra), bosta drabi b'versi alternati bejn pjani u tronki.

Il-ballata ta' Charles Bezzina tħaddem għadd sabiħ ta' mekkaniżmi stilistiċi li jagħmluha xogħol letterarju li jistħoqqlu rispett. Nibda mill-alliterazzjonijiet li jirrikorru fil-ballati li naqraw f'din il-ġabra u li jgħinu ħafna fuq livell udittiv, mela fil-mod kif dawn ix-xogħlijiet jinstemgħu meta jinqraw. Hekk pereżempju, f'*Il-Ballata ta' Bernardo De Opuo* jaħkmu konsonanti bħall-'ħ' li b'xi mod iridu jwasslu l-ħoss tar-"riħ bla mistrieħ" li hu parti mill-isfond. Hemm ukoll ir-ripetizzjoni kakofonika fuq konsonanti ħorox bħall-'k' u l-'q' li jgħinu biex iwasslu s-sitwazzjoni diffiċli deskritta ("Il-karba profonda/ f'kull lejla bla qamar"), filwaqt li konsonanti bħax-'x' u l-'m' (flimkien mal-'ħ' diġà msemmija) huma preżenti f'kull strofa mill-ħames ottavi li minnha hi magħmula din il-ballata. Dawn it-tliet konsonanti donnhom ikomplu jenfasizzaw l-atmosfera ta' misteru u biża' li taħkem f'dan ix-xogħol. L-appell udittiv jissaħħaħ anki permezz ta' kliem onomatopejku bħal "tvenvin", "iħaxwex", "karba", "għajta", "jingħi" u "krib". Hemm ukoll bħal ritornell fl-aħħar żewġ strofi: "Fit-toroq waħxija/ tas-swar kollha ħerba" u aktar tard "Fit-toroq waħdiena/ tas-swar kollha niket". Fuq livell viżiv jaħkem l-effett tal-kjaroskuro, mela l-logħba bejn dawl ("beraq iliegħeb", "xemgħa qed tnin") u dlam ("dalma", "lejla bla qamar"). Il-kjaroskur jerġa' f'*Il-Ballata ta' Żewġ Maħbubin* fejn joħroġ il-kuntrast bejn versi u kliem bħal "qalbhom mixgħula", "il-qawwa li tikbes bħal xrar", "dija għajjiena tal-qamar" u "il-kwiekeb fil-baħħ mifruxin" fuq naħa, u "mistura mal-ombri tat-torri", "lejl" u "dalma" fuq l-oħra. Hawn id-dlam tal-għajbien misterjuż jieħu post id-dawl tal-bidu fejn naraw liż-żewġ maħbubin jitgħannqu, jitħannu u jħaddnu lil xulxin. L-istess effett tal-kjaroskur jerġa' f'*Ix-Xwejjaħ li Nġarr mal-Wied*, bil-kuntrast bejn "s-sħab iswed", "id-dlam waqa'", u "Dawl il-beraq kien leħħ". Dan kollu jfakkar fl-atmosfera li kienet taħkem fix-xogħlijiet letterarji Gotiċi li xterdu l-iktar fl-aħħar snin tas-seklu 18 u fil-bidu tas-seklu 19.

Hemm waqtiet fil-ballati ta' Bezzina meta elementi li mhumiex bnedmin jiġu umanizzati bħal meta naqraw "u beka l-wied kollu" jew "l-qmar jissamma'.../ jibdel lewnu, jiħmar u jitqanqal/ jibki magħha..." (*Il-Ballata tal-Wied*). L-alliterazzjoni terġa' f'din il-ballata, b'insistenza fuq il-konsonanti 'd' ("iddellet", "ddalmet", "dmugħ", "darba", "ħadrani", "dlonk", "dalma") li b'xi mod twassal b'mod iktar solidu l-idea tat-traġedja deskritta li seħħet fid-dlam.

F'*Tifkira* jispikka l-appell udittiv b'insistenza fuq ix-'x' li twassal kemm il-ħoss li nagħmlu biex insikktu u nfakkru li jenħtieġ jintwera rispett lejn xi ħadd jew xi sitwazzjoni, imma anki l-ħoss tal-baħar. Anki hawn l-umanizzazzjoni, din id-darba tal-baħar ("Il-mewġ karab id-diqa tal-baħar/ u r-raxx għola kemm drabi f'bikjiet") u "ix-xtajta lluppjata dulur."

Element ieħor li jirrikorri minn ballata għal oħra huwa l-fatt li spiss Bezzina jibda fuq nota pożittiva biex ifisser iż-żmien meta kollox kien għaddej tajjeb, mentri fit-tieni parti tiġi introdotta l-parti n-negattiva fejn isseħħ it-traġedja jew l-għajbien tal-persuna. Dan jidher evidenti f'ballati bħal *Il-Ballata tal-Wied*, *Il-Ballata tal-Bosk*, *Il-Ballata tal-Gwerra*, *Destin ta' Sajjied*, *Misteru ta' Tifla*, u *Is-Sajjied ta' Wied il-Mielaħ*. F'parti kbira minn dawn is-sitt ballati, it-tieni parti tiġi introdotta permezz tal-kelma "Imma..." li bħal toħloq distakk bejn l-ewwel parti hienja u pożittiva, u t-tieni parti mimlija diqa ("'Ma xortihom..."; "'Ma salpa jum wieħed..."; "'Ma lura dar-raġel..."; "Imma darba lura f'darha"; "Imma darba ma rawhx u sparixxa..."). F'din it-tieni parti mbagħad jispikka wkoll it-tħaddim tal-polisindeto, jew ir-ripetizzjoni tal-konġunzjoni 'u', li bħal tagħtina l-idea li dawn irrakkuntati hawn huma ġrajjiet li seħħew spiss u ma jintesewx: hekk naqraw "U kull darba..." , "U kull meta...", "U kull darba..." (*Il-Ballata tal-Wied*); "U talbet it-tfajla...", "u jerġa' sħiħ lura...", "u għereq m'oħrajn..." (*Il-Ballata tal-Gwerra*); "U ħarġu ħa jfittxu...", "U martu bkiet...", "u lefqu sa wliedu...", "U meta tul lejla..." (*Destin ta' Sajjied*); "U bkew ommha, u missierha...", "u sew x'ġara, u x'sar minnha", "U mitt sena taru...", "U fid-dalma kull Awwissu...", "U tinstema' talba mqanqla..." (*Misteru ta' Tifla*); "u li wasal fil-belt tas-smewwiet", "U inutli li tibqa' tistenna..." (*Is-Sajjied ta' Wied il-Mielaħ*).

Jitħaddmu wkoll mekkaniżmi letterarji oħra bħall-ewfemiżmu ("missierhom imbala'/ f'misteru", minflok tissemma direttament il-kelma "miet" f'*Destin ta' Sajjied*; il-kelma "Novembru" li tieħu l-post tal-kelma "mewt" f'*Ix-Xwejjaħ li Nġarr mal-Wied*; jew "wasal fil-belt tas-smewwiet" minflok "miet" f'*Is-Sajjied ta' Wied il-Mielaħ*), l-iperbolija ("jintesew ma' mitt ġrajja...", f'*Il-Ballata tal-Bosk*), u l-anafora, fejn tiġi ripetuta l-istess kelma jew frażi fil-bidu ta' versi konsekuttivi għal effett ta' enfasi. Hekk fil-versi "dik l-imħabba ta' żewġ maħbubin,/ dik il-ħalfa qawwija ta' qalbhom,/ dik il-ħolma sabiħa tas-snin" li nsibu f'*Tifkira*, il-kelma "dik" donnha tinsisti fuq ir-rabta t'imħabba dejjiema li teżisti bejn iż-żewġ maħbubin, filwaqt li fil-versi "Jekk f'xi bir huma waqgħu, tefgħuhom,/ jekk intradmu, serquhom inkiss,/ jekk sfortuna, diżgrazzja ġratilhom" li nsibu f'*Il-Ballata tal-Bosk*, il-kelma "jekk" tinsisti fuq l-inċertezza ta' x'seħħ eżattament miż-żewġ żgħażagħ.

**KWISTJONI TA' LESSIKU U ĦSEJJES:**

Huma u jaqraw dawn il-ballati ta' Charles Bezzina, il-qarrejja kapaċi jinnotaw għadd ta' kelmiet li jiffurmaw dak li l-Ingliż isejjaħ *semantic clusters*, mela bħal reġistri lessikali partikolari. Fost dawn jispikkaw tlieta: ir-reġistru lessikali marbut mad-dinja naturali (beraq, qamar, riħ, wied, friegħi, siġar, baħar, bosk, xtajta, ramel, raxx, mewġ, gawwi, blat, sħab, ħalel, xemx, għasafar, fjuri, rdum, sisien, bajja, ċfief); dak marbut mal-esperjenza tat-tbatija u wġigħ (krib, karba, niket, bkiet, diżgrazzja, diqa, hemm, tiġrib, dmugħ, biki, jingħi, traġedja, luttu, muġugħa, imrar, solitarju, mifnija, mnikktin, pjaga, sogħbiena); u dak marbut mal-kunċett ta' biża' (dalma, biża', qatel, demm, waħxija, ħerba, erwieħ, jidfnuh, ddalmet, qalila, ksieħ, reżħa, abbiss, feroċi, qillietu, qalil, ħemda, għajtet, xehret, dellijiet, difnuhom, intradmu, ombri, sajjetta, xitwa, baħħ, iljieli, ċimiterju, imkaħħla,

rovini, dagħbien).

Interessanti li bħala kliem f'dawn l-erbatax-il ballata, l-iktar li tintuża hija "baħar", u warajha jsegwu "mewġ/a/iet" (fit-tieni post), "riħ", u "bikja/biki/jibki" u simili (fit-tielet post), "karba/krib" u "sies/sisien" (fir-raba' post), u "lejl/a" (fil-ħames post). Il-kelma "baħar" tintuża 32 darba u hija akkumpanjata minn aġġettivi bħal "imgħaddab", "mgħaddab", "feroċi", "irvillat", "imħarrek", "iswed", "sewdieni", "kalm u sabiħ", "imqalleb", "ħarkien", "qalil", u "imqareb"; u minn verbi bħal "irvilla", "jibla'", "jitħabat", "jitkarrab", "jitqalleb", u "jitqalla'". Hemm żewġ waqtiet meta naqraw "baħar man-nawfraġji" u "ħabbat il-baħar", filwaqt li l-kelma "baħar" waħedha tintuża 10 darbiet. Il-kelma "mewġ" hi segwita minn kliem bħal "karab" (x2), "qawwi" (x2), "spjetat", "jogħla", "ikrah", u nsibu waqtiet meta jintużaw "mewġ il-baħar", "mewġiet isiru ħalel" (x2), "mewġ dejjem ġej" u "mewġ" waħedha. Il-kelma "riħ" hi akkumpanjata minn kliem bħal "bla mistrieħ", "jonfoħ", "kiesaħ", "jingħi", "jokrob" u "goff", imma naqraw ukoll "barma tar-riħ", "jitkaxkar mar-riħ" u "żiffa tar-riħ". Mal-kunċett ta' "bikja/biki" u simili nsibu użati dawn: "bikja tas-snin", "ġrajja ta' bikja", "biki tar-riħ", "bikjiet", "jibki mas-sies", "jibki lix-xwejjaħ", "jibki magħha", "jibku mill-ġdid", "jibku, jolfqu", "tibki t-tfajla" u "tibki, tolfoq".

Fuq livell ta' konsonanti użati naraw li fl-ewwel post hemm l-'s' (518-il darba), segwita mill-'ħ' (368), il-'k' (303), ix-'x' (260), u l-'q' (256). L-'s' tikkontribwixxi biex iżżid fis-sens ta' misteru li fihom huma mleffa dawn il-ballati; il-'ħ' b'xi mod ma tintrabatx biss mal-ħoss tar-riħ, imma wkoll twassal ċertu sens ta' biża' u kesħa; ix-'x' twassal il-ħoss tal-baħar, li hija wkoll l-iktar kelma użata f'din il-ġabra ladarba bosta ballati huma ambjentati f'dan l-ispazju; il-'k', 'q' u 'g' (din tal-aħħar tintuża 27 darba) huma kkunsidrati bħala konsonanti ħorox u għalhekk jikkontribwixxu biex iwasslu l-ħruxija tas-sitwazzjonijiet traġiċi u waħxija deskritti f'dawn il-ballati.

**GĦELUQ:**

Il-ballata mhix xogħol li jintrabat mal-passat biss, imma taf twassal emozzjonijiet friski anki lill-qarrej kontemporanju. Dawn ta' Charles Bezzina jfakkru li hemm ċerti spazji speċjali li jintrabtu ma' ġrajjiet u personaġġi jew karattri partikolari li jibqgħu jidwu matul is-sekli. Bħal donnu mill-art, jew mill-istess baħar, jibqgħu ħerġin vibrazzjonijiet jew ilħna fesfiesa li l-poeta jew il-bniedem sensittiv biss jafu jikkaptaw, iħossu u jisimgħu. Imbagħad, permezz ta' dawn il-ballati miktubin, xogħlijiet mimlijin mużika, ritmu u armonija, mela kompożizzjonijiet li minnhom jagħtu pjaċir meta taqrahom u tismagħhom, Bezzina jkompli jamplifika dawn il-vibrazzjonijiet u ilħna fesfiesa, anki biex ifakkar lil kull bniedem u bniedma li għandna nuru rispett lejn l-art li twelidna u għexna fiha. Hija l-istess art li għexu fiha dawk ta' qabilna u ta' dawk li għad iridu jgħixu fiha anki ta' warajna.

## TIFKIRA

**(B'tislima lil dawk l-Għawdxin li għebu mis-sisien)**

Huma ltaqgħu kif dejjem hekk għamlu
fuq ix-xtajta lluppjata ġrajjiet,
filgħaxija kif l-għabex dlonk rifes,
bit-taħbil ta' misteru fis-skiet.

U t-tnejn tgħannqu kull darba li stqarru
dik l-imħabba ta' żewġ maħbubin,
dik il-ħalfa qawwija ta' qalbhom,
dik il-ħolma sabiħa tas-snin.

U waħedhom, għall-kenn wara blata,
min jaf x'qalu b'għajnejhom, bil-kliem?
Min jaf x'ħażżu fir-ramel f'ħajjithom?
Alla jtihom il-ġenna, u s-sliem.

Il-mewġ karab id-diqa tal-baħar
u r-raxx għola kemm drabi f'bikjiet,
qatt ma jerġgħu ħerqana jiltaqgħu
f'dat-taħbil ta' misteru fis-skiet.

Bosta marru fuq dgħajjes 'il barra,
damu jduru, u jfittxu għal jiem,
il-misteru ta' x'gara sew minnhom,
mewġ il-baħar jinsab mingħajr kliem!

U llum x'gara, żgur ħadd ma jaf sewwa
jew fejn għabu f'dak l-għabex mistur,
ir-riħ jonfoħ vistuż kull filgħaxija
f'dik ix-xtajta lluppjata dulur.

U mal-barma tar-riħ dejjem tasal
għajta stramba li tidwi bla kliem,
għajta kiebja li triegħed il-gawwi,
għajta kerha mitlufa bla lġiem.

Biss, kull sena dil-għajta tinstema'
mar-riħ kiesaħ li ġej mill-Grigal,
filgħaxija fix-xtajta mal-għabex,
kull Novembru, kif dejjem intqal.

**CHARLES BEZZINA**
(Minn *Mill-Ġrajja għall-Ballata*, 2023)





Manwel Cassar (1933-2019)

## MANWEL CASSAR: IL-POETA-PITTUR MALTI-AWSTRALJAN

**Kitba ta' Andrew Sciberras**

Kull tip ta' arti tgħaddi mit-tragward personali għal dak universali, u l-pittura u l-poeżija huma żewġ manifestazzjonijiet artistiċi ta' din ir-realtà. Kull tip ta' arti għandha l-kompożizzjoni tagħha, bħalma għandha l-pittura u l-poeżija. Fejn il-poeta jislet xogħlu bil-virtù tal-isforz tal-moħħ fl-istess ħin huwa f'sinerġija mal-pittur li jsawwar xogħlu b'ilwien u forom. Meta nqabblu l-proża ta' Proust mal-pitturi ta' Villon insibu li dawn ix-xogħlijiet jagħtu sens ta' pjaċir lill-ispirtu iżda huma distinti mill-għaxqa tas-sensi. Fihom it-tnejn insibu x-xogħol tal-kalkolu kif ukoll ix-xewqat tal-perfezzjoni. Stevens jispekula li jista' jkun li aħna qed nittrattaw ma' xi ħaġa li m'għandha l-ebda sinifikat, xi ħaġa li hija r-riżultat ta' imitazzjoni. De Quincy jagħmel distinzjoni bejn il-poeta u l-pittur li huma bħala żewġ imitazzjonijiet, waħda morali u l-oħra fiżika. Huwa jissuġġerixxi li hemm imitazzjonijiet fi ħdan imitazzjonijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-poeżija u l-pittura ma jippreżentawx xejn aktar minn dan. Madankollu, Stevens jinnota li fi żmienna t-tiftixa għall-verità suprema hija t-tiftixa fittizja predominanti li hi aċċettabbli. Kemm il-poeti kif ukoll il-pitturi jagħmlu din is-suppożizzjoni li l-poeżija u l-pittura f'relazzjoni bejniethom huma s-sors tat-tnissil tar-realtà preżenti tagħna. Hawnhekk jiġi stabbilit kunċett filosofiku fejn ir-realtà tinħafen mill-ġdid u tiġi kkreata b'atti poetiċi.

Fix-xogħlijiet tiegħu Manwel Cassar juża ż-żewġ stili tal-poeżija, kemm dak tradizzjonali kif ukoll dak modern bil-varjanti tiegħu. Huwa jħaddem b'sengħa l-mekkaniżmi bħall-onomatopea u l-alliterazzjonijiet kif ukoll l-assonanzi u r-rimi varji. Fuq livell lessikali l-poeżiji tiegħu huma mseddqa bi kliem Semitiku, Taljan u Anglo-Sassonu li jagħmlu l-korpus tax-xogħol tiegħu mastizz. Huwa jitħabbeb ma' gejxa u fl-att sesswali meta torgażma hija twaħħad fil-menti tiegħu l-ħajku u bħal samuraj jisiltu fuq il-kimono tagħha.

Manwel huwa poeta sensittiv u osservatur attent li kapaċi jieqaf u jirrifletti dwar oqsma differenti tal-ħajja. Bosta drabi fi vrusu jipprotesta kontra d-dinja kapitalista li qed ngħixu fiha fejn tqiegħed prezz fuq kollox anki fuq in-nies li sfortunatament jinxtraw u jinbiegħu (speċjalment minn businessmen kbar). Fl-ibgħad qigħan tal-mungbell ta' ruħu hemm minquxa kwalitajiet nobbli fosthom l-imħabba, il-kompassjoni, l-ugwaljanza fis-sens wiesa' tal-kelma, l-onestà, l-umiltà u l-ispiritwalità universali, u f'mumenti allarmanti u rari jiżbroffaw mal-lava mill-bokka u jikwu u jinkaljaw l-atroċitajiet li kapaċi jwettaq il-bniedem. Hu jaqsam l-istess ħsieb ma' Mahatma Gandhi meta dan qal: Int m'għandekx titlef il-fidi fl-umanità. L-umanità hija bħal oċean. Jekk ftit qtar tal-oċean jitħammeġ, l-oċean ma jsirx maħmuġ. Hemm elementi oħra ta' protesta fil-poeżiji tiegħu, fosthom il-qerda tal-ambjent, il-qtil tal-għasafar migratorji u oħrajn imjassra f'gabjetti, l-abort (il-qtil ta' feti innoċenti), ir-razziżmu, it-traffikar tan-nies bħala skjavi u tal-armi, u l-barunijiet tad-droga.

Xi minn daqqiet fix-xogħlijiet tiegħu tinħass ix-xejra paradossali fejn fuq naħa jiddeskrivi l-ħajja bħala belt li hi miżgħuda bl-arterji urbani, hi kanali u ċelloli bħal ġisem uman. U darbi oħra jaraha bħala ommna n-natura mogħnija bi kreaturi mikrokożmiċi u makrokożmiċi li bejniethom isawru xaħxiħa ta' armonija sielma. Iżda b'għaqal bħal ta' volpi l-poeta jirnexxilu b'mod metikoluż isib il-bilanċ bejn id-dinja urbana u dik naturali.

Il-poeta bħal arkeologu jħaffer fis-saffi tal-blat ta' ġo fih biex jiskopri l-misteru, is-seħer u l-enigma tal-vjaġġ tal-ħajja billi jaqra l-fossili, l-elementi primittivi, il-mod kif l-antenati tagħna għexu u raw id-dinja ġewwiena u dik ta' madwarhom. Xi drabi bħal raħeb jinsatar f'xi għar dagħmi u hemm f'kontemplazzjoni profonda jitwaħħad mal-blat tas-silenzju fejn ir-raddi taż-żmien u l-ispazju jibbalzmaw f'istant tal-eternità. Fil-kobor tan-natura hu jerġa' jsib it-tifel ta' ġo fih li kien jieħdu fit-toroq battala ta' fejn lagħab hieni ma' ġgajta subien bħalu u kien jisma' l-ħrejjef imtenna

minn ommu bl-akbar għożża ta' mħabba.

Bħal kull poeta ieħor iġarrab is-solitudni, l-uġigħ, id-dilemma, id-diżappunt, il-biżgħat, id-dubji, il-konflitti interjuri u esterjuri, it-trawmiet, ix-xewqat, l-angst eżistenzjali u l-bqija. Imma t-twemmin f'Alla ġentili u suprem, viċin u infinit, elokwenti u sieket, jimlilu lir-ruħu bi trankwillità, serenità u paċi, u dawn iwassluh biex janalizza fil-fond l-essenza tal-umanità. U hu jgħidilna hekk: 'Jekk il-ħajja sigrieta tal-baħar qatt xi darba tkun tista' tiġi trasposta fuq karta, ma tkunx titkellem dwar xmajjar u xita, glaċieri u molekuli t'ossiġnu u l-idroġenu, iżda l-miljuni ta' tilqigħ ta' ilmijiet imsensla ma' kreaturi ta' natura oħra'.

Nagħlaq billi ngħid li l-arti hija tren li tieħdok lejn verità immaġinattiva jew anki immaġinazzjoni tal-verità fejn il-ħolma tfisser kreazzjoni, fejn l-att tal-kreazzjoni huwa li toħlom, u l-poeta-pittur hu xhieda ta' dan.

## IMKEJJEN TAL-QIMA

Fil-foresti, fil-ġonna, fit-toroq
l-arkitettura msaġġra
ras ma' ras l-ewkalipti,
dirgħajn ma' dirgħajn iserrħu
fuq l-ispallejn fi fratellanza l-pini,
l-awrikarji bi zkukhom weqfin
marsusin ma' xulxin multi-kolonnati,
katidrali maestużi
itella' n-Natura fid-dieher
fuq barra b'ġieħ Ħallieqha.
Qalbha ttenni fil-ħabi tal-qalba
'l isfel taħt l-art
katidrali oħra tibni
għerien imsaqqfin bil-kopplati
b'linef stalagmiti
b'gandlieri stalaktiti
b'kolonni Barokki mremblin blat minn fuq s'isfel
b'rikkezzi jlellxu kristallini
u tibqa' bil-kalċitu ssawwar
bizzilel u drappijiet tad-damask...
fuq ġewwa b'ġieħ Ħallieqha
ixxebbah il-katakombi tal-Insara
ħlief li għonja daqs il-minjieri
tar-Re Salamun.
Il-wiri minn barra,
id-dedika mad-didattika
bit-tqassit u bl-għadd taż-żibeġ
kull żibġa perlina
tinsaff għall-ħlewwa tad-devozzjoni.
Minn barra
ir-radd tas-salib
irodd it-twemmin.
Fil-fond moħbi ġewwieni
ir-ruħ titbiegħed mill-istedin dinji
maqdes toħloq
bil-kwiet tal-meditazzjoni Allija
fejn l-ispirazzjoni
tliegħeb bħaċ-ċarċir mal-blat
sa ma jitqawwa t-tnebbiħ
bħal-leħħ tat-tleqqijiet fil-ħaġar
miksuba b'bews ix-Xemx
b'deffis raġġiha fid-dlam
mix-xquq
ibexxu d-dawl.

## GĦADDIENI

F'dar-raħal minsi
il-paċi
tħannet lubiena
koala
fi ħdan fergħa tal-gomma.
Ultremar
orizzontali
it-triq ewlenija;
vertikali
triq safra kanarin
taqbad magħha;
erbat idjar bojod
bis-saqaf żmerald
erbgħa biss
tal-pupi;
wara nett
l-għoljiet turkważi
imqassma dniefel tat-turkina;
aħdar kadmju l-għelieqi
u merħla nagħaġ krema
tgerrem
tgerrem
dalwaqt tikkonsma
dar-raħal ħlejju...
ejja tpaxxa
għax jilħaq jittiekel
sa mal-fanal
b'dawlu jidheb bl-oranġjo
l-id li qed idendlu
mis-sema
tikfsu w twarrbu.

## MUMENT

Bis-sriep tal-lieva, bifokata
f'żewġ naħiet,
tat-tentazzjoni
żarrattek
sraqtlek qalbek
lilek li kont sraqt qalb ħaddieħor
inserrep ningassa nwaħħad tentakli
għallaqtha
maz-zkuk bl-ingiegeż
tas-siġra tal-ward
li kien jinqatagħlek
xieraq f'bukketti jinqatagħlek
hu b'kollox
issa s-siġra xxewwek
ħdiltu
it-tinwiħ frustrat
dewwibt ta' dbieb il-foresta għadbana
f'orġja l-ġuħ
lanqas laqxa ta' għadmek
ma tgħin il-forensika
boxxla xewwiexa xjaten
jiffaxxnawlek
iwaħwħulek ruħek
f'infern etern
hekk jiena nippassjona
inlabbar
saħtieti mdagħdgħa
fil-kuxxinett ta' qalbek.
Dawn vendikazzjonijiet li sriep ifaqqsu f'moħħi,
avvelanah, avvelenah iħaqqu,
'mma qorq il-ħniena
imidd, jisħoq irjushom.

**MANWEL CASSAR**


Fliegen im eigenen Körper
Deine Lungen füllen & dehnen
Flügel aus rosa Blut, und deine Knochen
leeren sich und werden hohl.
Wenn du einatmest, hebst du ab wie ein Ballon,
und dein Herz ist auch leicht & groß,
schlägt aus reiner Freude, reinem Helium.
Die weißen Sonnenwinde wehen durch dich hindurch,
nichts ist mehr über dir,
jetzt siehst du die Erde als ein ovales Juwel,
strahlend & meerblau vor Liebe.
Nur in Träumen bringst du so etwas fertig.
Wenn du erwachst, ist dein Herz eine geschüttelte Faust,
feiner Staub beschwert die Luft, die du atmest;
die Sonne ist ein heißes Kupfergewicht, das direkt
niederdrückt auf die dicke rosa Haut deines Schädels.
Es ist immer der Augenblick kurz vor dem Schuß.
Du willst & willst aufstehen, aber du schaffst es nicht.
48
Die Verhaftung des Börsenmaklers
Sie brachen die Hände des Musikers,
und als er trotzdem nicht aufhörte zu singen,
erschossen sie ihn. Das kam nicht unerwartet.
Du hast erwartet, daß sie den Dichter kopfüber mit
einem Fuß an der Wäscheleine aufhängen: in deiner Phantasie
hast du sein Haar grün gefärbt. Kunst braucht Märtyrer.
Und dann der Gewerkschaftsführer, die
blühendsten Körperteile mit Elektroden
besetzt, verdrahtet, wie ein
sonderbares zoologisches Diagramm:
wenn du den Mund nicht hältst,
wählen sie den passenden Schrei
für dich. Das ist ein offenes Geheimnis.
Irgendwie hat er es so gewollt.
Wenn du die Zeitung liest – du hast das alles schon gesehen:
die Maschine, die Fingernägel zieht,
die Motoren, das Zubehör,
was man mit der gewöhnlichen Stecknadel alles anstellen kann.
Ganz abgesehen von den Ehefrauen und Kindern.
Wer braucht diese Geschichten,
die zwischen den
Zeilen stehen,
alltäglich und formlos, wie Schnee?
49

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## GĦIDLI

Għidli ħabib ta' dejjem
kif tagħmel biex b'ħiliet
tpitter ix-xeni mżewqa
kuljum mas-sebħ fis-skiet.

Għidli kif kull flgħaxija
tbiddel mill-ġdid ix-xeni
u ssawwar b'dekadenzi
xenarji tant sereni.

Għidli, għidli ħa nitgħallem
inkun iżjed kreattiv,
u noħloq bl-istil tiegħi
kemm xeni, elf motiv.

**CHARLES BEZZINA**

## IL-KOTRA

**B'apoliġija lil Rużar Briffa li tiegħu huma l-ewwel żewġ versi.**

U l-kotra qamet f'daqqa – u għajtet "jien Maltija!
Miskin min ikasbarni – miskin min jidħak bija"

U l-kotra timxi wara taż-żummara
imqar jekk taf li dan qed jidħak biha
u ħalfet illi tibqa' żżomm twemminha
imqar jekk ma kienx baqa' tama għaliha.

Għaliex? Għaliex il-merħla dejjem sabet
l-għoġol tad-deheb li lilu trid tadura,
imqar jekk taf li xejn m'hemm wara x-xbiha
bħal ħmar li jwebbes rasu u ma jdurx lura.

Jien xtaqt li nara 'l Malta ta' wiċċ wieħed
lilhinn minn dawk l-għefiered li firduha
Malta Maltija temmen fiha nfisha
u mhux fl-allat tat-tafal li ġarrbuha.

**ALFRED GRECH**

## IL-LEĦEN

Dak hu! Dak hu!
Leħen mill-bogħod
riesaq bħal għanja ta' għasfur
li ħass li kellu jibdel daru
u jaqsam ibħra issa kwieti
issa suppervi hekk li ma jħallu
'l ħadd imqar jitbissem.
Riesaq! Riesaq!
Isellem 'ix-xemx xiħa għakka
imma dejjem żagħżugħa,
riesaq imma qisu ma jasal qatt.
Iġorr elf kelma issa b'vokali ħelwa
issa b'vokali ħarxa, b'konsonanti
tqal u skabrużi li kultant
ma jħallukx tifhem.
Ili nistennieh jasal
fuq ix-xwiek.
Sal-qamar ħabbaruli
imma hawn jiena ma kellix sabar
u rqadt, għajjien
daqs annimali jitħabtu
għal żaqqhom u jgħejjew

u jħallu l-ġuħ ikiddhom
u jintilfu f'bir bla qiegħ
ta' ħolm, ta' ġiri, ġlied u krib.
U jien ukoll ninsab
nistenna dak il-leħen
li qatt ma jasal.
Imma jkolli nibqa'
nistenna
għax hekk kien wegħidni
qabel beżaqni minn ġufu.

**KARMENU MALLIA**

## KARBA

Meta rajtni fil-masġar
ngħanni bil-flawt tal-imħabba
u nieħu nifsijiet twal minn dak l-ossiġinu,
għoddejtni b'iblah.

Meta rajtni bħal tallab fqajjar b'idejja miftuħa
għajjartni ħalliel.

Meta rajtni bħal qamħa solitarja f'deżert
ħsibtni żbula mormija.

Meta rajtni nonfoħ u negħreq
qgħadt tiddieħek bija.

Meta dad-dmugħ xarrab il-ħamrija.
xerridtha li kien biss qtar tax-xita

sakemm dil-kefrija
kelli f'qalbi nżomm mistoħbija.

**OMAR SEGUNA**

## FTIT FTIT

Il-ħafna xi darba kien ftit.
Żebbuġa żebbuġa jingħasru –
ma jdumux ma jimlew flixkun żejt kbir.

Midluka b'tadam bżenguli,
il-ħobża Maltija
bdiet minn qamħa – qamħ qamħa
saret dqiq biex qabel saret
il-ħobża Maltija ntgħaġnet u nħmiet.

Dil-folja li fuqha qed nikteb
xi darba kienet zokk – zokk zokk
saru folji u minnhom ħarġu riżmi ta' karti
u ssarrfu f'kotba li min iħobb jaqra
mingħajrhom ma joqgħodx.

Hekk jien, iż-żmien illi għandi,
xi darba kien jiem u xhur imbagħad snin
biex flimkien dawn kollha kabbruni kif jien.

**MARIO ATTARD**

## L-GĦADU MISTUR

l-għadu mistur, l-għajn li tara u ma tidhirx,
ma jħabbarx triqtu l-għadu misħut mistur
itiegħeb lil kull min iħabbat fuq biebu...
l-għadu mistur b'sejf tqil bla mistura
hu bħall-id mixgħuba u mirgħuba
l-għadu ħajjen b'għamad kattiv
hu bħall-id bis-swaba' kiefra
tgħakrex, tgħarrex, tfittex
kull ġwejjed tan-natura,
lill-ġwejjef jitriegħdu
jitraħħmu jitniehdu
jibku bil-ħniena...
il-għadu mistur
dalma misteru
għadu misjur
f'tarf bla sur
hu misteru
li mistur.
ja dulur
oskur,
mur!
mu
r!

**JESMOND SHARPLES**

## WARD QALB IX-XEWK. WARDA QALB XEWKA

Ward qalb ix-xewk,
qalb fjura,
n-nektar fuq xofftejn niexfa.
Balzmu, bżar inraxxax
jistenna qatigħ
meraq l-imħabba safja.

U nissaffa ma' kull tingiża sagra,
u ma' kull waqgħa nissaħħaħ.

Warda qalb xewka,
bruda fi fjura f'maxura,
b'nektar, fuq xofftejn niexfa.
Bruda, f'qalb fjura matura.

**JESMOND ZERAFA**

## KARBA TA' FETU

Missieri karab, skossja, x'ħin żeragħni
bla kont, u bla qies xejn
ġewwa ġuf ommi...
U ommi tniehdet, tkagħwġet,
werżqet bħal miġnuna,
maħkuma mill-effett tal-eroina,
li żied ikebbes fiha nar l-orgażmu,
x'ħin għal mument insiet għal kollox
il-flus illi missieri, qabel neża',
ħallielha fil-kexxun tal-komodina...

Missieri mar, bla ommi ħabblet rasha
min kien, bla lanqas biss taf ismu;
f'idejha kellha flusu,
u magħha, għadha mwaħħla, riħet ġismu...
U jien ġo fiha, lest sabiex nissawwar,
imħejji sabiex, bħalha, ngawdi l-ħajja...

Met'hija ntebħet bija, tatha rasha
ma riditnix, rat kif se teħles minni,
taqlagħani minn ġo fiha,
tarmini biċċa skart f'landa taż-żibel...

U issa qiegħed nibki ġo ġuf ommi,
nistenna id il-bojja ġġebbed fija,
taqlagħni minn għeruqi,
tiċħadli nifs il-ħajja, nir is-sema,
dijet ix-xemx, li qatt ma tiddi fuqi...

Qatt ma se nduq ħalib minn sider ommi,
biss demmha, x'ħin jgħarraqni, jimla ħalqi,
iċarċar ma' ħaddejja,
qabel ma l-iswed sfiq tad-dalma eterna
jifgali l-aħħar karba fuq xofftejja!

**ALFRED PALMA**

## LILL-BANDIERA MALTIJA

Rajtek fil-paċi, fuq il-bjut ferħana
u ħielsa tperper, mal-fewġiet, fid-dija:
il-għira dejjem t'artijiet setgħana
il-qawwa u l-għaxqa tat-tajfiet Maltija.

Rajtek fil-gwerra, fuq il-ħerba tagħna
imqattgħa tħammar tal-ulied bid-dmija...
Thedded imqita fuq is-swar Sultana,
taħkem fuq l-għadu ta' qawwiet ġgantija.

Il-paċi tħobb, imma int taf tkun qalila
ma' min hu kburi u jeħodha miegħek
u tissielet kontrih b'kull qawwa u ħila.
Hu dan, bandiera, dan li jagħmlek kbira!

Għax int twelidt tixhdu l-istorja tiegħek
biex dejjem ħielsa tgħix, u qatt ilsira.

**ĠUŻÈ DELIA S.J.**
**(Minn *Meta Toħlom il-Qalb*, Giov. Muscat & Co. Ltd, 1962)**

## DEATH OF A STRAY CAT

It moves slowly squatting on its hind legs
eyes glimmering yellow agony;
this is the last
of its nine lives already spent.
The cold spits its anger in convulsive rage.
Like crystal bullets the hail
unloads pelting its rib cage.
Its last meow sounds
like a new born child.
Smoke from chimneys bursts
forming breath-like clouds,
vanishes into frozen lights.

It searches for shelter,
shakes gelid water from its paws.
It wishfully eyes the high wall,
but its swift perfect agility
is only in the distant past.
Darkness closes in,
the rain drizzles to a stop.
There is no sound or stir.
The milk in the plate remains untouched.

**RAYMOND FENECH**
**(Minn *Growing with the shadows*, Adelaide Books, 2918)**

## QUDDIEM IR-RITRATT TA' TFULITI

Par għajnejn, bħal kwiekeb, jiddu,
wiċċ żagħżugħ, xagħar twil 'il fuq,
ħaddejn ħomor, ġbin bla mkemmex,
fomm imbissem u mitbuq.

Għajnejja grew fuqu
u ltaqgħu flimkien,
u bdejt naħseb waħdi:
Dan jien? Jew mhux jien?

Fejn hi dik il-ħeġġa
t'għajnejn sħaħ u sbieħ?
U ħmurit ħaddejja
lewn qxur it-tuffieħ?

Fejn marret il-maxta
tax-xagħar lewn id-deheb?
Jaħasra! jaħasra!!
- Żidt ngħid - Kollox għeb!

Mir-ritratt dak il-fomm sieket,
bla ma ċaqlaq xejn l-ilsien,
qalli biss b'għajnejh f'għajnejja:
bejni w bejnek hemm iż-żmien!

**MATTEW SULTANA, Kappuċċin**
**(Minn *Weraq u Ward*, Veritas Press, 1970)**

## INEVITABBLI DAL-BIKI GĦALIK

Issa li rabbejt għarfien universali
u ġisem imsidder,
qed ittini dahrek bewwieġi.
It-tmellis tat-trabi
sar idejqek.
Sal-barka tal-għożża rrinunzjajt,
bħal keffet il-qalziet
il-kurdun umbelikali qtajt
għax xebbgħek il-fsied.
Qtajtni minn saqajja dakinhar
meta b'email tikwi stqarrejtli
li din bejtiti m'għadhiex darek,
bla ċensura ridt tesplora u tiskopri,

imwebbla mill-fantasiji tal-oroskopji.
Kun af, sakemm riġlejja jibqgħu jagħtuni,
anke fuq bsaten bi wġigħ infernali,
Talita binti nibqa' nitgħaxxaq bik
jekk terġa' tfittex lil tamieti-ħolmieti fik,
u nerġa' nħossok tagħfasni b'tgħanniqa
li qatt ma ċħadtlek sa min-nieqa.

**JONATHAN BALZAN**

## FL-ILSIEN TIEGĦEK TQIL

fl-ilsien tiegħek tqil
inħoss reġimenti jitħarrku mqanżħa
b'ilbieshom goff u imdallam
- għaliex ma tinżgħux?

fl-ilsien tiegħek tqil
inħoss is-silġ jagħqad u l-ġlata
fi pjazez kbar bla kulur
- itini nqabbdek ħuġġieġa

***

u forsi tqum l-għada xmara
b'ilsienek mieles

- u forsi għajnejk jirtabu

**SIMONE INGUANEZ**
(Minn *ftit mara ftit tifla*, KKM, 2005)

## RIZZA

('*In my end is my beginning*' - T.S. Eliot: The 4 Quartets)

stilla sewda ġo baħar ċar
tispunta bħal fjur imbeżża'
mill-blat li niżel jinħeba

forsi waqgħet mis-sema
jew tkaxkret mill-għargħar -
waqt it-tidwir tal-alka
tħalltet twaħħlet mal-fdal...

il-miti tal-ħolqien
mhux kważi dejjem
b'xi qerda tal-elementi bdew?

**MARIA GRECH GANADO**
(Minn *taħt il-kpiepel t'għajnejja*, KKM, 2014)

## IL-KAMRA

Mal-art il-pupa mkissra ta' tfulitek.
Miż-żewġ saqajn, sieq waħda,
ir-ras miftuħa ktieb,
l-għajnejn magħluqa.

Baqgħu l-idejn,
it-tnejn
miftuħa, jfittxu jħaddnu
pupi oħra.

Iżda fil-kamra xejn
ħlief kejla dawl għajjien dieħel mit-tieqa,
kif daħal ilu s-snin u jibqa' jidħol
sakemm xi ħadd jiftillu mit-tieqa jagħmel ħajt.

Tibqa' hemm il-pupa mkissra
sa tiġborha int mill-art,
u b'daqsxejn ta' libsa lixxa
tostor dak il-fdal mill-bard.

Niftakar jiena wkoll!

Il-pupa fl-aqwa tagħha,
il-logħob mimli twerżiq
f'dil-kamra llum imneżżgħa
... u barra xita sfiq.

**MARJANU VELLA**
(Minn *Qoffa Riħ*, Edizzjoni TAU, 1985)

## IL-GEORGE CROSS

Neħħuh minn hemm. Isimgħuh jokrob kiebi
leħen Dun Karm minn qabru f'Ħaż-Żebbuġ,
ifakkarna f'kitbietu: biex ilwien
is-Sbejħa tagħna li ssellmilna sielma
minn fuq il-bjut ma jibqgħux jingħu aktar.
X'għandu x'jaqsam San Ġorġ ma' Malta tagħna
fuq tifkira tal-bronż mir-Re Ingliż
biex grazzi jgħid tal-ħidma sfiqa tagħna
tul l-aħħar gwerra illi fiha nqbadna?
Tibżgħux; il-poplu Ingliż ma staħax jaħrab
mill-Għaqda Ewropea, allura minna;
ġie jitmejjel mill-għaqda u refa' l-ankri,
ġie jitmejjel mill-ħbieb. Allura issa
se nibżgħu aħna nċarrtu din iż-żieda
li ħarbtet żewġt ilwien dejjem ferħana?
Bandiera ċara: Bajda u Ħamra biss.
Isa, aqbdu l-bajrow, tibżgħux tiffirmaw,
poeti, rumanzieri, tradutturi,
aħwa lkoll miegħi fis-saltniet tal-Arti.
M'iniex se nistenniekom. Dun Karm l-ewwel;
warajh se nkompli jien. Il-firma hawn taħt.

**KARMENU MALLIA**

## ĦAJKU

Quddiem dal-baħar
nixxennaq mergħat usa'
fejn ħsiebi jimraħ.

Hekk kif ilmaħtu
das-sema 'l ruħi nifed,
bla nifs ħallieni.

**PATRICK SAMMUT**

## LILL-ĦANFUSA

Hawn, fuq l-art taflija
li tieqaf u tiżżerżaq lejn il-baħar ikħal,
waħdek, ħanfusa ċkejkna,
taħdem minsija.
Għax ħadd ma jafek, ħadd ma rak għaqlija,
kulħadd lin-naħla jfaħħar
għax tagħti l-għasel;
u int hawnhekk, 'il bogħod minn għajn in-nies,
kollok bżulija.

Jien biss li rajtek,
tgerbeb lejn id-dar qoxra boċnija
bosta akbar minnek, għax b'moħħok ċkejken,
akbar minn ta' bosta
li, jgħidu, jafu ħafna,
għaraft b'saqajk timbotta, ddur u taħdem
u ġġorrha lejn id-dar
bl-akbar tbatija.

Bħalek jien li minsi naħdem dejjem
mingħajr tgawdija u ħadd ma jafni;
nikteb, naqra, nħożż waħdi, għalija,
mitluf fix-xogħol u ngħix
ħajti moħbija.

**ALFRED CARUANA RUGGIER**
(Minn *Vatum Consortium jew Il-Poeżija bil-Malti* ta' Karmenu Vassallo, 1968)

## ĦAJKU

Jilgħab il-mewġ
max-xtajta taħt il-qamar
pizzikanna.

**JOE FRIGGIERI**
(Minn *Mitt Ħajku*, Filprint Publications, 1997)

## THE FAITH OF LEAPING

You need the faith of leaping
to get on the road
that leads to the light
Let yourself go...
Jump like the mountain goat
from his boulder
Slide like a trout
in the cold fast current
Fall like a thousand-year-old cedar
sensing the soft moss below
Dig down in the dense earth
like a badger
Float like the fish-eagle
then turn just one feather
out at the edge,
And begin that silent
roll-and-dive

**VICTOR V. VELLA**

## IL-MEWĠ

Ġewwa l-qala ramlija
javvanza l-mewġ
bi dħulija liema bħalha
bħal min hu ta' ġewwa,
u bis-swaba' żienja jirmixka ċ-ċagħaq
u jġiegħlu jkarwat
bħal ċekċik ta' kastanjoli...
bħal tektik ta' tnabar imbiegħda.

Inkejjuż il-mewġ... qatt ma jixba'
bħal namrat imbergħen
jieħu korsa lejn ix-xatt
u kollu ragħwa jitgħannaq u jitfissed
u jirkeb u jinħall fil-għaxwa tal-passjoni.

Għal elf darba jerġa' jiġi u jmur...
jimbotta u jirtira...
għal elf darba
radda wara radda...
f'logħba mqarba
qatt xebgħan jitbewwes
bla ma jrabbi l-għaqal.

**ACHILLE MIZZI**
(Minn *Ġenesi*, Horizons, 2017)

## IS-SETGĦA

Kemm jinżel ħlejju
ġewwa l-pulmuni
l-oppju tas-setgħa.
L-ego jissiefaq
fis-sħab fil-għoli
tal-Ħimalaja,
u l-massa ħiemda
taħti żonqrija,
kbira ġgantija,
għall-kelma tiegħi
titmantar fl-art.
Elf eku jidwi
tal-berqa ragħda
mal-erba' rwiefen
bla qatt jixtarru
ir-rieda tiegħi
iżda jitriegħdu,
rashom imilu
għal ħjiel ta' moħħi
kif jaqbel lili,
jiftel il-waqt.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
(Minn *Mill-Bikri għall-Imwaħħar*, 1996)

## ĦAJKU

Bajja mistura
li sibt fiha ġenna sliem;
inti biss jonqos.

**VICTOR FENECH**
(Minn *PS. Il-Muża Mħallta*, Horizons, 2018)


A ARTE DE PRODUZIR EFEITO

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## COSMOGONY

Night after night
(after midnight)
I build forests at the windows
(So that the memory
of hungry birds
for immortality
doesn't fly away from my dreams).

I like to believe that
while waiting for an angel
I don't dream of elms
and the silver of glassy leaves
and the ignited fires of words
passed into a scream
to pour over my mouth
stories.

Strung without glory
like the unset gems
in a crown
the threads of black sand
in an hourglass
begin to weep.

Silence sprouts deeply
into a wail,
it does shadow searches
for its wounded bellow,
the she-wolf kills her cub
with an arrow.

I place fireflies on my forehead
to illuminate
the spirit of the lost forest
beyond the walls.

The voices of the forest keep narrowing
until they disappear altogether
into the mother's embrace.

**MARIANA STRATULAT**
*Is-Serbja*

## GUARDANDO LE STELLE

Ho perduto lo sguardo nelle stelle
per cercar sapienza,
ma guardando la luna
ho scoperto il mio dolore.
Con volto riflesso in un ruscello
una lacrima dagli occhi
mescolata all'acqua pura
si perde verso il mare.
Cavalli infuocati
confusi nell'azzurro
galoppano col mio passato.
Come schiuma che galleggia
sulle onde viaggiano i ricordi.
All'orizzonte c'è un cuore amante
che non può esser vero
perché l'inverno cede il passo all'estate
e l'estate cede il passo all'inverno.

**SILVIO PICA**
*L-Italja*
(Minn *Rosso Crepuscolo*, Seledizioni Ed., 1988)

## POETRY, A THERAPY OF LIFE

Poetry:
the most fantastic duet
of time and space,
the soul's cider,
a product of thought's embroidery,
the most sensational and rarest burst of coloration,
lava,
release of fervour with more positive energy,
a rainbow beyond colours...
A trigger of the beginning
of a journey to the beautiful unknown
angels' dancing, love cantatas,
a Class of Prophets
Oreads' dancing in vital scenes of Heavens
flowers in the river of greenness,
poetry, a nutrient of the soul,
remained without a soul:
a trigger of the "trapped" protest,
illumination of graces,
an appeal for non throwing into abysses,
avoidance of deadfalls,
a symbol of unforgetfulness
the poetry causes death lie onto the coffin of death...
Poetry, a therapy of beyond life.

**KRISTAQ F. SHABANI**
***L-Albanija***

## GRAVEDIGGERS

Two-faced wind
ruffles the hair of gravediggers with cracked faces,
with rough hands,
with blisters from the endless digging of pits
and burying beardless heroes
with broken dreams and withered hopes,
that here on the erased space
they sown their youth.
Humpbacked was their fate,
the forehead looks to the ground,
flags of bloody shirts are flying.

They, full of life, and the life empty,
so empty that it blows away their hopes
through the bullet and sharp knives holes
that destroy the youthful élan.

The gravediggers are still digging, exhuming,
they clog up the nameless bones and pieces of flesh
that never stopped bleeding
and the earth greedily devours its children.

The gravediggers are still digging...

**ALIKI TELESKU**
***Ċipru***

## THE SUN

All colours come from the sun. And it does not have
any particular colour, for it contains them all.
And the whole Earth is like a poem
while the sun above represents the artist.

Whoever wants to paint the variegated world
let him never look straight up at the sun
or he will lose the memory of things he has seen.
Only burning tears will stay in his eyes.

Let him kneel down, lower his face to the grass,
and look at light reflected by the ground.
There he will find everything we have lost:
the stars and the roses, the dusks and the dawns.

**CZESLAW MILOSZ**
***Il-Polonja***
**(Minn *New and Collected Poems 1931-2001*, Penguin, 2005)**

## POEM IN HONOUR

So he once was. He invented zero.
In an uncertain country. Under a star
now perhaps gone dark. Between dates
to which no one will swear. Without even
a questionable name. Without leaving
beneath his zero any pearls of wisdom
about life, which is like what. Or a legend
that one day he scribbled zero
on a plucked rose and bound it in a bouquet.
That before he died he took to the desert
on a hundred-humped camel. That he nodded off
beneath the palme d'or. That he will awaken
when everything is counted
down to the last grain of sand. What a man.
He escaped our notice through the crack
between fact and fiction. Immune
to every fate. He shakes off
every shape I give him.
Silence grew over him, without a voice's scar.
Absence mimicked the horizon.
Zero writes itself.

**WISLAWA SZYMBORSKA**
***Il-Polonja***
**(Minn *Map. Collected and Last Poems*, Mariner Books, 2016)**

## LACRIME DI ZINGARI

Vado al mare.
Il grande mare mi viene incontro.
Quando ci incontriamo a metà strada
io piango, perchè
il mare azzurro non può entrare
nei miei occhi neri.
Non posso andare al mare
non so nuotare.
Così ci fissiamo a lungo.

**NEDELJKO TERZIC**
***Is-Serbja***
**(Maqluba għat-Taljan minn Giacomo Scotti)**

# Minn Fuq

## 1- Ixkaffa






## *ĠRAJJIET MINN BUFIES*, ta' Andrew Briffa u Charles Briffa, Horizons f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2024

Isem il-Prof. Charles Briffa huwa familjari magħna lkoll, kemm bħala awtur ta' bosta kotba ta' natura akkademika dwar lingwa u letteratura, kif ukoll bħala leħen fuq ir-radju li jgħaddilna ħwejjeġ interessanti ferm dwar ilsien art twelidna u l-isbuħija tiegħu. Għat-teenager Andrew Briffa hemm dinja tal-istħajjil ġejja minn żgħoritu. Andrew sawwar dawn il-ġrajjiet u nannuh (Charles) fetaħ fuqhom. Dan il-ktieb huwa mgħobbi f'sens ta' storja u l-kittieba jistennew li l-qarrejja jkunu ftit intelliġenti u immaġinattivi biex jidħlu fl-istħajjil tal-kittieba u jgħixu l-istorja. Ir-relazzjonijiet bejn it-tfal tal-ġrajjiet u l-Bufisien jagħmlu l-improbabbli aktar improbabbli. B'hekk il-fantasija hawnhekk issir sensittiva u tħoss is-sentimenti tal-karattri – kemm dawk reali u kemm dawk li mhumiex veri. Dan il-ktieb tajjeb għat-tfal il-kbar tal-primarja. L-illustrazzjonijiet huma ta' Sarah Pisani.

Dan hu ktieb ieħor f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni. L-għan tagħha hu li xxerred u ssostni prattiċi tal-litteriżmu tal-ogħla kwalità għal persuni ta' etajiet differenti tul ħajjithom kollha. Fost l-inizjattivi tal-Aġenzija hemm il-programm 'Bil-Ħila Tagħkom' li permezz tiegħu tħeġġeġ lill-edukaturi joħolqu riżorsi attraenti bil-Malti, f'kollaborazzjoni mad-djar tal-pubblikazzjoni lokali. Dawn il-kotba qed jitqassmu b'xejn fl-iskejjel tal-istat. Ir-riżorsi ppubblikati jinkludu kotba kbar, kotba tal-qari, leħħiet, kartelluni, kotba diġitali, applikazzjonijiet għat-tablets, logħob edukattiv, CDs u animazzjonijiet viżivi.




## *FEHMIET U GĦARFIEN* ta' Alfred Sant, Quinque, 2024

F'dan il-ktieb ġdid Alfred Sant jagħtina għadd ta' saġġi u artikli bil-Malti u bl-Ingliż li kiteb mis-sena 2013 'l hawn. It-titlu tal-ktieb jirrifletti l-mod kif inhu mqassam, jiġifiqri f'żewġ tawsimiet ewlenin. Fl-ewwel taqsima, 'Fehmiet', naqraw dwar l-istituzzjonijiet, l-identita Ewropea, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda għall-ħelsien, il-proċess ta' Ħelsinki, Malta, l-Ewropa u l-bqija, l-identità Għawdxija, u iktar. Fit-tieni taqsima, 'Għarfien', Sant jikteb dwar personalitajiet li ħadmu fil-qasam tal-politika bħal Karmenu Mifsud Bonnici, Dr. George Vella, Marie Louise Coleiro, Eddir Fenech Adami, Charles Miceli, imma anki dwar Charles De Gaulle, l-Arċisqof Oscar Romero, kollha mpoġġijin fil-kuntest storiko-soċjali li għexu fih. Hemm ukoll bħal tielet taqsima, fejn Sant jikteb dwar il-manifest Ambjentali tal-kittieb Paul P. Borg, il-Moviment Qawmien Letterarju, u l-każ Manwel Gellel. Għalhekk fi ktieb bħal dan naqraw dwar l-Ewropa u l-valuri tagħha, ġrajjiet internazzjonali tal-imgħoddi li għadhom parti mill-preżent tagħna, u anki l-ambjent, il-kultura u l-letteratura. S'intendi, kollox hu miktub mill-perspettiva ta' dan il-bniedem ta' kultura wiesgħa, intellettwali, u politiku ta' esperjenza kbira kemm f'Malta kif ukoll fil-Parlament Ewropew, u għalhekk niġu mwissija li mhux kulħadd se jaqbel ma' kulma jsib miktub f'dan il-ktieb. B'dan il-ktieb Alfred Sant ikompli ma' dak li beda f'volumi preċedenti bħal *L-Impenn għall-Bidla* (1987), *Malta's European Challenge* (1995), *Perspettivi/Perspectives* (2012), u oħrajn. Għalkemm dan mhux xi rumanz, dramm jew ġabra ta' novelli, li għalihom hu magħruf Sant, *Fehmiet u Għarfien* huwa ktieb miktub f'lingwa ċara, mexxejja, u mmirata biex tinftiehem mill-qarrej medju. Dawn tiegħu huma kitbiet li żgur jgħinu lill-qarrejja jifhmu aħjar kif taħdem id-dinja ta' madwarna magħmula minn aspetti bħall-politika, l-ekonomija, u l-qagħda soċjali u kulturali.




## *TAQBILIET MILL-ISPTAR MONTE CARMELI*, ta' Guido Brincat

Fid-Daħla għal din il-ġabra ta' versi miktubin minn Guido Brincat, Martin Bugeja, li ġabar it-taqbiliet u ppubblikahom f'għamla ta' ktieb jikteb hekk: "Niftakar qisu kien ilbieraħ, allavolja issa għaddew kważi tletin sena. X'ħin kont nidħol fid-dormitorju biex ngħidu kelma, hemm kien ikun, bit-typewriter fuq il-komodina ħdejn soddtu (ma kienx hemm laptops dak iż-żmien) u Guido jtektek fuq din l-imbierka magna, li żgur kienet taħdem bis-sahra! 'Daqt miegħek ta, Martin. Baqagħli l-aħħar ftit versi', dlonk kien jgħidli. Kemm kont niggustah narah jinfexx f'dan id-delizzju tiegħu, wiċċu mixgħul b'dik it-tbissima jittajpja b'entużjażmu liema bħalu, l-istess entużjażmu li għenu, flimkien ma' versatilità kbira, biex huwa sawwar mijiet ta' taqbiliet fuq diversi suġġetti kollha differenti minn xulxin. Ħaġa tassew tal-għaġeb meta wieħed jirrifletti ftit fuq iċ-ċirkustanzi li taħthom Guido kien qed jgħix." Għalhekk nifhmu li dak li għamel Martin Bugeja hawn huwa ġest ta' mħabba u altruwiżmu, ladarba ħareġ għad-dawl versi li ħarġu direttament minn qalb bniedem li għadda żmien twil maqful bejn erba' ħitan. Daqqa t'għajn lejn it-taqbiliet turi li huma miktubin fl-istil tradizzjonali f'għamla ta' kwartini, bir-rima mqabbża u versi fil-maġġoranza tagħhom settenarji, ottonarji u novenarji. F'dan il-ktieb hemm biss għażla żgħira tat-taqbiliet li kiteb Guido Brincat, iżda biżżejjed biex tfakkarna li l-ispirtu tal-bniedem kapaċi jkisser il-ktajjen tal-mard mentali u jxejjen il-madmad li dan iġib miegħu. Huma għalhekk versi li nkitbu fid-dlam biex iġibu magħhom id-dawl. B'hekk ifakkruna li fejn hemm il-ħajja hemm it-tama, dik li d-dawl jirbaħ fuq id-dlam. Dawn ta' Guido Brincat huma versi li jimmiraw biex jagħmlu l-ġid u jistiednu lill-qarrej jagħmel it-tajjeb (*Min Jixtieq id-Deni* u *Agħmel il-Ġid*), jieħdu l-forma ta' talba (*Il-Madonna tal-Karmelu* u *Ġesù Bambin*), jispiraw ruħhom mid-dinja naturali (*Il-Ħanfusa* u *Il-Lelluxa*), jistiednu għar-riflessjoni (*Il-Bniedem Daħkan*, *Il-Fomm Magħluq*, u *Min Jimxi*), jittrattaw tiġrib uman (*Il-Mewt*, *L-Uġigħ*, u *Uġigħ ta' Żaqq*), jittrattaw aspetti li jintrabtu direttament ma' Malta (*L-Iljieli Sajfin*, *Il-Festi Reliġjużi u Profani*, *L-Ilsien Malti*, u *Malta Indipendenti*). Fis-sempliċità tagħhom huma versi profondi.




## *VASSALLI F'IL-ĦOLMA MALTIJA*, ta' Matthew Theuma, SKS, 2012

Dan hu ktieb ta' 150 paġna, maqsum f'5 kapitli, li jittrattaw xogħol ewlieni tal-kittieb mibki Frans Sammut, ir-rumanz *Il-Ħolma Maltija*, dwar il-ħajja ta' Mikiel Anton Vassalli. Huwa t-teżi li Matthew Theuma kien kiteb għall-Baċellerat tal-Arti bl-Unuri fil-Malti. Il-ktieb jiftaħ bi studju mill-pinna tal-Prof. Oliver Friggieri intitolat "Il-Personalità Letterarja ta' Frans Sammut". Issegwi wara "Preżentazzjoni" minn iben Frans Sammut, Dr Mark A. Sammut, bniedem ta' kultura vasta bħal missieru. Fil-Kelmtejn Qabel, Matthew Sammut jikteb: "Matul dan l-istudju għandek qafas dettaljat dwar *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut mhux biss dwar x'wassal lill-awtur biex jagħżel li jimraħ dwar dan is-suġġett, iżda dettalji mirquma dwar in-nisġa u l-kontenut tar-rumanz innifsu. Barra minn hekk għandek issib dehra tal-fil li uża l-kittieb matul il-karriera tiegħu fil-kitba tar-rumanzi li wittew it-triq għal *Il-Ħolma Maltija*. B'xorti tajba f'din il-ġabra ta' kapitli tista' tgħarrex fl-għodda professjonali li ħaddem Sammut flimkien ma' viżjoni fir-reqqa ta' ħsusu li b'paċenzja u b'qalb kbira għoġbu jaqsam miegħi." Kemm hu veru, kapitlu 5 huwa intervista twila li Matthew Theuma għamel lil Frans Sammut fl-4 ta' Mejju 2006. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-werrej naraw li fost l-aspetti li Theuma jittratta nsibu "L-awtur u l-protagonista" (Kap. 1); "Ir-rabta bejn l-istorja u l-immaġinazzjoni" (Kap. 2); "L-eroj bħala personaġġ" (Kap. 3); u "Ir-rumanz bħala xogħol letterarju" (Kap. 4). Fil-ktieb insibu tagħrif dwar ir-rumanz Malti, mir-romantiċiżmu għall-moviment il-ġdid; Vassalli u Bonaparti; Vassalli u l-ħbit tal-Armerija; Vassalli bħala studjuż u bħala ħassieb-mexxej, u aktar. Fi tmiem il-ktieb hemm inkluża Biblijografija abbundanti marbuta mas-suġġett, u anki Indiċi tal-Ismijiet. Dan hu studju kemm aċċessibbli kif ukoll erudit fejn Theuma jlaqqagħna ma' Mikiel Anton Vassalli kif sawru Frans Sammut, x'aktarx l-akbar fost id-dixxipli ta' Missier l-Ilsien Malti. Theuma juri li *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut illum hu kapulavur tal-Letteratura Maltija Moderna. Permezz ta' dik il-pubblikazzjoni riċerkata Theuma jfisser min hu Frans Sammut u r-rivoluzzjoni li għen titwettaq fil-Letteratura Maltija, imma jagħtina wkoll il-muftieħ għas-sigriet ta' *Il-Ħolma Maltija*.




## *POĠĠI*, ta' Gabriel Lia, 2024

Dan hu ktieb ta' 180 paġna b'kitbiet mill-pinna ta' kittieb żagħżugħ li jħobb il-Malti u jaħdem fil-qasam tal-ġurnaliżmu. Fid-Daħla naqraw li f'dan il-ktieb se nsibu: "Dokumentazzjoni ta' kif il-bniedem iħossu meta jkun waħda.... Ħarsa lejn l-anzjani tagħna, illi minkejja li forsi ma jafux jgħoddu, qed jispiċċaw jiġu nnumerati. Sempliċiment vulnerabbli. Meta aħna kollha kemm aħna vulnerabbli." Aktar tard naqraw, "F'soċjetà li lanqas nafu min huma l-ġirien tagħna, minn xiex għaddejjin l-għeżież tagħna u kif qed iħossuhom dawk ta' madwarna, ħassejt li b'xi mod kelli nittratta dan kollu. Il-bniedem mhux numru." U fil-fatt dan il-ktieb huwa mimli umanità, huwa att altruwista li jqiegħed għad-dawl l-imwarrbin, fuq kollox l-anzjani tagħna. Gabriel Lia jwaħħad il-kreattività tiegħu ma' notamenti ta' telefonati reali, djarju ħaj t'anzjana, poeżiji ta' stranġieri, u ritratti. Il-ktieb jinqasam f'taqsimiet li jingħataw l-ismijiet tax-xhur, anki biex niftakru fit-tema taċ-ċikliċità, l-idea li hemm ħwejjeġ li jirritornaw kull tant żmien. Hekk naqraw fl-ewwel kitba: "Kull sena tibda bħal ta' qabilha..." Dawn ta' Lia huma kitbiet li għandhom mill-poeżija, mill-proża, mid-drama. Jitħaddmu fonts ta' qisien u stili differenti, u hemm paġni fejn il-kitba hi iswed fuq l-abjad, oħrajn fejn il-paġni huma suwed u l-kitba bl-abjad. Apparti l-kitbiet mill-isbaħ, b'Malti mirqum u li jdoqq għall-widna, *POĠĠI* hu akkumpanjat minn għadd sabiħ ta' ritratti bil-kulur u bw li l-awtur stess ħa matul dan il-vjaġġ tiegħu li laqqgħu ma' bosta anzjani. Huwa innotahom mill-bogħod, qorob lejhom, poġġa ħdejhom, fehem li bżonn tagħhom hu dak li jitkellmu mqar ma' xi ħadd, u qagħad jismagħhom bis-sabar imma anki bi pjaċir kbir. Għalhekk *POĠĠI* hu ktieb dwar tiġrib il-ħajja u jfakkarna li l-anzjani huma bnedmin ħajja, bi storja x'jirrakkuntaw: it-tfulija u l-imgħoddi, il-familja, in-namur, l-ulied u n-neputijiet, il-passatempi, is-saħħa u l-mard, l-uġigħ, il-waqtiet ta' ferħ u ta' diqa, is-solitudni, it-twemmin u t-talb, il-ħidma, it-temp. Anki r-ritratti waħedhom jgħidu storja: ix-xagħar jeħfief, it-tikmix u l-ġilda tittebba', il-passiġġata mid-dar għall-ħanut u lura, il-bżonn tal-mistrieħ, imqar fuq bank jew għatba ta' bieb, is-saqajn infaxxati, il-bastun, il-*walker* u l-papoċċ komdu, il-ħarġa fil-ġnien fejn tgħid kelma, il-logħob tal-karti, il-bitħa bil-pjanti, l-inkwatri reliġjużi mdendlin mal-ħajt, l-ikoni, l-istatwetti u r-ritratti tal-familja fuq il-gradenza, il-kuruna u r-rużarju, il-kelb bħala kumpanija, il-qasba u s-sajd, is-sigarett, l-arloġġ tal-ħabel mal-polz, l-isqaq u t-tieqa li tagħti għal barra, is-sett tar-radju tas-snin '80, il-kitba tal-versi reliġjużi, il-kċina, il-*cooker*, u t-tisjir, is-siġġu jew il-pultruna favuriti u s-sigħat twal mgħoddija fis-solitudni.




## *ID-DIVINA COMMEDIA. MONOLOGU*, Adattament ta' Alfred Palma, Horizons, 2024

Wara li fl-1991 Alfred Palma ppubblika minn butu t-tliet volumi tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri maqluba għall-Malti minnu stess, u wara li ħarġet edizzjoni ġdida u sħiħa fl-2021 mill-KKM, ma setax jonqos li t-traduttur jippubblika l-*Monologu*, biċċa xogħol teatrali twila siegħa maħduma mill-attur bravissimu Mario Micallef fl-2010. Kienet l-ewwel darba li dan ix-xogħol klassiku ġgantesk ġie ppreżentat fit-teatru f'Malta. Dan il-ktejjeb ta' 44 paġna għandu 'Kelmtejn Minn' ta' Mario Micallef u 'Studju Kritiku' ta' Dr Patrick Sammut, segwiti mill-*Monologu*, anki dan maqsum fi tliet partijiet, *L-Infern*, *Il-Purgatorju* u *Il-Ġenna*, it-tliet taqsimiet ewlenin li fiha Alighieri qasam il-poema tiegħu. Fi ftit paġni Palma jirnexxilu jissintetizza f'għamla ta' proża u b'Malti mill-isbaħ il-ġrajja-vjaġġ fantastiku li Dante jagħmel fid-dinja ta' lil hinn. Jakkumpanjaw it-test hemm inklużi wkoll xi disinji ta' Gustave Doré. L-intenzjoni ta' dan il-monologu-ktejjeb hu dak li min forsi m'għandux il-ħin biex jaqra l-poema Danteska sħiħa – li ttul mal-14-il elf endekasillabu – la fl-ilsien oriġinali u lanqas fil-Malti, ikun jista' jieħu idea tajba ferm tal-kontenut u t-tematika tagħha fi ftit paġni u b'ilsien li jifhmu bla diffikultà. Mela dan ta' Palma huwa rigal ieħor lill-poplu Malti u fl-istess ħin turija ta' mħabba lejn ilsien art twelidna, u dan fi żmien meta lsienna għaddej minn perijodu diffiċli tassew.







## *MALTESE AS A FOREIGN LANGUAGE TO JUNIORS* ta' Charles Daniel Saliba, BDL, 2024

Charles Daniel Saliba huwa magħruf sew għall-pubblikazzjonijiet tiegħu biex jgħallem il-Malti bħala Lingwa Barranija u l-Malti Mediku. Għalhekk dawn iż-żewġ volumi mhumiex l-ewwel ta' dan l-awtur u edukatur li l-għan tiegħu huwa li jgħin lill-barranin joqorbu u jsiru jafu ilsienna. Madankollu, din id-darba, flimkien ma' BDL Publishing, fassal sensiela ġdida, immirata għal udjenza iżgħar fiż-żmien, bl-isem ta' *Maltese as a Foreign Language to Juniors*.

L-ewwel livell ta' din is-sensiela bilingwi (Malti/Ingliż, Livell A1, il-livell tal-bidu), li huwa bbażat fuq il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (CEFR), fih żewġ kotba: *Learning Maltese 1* u *Learning Maltese 2*.

L-ewwel ktieb huwa mmirat għal dawk li se jibdew jitgħallmu l-lingwa u l-kultura Maltija filwaqt li t-tieni wieħed jibni fuq il-ktieb preċedenti u jenfasizza approċċ progressiv ta' tagħlim. B'dawn il-kotba l-istudenti jistgħu jitgħallmu l-alfabett Malti u l-ħsejjes tiegħu; jitgħallmu kliem bażiku kkategorizzat skont il-binja tiegħu; jitgħallmu r-regoli prinċipali tal-grammatika bażika bl-użu ta' approċċ tematiku; jisimgħu kull djalogu/kuntest jinqara bil-Malti Standard minn kelliema nattivi; jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kultura Maltija; jużaw attivitajiet prattiċi differenti għal tagħlim u reviżjoni effettivi; jipprattikaw l-erba' ħiliet lingwistiċi: is-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba; u jużaw it-taqsima tal-Kisbiet mit-Tagħlim biex jivverifikaw jekk laħqux l-għanijiet tal-unità. Dawn il-kotba huma ideali għal dawk li għadhom se jibdew jitgħallmu l-lingwa u huma adattati għall-użu minn individwi, minn gruppi jew f'ambjent ta' skola.

Dawn il-kotba għandhom inkluż magħhom l-awdjo biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi Maltin jaqraw it-test u jipprattikaw id-djalogi bejniethom. Barra minn hekk, Saliba fassal ukoll ktejjeb ta' tweġibiet għall-eżerċizzji li jinsabu f'dawn il-kotba, li jista' jitniżżel b'xejn minn dan is-sit: www.bdlbooks.com Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok żur, www.charlesdanielsaliba.com

Il-kotba f'din is-Sensiela huma approvati mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.




## *NOTI FUQ ID-DEMM U L-LAĦAM* ta' Shahd Alshammari, Faraxa, 2024

F'120 paġna dan il-ktieb - jew *Notes on the Flesh*, li ra d-dawl fl-2017 - jiġbor fih stejjer, parti memorji, parti narrattiva dwar mard, stejjer parzjalment fittizji, parzjalment veri. Hekk tgħidilna l-kittieba stess fil-Prologu. Iżżid li dawn huma taħlita ta' ilħna, fuq kollox stejjer fuq in-nisa: dawk li jħobbu jew dgħajfin wisq biex iħobbu, nisa li jiżżewġu għal għajn is-soċjetà, nisa li jibżgħu mill-irġiel jew li jitilqu lill-maħbubin tagħhom, nisa li jitħabtu biex jingħataw edukazzjoni, u oħrajn li ma jistgħux jagħmlu ħaġ'oħra ħlief jiġġieldu biex jieħdu dak li hu tagħhom. Shahd Alshammari tgħallem il-Letteratura u l-Istudji tan-Nisa fil-Kuwajt u għalhekk il-kitbiet f'dan il-ktieb huma ambjentati fil-Kuwajt, u jirrakkuntaw trawmi siekta u pjaċiri mrażżna. It-tema li tgħaqqad il-kitbiet kollha hija l-imħabba, anki kif din taħbat mal-identità, mas-soċjetà u mar-reliġjon. Hija dik l-imħabba li għandha wkoll is-saħħa biex tfejjaq il-ġisem marid, offiż jew umiljat, u dan f'soċjetà li tibqa' tifred. Il-kitbiet miġburin f'*Noti Fuq id-Demm u l-Laħam* jinqasmu f'żewġ partijiet: 'Mitografija', fejn insibu inklużi tmien kitbiet, u 'Ilħna ta' Maħbubin', fejn huma inklużi disa' kitbiet. Tiftaħ bi Prologu u tagħlaq b'Epilogu. Huma kollha kitbiet li ma jtulux ħafna bħala paġni u dan hu vantaġġ għall-qarrej li jixtieq jaqra xi ħaġa interessanti bla ma jegħja u jiddejjaq. Permezz ta' dan il-ktieb Publikazzjonijiet Faraxa, flimkien mat-traduttur u editur tal-kullana Traduzzjonijiet Faraxa, qed inkomplu ningħataw l-opportunità li naqraw u napprezzaw f'ilsienna xogħlijiet ewlenin tal-letteratura dinjija, anki dawn miktubin minn kittieba nisa importanti.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont